DIĊEMBRU 2024 ĦARĠA NRU. 081

# il-pont



RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

# Werrej


| | |
|---|---|
| 5 | Editorjal |
| 7 | Aħbarijiet |
| 15 | Reazzjonijiet, Ittri, Ideat |
| 18 | L-Intervista \| Charles Xuereb |
| 21 | L-Intervista \| Charles Bezzina |
| 26 | L-intervista \| David Samuel Hudson |
| 28 | L-Intervista \| Anton Sammut |
| 33 | Il-Ballata tal-Kunċizzjoni - W. Gulia |
| 36 | Rakkont ta' Carmen Refalo |
| 39 | Rita Gatt dwar Joe Felix Cachia |
| 41 | Rakkont ta' Jane Micallef |
| 44 | *Poeżiji u Esejs Kritiċi* ta' A. Sciberras |
| 46 | Reċensjoni - *The Shadow*, Poeżiji Gaża |
| 49 | Il-Poeżija mill-Pinna tal-Maltin |
| 55 | Versi lil Hinn minn Xtutna |
| 58 | Minn Fuq l-Ixkaffa |



# Editorjal

PATRICK SAMMUT

Ta' min nibda b'nota qasira dwar il-Festival tal-Ktieb 2024. Mill-ftit li stajt nara b'għajnejja u minn dak li smajt anki min-naħa tal-pubblikaturi u kittieba differenti, uħud minnhom anki ħbieb tiegħi, il-pubbliku Malti ma naqasx milli jattendi matul il-ħamest ijiem li fihom seħħ dan l-avveniment taħt it-tinda tal-MFCC f'Ta' Qali. Rajt bosta ġenituri u wliedhom ħerġin ferħanin b'basktijiet mimlijin bil-kotba. Kien hemm ukoll okkażjonijiet fejn it-tfal, imma anki l-pubbliku inġenerali, seta' jiltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' għadd ta' kittieba lokali magħrufin u oħrajn emerġenti. Kien hemm okkażjonijiet fejn it-tfal semgħu lill-istess kittieba jaqraw mill-kotba tagħhom. Imbagħad fis-swali differenti, fosthom fis-Sala ta' Qarrejja u dik tal-Kittieba, il-pubbliku seta' jattendi għal tnedijiet ta' kotba differenti jew taħditiet dwar suġġetti varji. Din id-darba nnutajt ukoll li kien hemm iktar postijiet fejn wieħed seta' jpoġġi u joqgħod josserva dak li jkun qed iseħħ taħt it-tinda waqt il-Festival tal-Ktieb, jew jaqra xi ktieb li jkun xtara minn hemm stess, jew jixrob kapuċċino u jitkellem ma' persuni li bħalu jew bħalha jħobbu l-qari u l-ktieb. Anki t-toroq tal-madwar, inkluż il-parkeġġ qrib it-tinda, kienu mixgħulin aħjar minn snin imgħoddija. Ta' dan kollu proset lill-organizzaturi u parteċipanti kollha.

F'rabta ma' dan kollu ta' min jgħid però li mhux il-pubblikaturi jew il-bejjiegħa tal-kotba kollha offrew prezzijiet daqstant vantaġġjużi li setgħu jħajru lil iktar Maltin jixtru ktieb jew tnejn. Dan bla ma ninsew il-fatt li f'dawn l-aħħar xhur il-prezz tal-karta għola immens u għalhekk il-pubblikaturi tal-kotba daħlu għal iktar spejjeż.

Ħaġa oħra, jew aħjar xi mistoqsijiet: X'qed isir fl-iskejjel, l-iktar fil-livell sekondarju biex l-istudenti jitħajru jaqraw iktar?; Għaliex l-għażla tal-kotba li huma parti mis-sillabi uffiċċjali hija limitata?; Għaliex ma jingħatax iktar ħin matul il-jum skolastiku lill-attività daqstant importanti bħalma hija l-qari, mhux biss bil-Malti imma anki b'ilsna differenti, issa li Malta għalqet 20 sena fl-Unjoni Ewropea u issa li f'pajjiżna stess in-numru ta' barranin li jitkellmu ilsna differenti żdiedu bl-eluf?; Għaliex tlifna t-tielet lingwa, li kienet it-Taljan?

Hemm inizjattivi tajbin ferm bħal dawk li qed isiru min-naħa tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Qari li qed jagħmlu minn kollox biex iħajru lit-tfal jaqraw sa minn età żgħira. U hemm ukoll l-idea li jinfetaħ daqt ċentru tal-ktieb fil-Belt Valletta min-naħa tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

IL-PONT jissuġġerixxi li parti mil-lezzjonijiet li jintrabtu mal-lingwi u l-letteratura għandhom isiru fil-librerji, kemm tal-iskejjel kif ukoll f'dawk reġjonali jew saħansitra fil-librerji ta' ċentri tal-kultura mmexxijin minn aġenziji nazzjonali barranin. U waqt dawn il-lezzjonijiet isiru anki laqgħat wiċċ imb wiċċ bejn l-istudenti tal-lingwi u l-kittieba, kemm lokali kif ukoll barranin. Dan jista' jkun mod ieħor u effettiv kif jiżdied sa minn età tenera l-interess fil-qari u fil-ktieb.

Fejn jidħol il-ktieb m'għandhiex tidħol il-politika fis-sens wiesa'. Iva, anki fid-dinja tal-ktieb hemm il-politika ladarba anki hawn il-ħuta l-kbira tiekol lill-ħuta ż-żgħira. Min jinsab qrib dan l-ambjent jaf xi jfisser dan eżattament. L-awtoritajiet ikkonċernati għandhom jaraw ftit min verament jinteressah mid-dinja tal-kitba, tal-ktieb u tal-letteratura, u min qiegħed hemm biss sakemm dan jirrendilu flus u profitti, xejn iktar. Fejn hemm il-ktieb hemm fuq kollox l-IMĦABBA, dik ġenwina.

Minn hawn nawgura lill-qarrejja ta' IL-PONT ***Milied Hieni***.



Edicola S. Agostino
NEON LECCO
AutoCapital
RANGE ROVER SPORT
epocAuto
ALFA 164
RUOTECLASSICHE
FERRARI 456 GT
Youngtimer
Aeronautica e Spazio
alvento
ELABORARE 4x4
ERCaos
LOWRIDE
AUTO
PORSCHE CAYMAN
La Manovella
ASI VINCE
TRENO
Fuoristrada d'Epoca
CAMPER
AUTUNNO ON THE ROAD
nautica
Barche
LINGUAGGIO
RISTORANTI D'ITALIA

# Aħbarijiet

MID-DINJA LETTERARJA

### IL-KITTIEBA MILL-KOREA T'ISFEL HAN KANG TIRBAĦ IL-PREMJU NOBEL GĦAL-LETTERATURA 2024



[Ritratt: https://han-kang.net]

Nhar l-10 ta' Ottubru 2024 ġiet imħabbra r-rebbieħa tal-Premju Nobel għal-Letteratura 2024. Din is-sena dal-premju prestiġjuż rebħitu l-kittieba mill-Korea t'Isfel Han Kang "għall-proża poetika intensa tagħha", kif ħabbret l-istess Akkademja Svediża. Din hi l-ewwel darba li dan il-premju ntrebaħ mill-Korea t'Isfel. Han Kang hija rebbieħa "żagħżugħa" f'rabta ma' dan il-premju ladarba għadha kemm tagħlaq l-54 sena fis-17 ta' Novembru li għadda. Ir-rumanz tagħha *The Vegetarian* rebaħ il-Premju Booker fl-2016 u dan poġġa lill-awtriċi fuq livell globali. Dan ir-rumanz tagħha ġie tradott għall-Ingliż disa' snin wara li ħareġ fil-Korea t'Isfel. Kang iddebuttat fil-qasam tal-letteratura bħala poeta fl-1993, u fl-1995 b'ġabra ta' novelli bl-isem ta' *Yeosu*. *The Vegetarian* jittratta d-djalettika bejn il-protagonista mara u d-dinja vjolenti tar-raġel. Kang twieldet fil-belt ta' Gwangju f'Mejju tal-1970. L-aktar rumanz reċenti tagħha hu *I Do Not Bid Farewell* u bih rebħet il-Premju Medicis fi Franza fl-2023, u l-Premju Émile Guimet fl-2024.

### JITFAKKAR IL-POETA NAZZJONALI DUN KARM PSAILA



Fir-ritratt membri tal-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti flimkien mal-President ta' Malta

Nhar il-15 ta' Ottubru 2024, Festivals Malta għan-nom tal-Kumitat Festi Nazzjonali u l-Akkademja tal-Malti fakkru lill-Poeta Nazzjonali Dun Karm b'serata taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta li saret fis-Sala Agatha Barbara fil-Palazz ta' Sant'Anton, Ħ'Attard, bit-tema "Dun Karm minn Lil Hinn". Matul is-serata ħadu sehem Mro Dominic Galea, il-kantanta Francesca Bezzina u s-Sinjuri Mario Xuereb, Joseph Galea u Antonella Galea Loffreda. Is-serata bdiet bl-Innu

Malti kantat mit-Tenur-Bumbardier Georg Zammit flimkien mal-Banda tal-Forzi Armati u ntemmet b'diskors mill-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono. Il-President ta' Malta appellat għal sens ta' patrijottiżmu kritiku Malti li jibni fuq il-passat u l-preżent, fl-istess waqt li jħares lejn il-futur. Qalet li dan għandu jixprunana sabiex "Malta tfittex li tgħaqqad lil uliedha naturali u dawk adottivi f'ponn wieħed." F'dan is-sens, u fl-isfond taċ-ċelebrazzjonijiet tas-sittin sena mill-Indipendenza u l-ħamsin sena ta' Malta Repubblika, il-President enfasizzat il-bżonn li "nerġgħu nħarsu mill-qrib lejn dak kollu li jgħaqqadna, lejn dak kollu li jiddistingwina u li jagħmilna min aħna." Is-serata mużiko-letterarja ħadet is-sura ta' intervista ma' Dun Karm Psaila imżewqa b'qari ta' wħud mill-aqwa sunetti u poeżiji mmużikati minn Mro Dominic Galea. Is-Sur Charles Coleiro qara s-sunett "L-Għanja mill-Qabar Tidwi" miktub għal din l-okkażjoni. Għas-serata attendew mistiedna distinti, fosthom bosta awturi membri tal-Akkademja li kkontribwew fl-oqsma letterarji u lingwistiċi ta' lsienna.

**LAQGĦA MA' KITTIEB TALJAN FL-ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA**



Enrico Terrinoni
[Ritratt: laletteraturaenoi.it]

Bħala parti mill-24 edizjoni tas-Settimana della Lingua Italiana, li din is-sena kellha t-tema "L'italiano e il libro: il mondo fra le righe", nhar is-17 ta' Ottubru ġie mniedi r-rumanz *A Beautiful Nothing* ta' Enrico Terrinoni. F'din l-okkażjoni l-awtur kien intervistat mid-Direttriċi tal-Istituto Italiano di Cultura, Dr Serena Alessi. Dan huwa l-ewwel rumanz ta' Terrinoni li jirrakkonta dak li jgħaddu minnu żewġ studjużi, wieħed għalliem xiħ u l-ieħor student żagħżugħ, bit-tnejn jippruvaw iħollu misteru marbut mal-ftit xhur li l-awtur Irlandiz James Joyce għadda f'Ruma fil-bidu tas-seklu 20, u iktar lura fiż-żmien, mal-esperjenzi li għadda minnhom il-filosfu Giordano Bruno - li Joyce kien iqis bħala l-predeċessur ideali tiegħu - li ġie maħruq pubblikament f'Ruma fis-17 ta' Frar 1600. Enrico Terrinoni ttraduċa xogħlijiet ta' kittieba bħal Joyce, Wilde, Orwell, Shaw, Hawchorne, Melville, u oħrajn. L-edizzjoni tiegħu annotata u bilingwi tal-*Ulysses* ta' Joyce (Bompiani, 2021) rebħet il-Premju Internazzjonali Capalbio għat-Traduzzjoni. Flimkien ma' Fabio Pedone, Terrinoni ħadem fuq il-verżjoni tradotta u annotata tal-volumi finali ta' *Finnegans Wake* ta' Joyce (Mondadori, 2017- 2019) li għaliha rebħu l-Premju Annibal Caro.

**TAĦDITA F'ĠIEĦ IL-POETA NAZZJONALI DUN KARM PSAILA F'GĦAWDEX**




Joe Camilleri waqt it-taħdita tiegħu f'Għawdex

Nhar is-17 ta' Ottubru 2024, il-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar organizza "Taħdita f'Ġieħ il-Poeta nazzjonali Dun Karm Psaila (1871-1961) Ħajtu u Ħidmietu" minn Joe Camilleri. Dan sar fil-foyer tal-Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, ir-Rabat, Għawdex. Il-kelliem beda biex fisser kif Dun Karm ġibed l-attenzjoni ta' letterati u ta' studjużi sa mill-ewwel xogħlijiet bit-Taljan u bil-pubblikazzjoni *Foglie d'Alloro*, ġabra ta' poeżiji li kien kiteb bejn l-età ta' 17 u 24 sena. Wara, Camilleri poġġa lil Dun Karm u kitbietu fil-kuntest tal-epoka tiegħu: Malta kolonjali kkaratterizzata minn kundizzjonijiet u differenzi soċjali, u minn nuqqasijiet ta' opportunitajiet. Għalkemm ta sehmu f'ġeneri oħra ta' kitba, inkluża l-lessikografija, il-kelliem analizza lil Dun Karm prinċipalment bħala poeta. Flieh mil-lat ta' qassis ħassieb, fl-ispirtu tar-raħli, u mil-leħen taċ-ċittadin suprem. Joe Camilleri nfilsa tagħrif bijografiku – inklużi l-waqtiet iebsa tas-solitudni tal-poeta - biex iżewwaq u jilħaq l-interessi ta' firxa usa' ta' semmiegħa. Għalaq billi fakkar x'kien ikkummenta l-Prof. Oliver Friggieri, li Dun Karm kien sab djalett imkasbar, ħaddmu, u ħoloq minnu medju artistiku. Għal din l-attività attendiet rappreżentanza mill-kumitat tal-Akkademja tal-Malti – xi ħaġa li kienet apprezzata ħafna.

**IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB BĦALA PARTI MILL-ENLIT**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) ħabbar bi pjaċir li ġie aċċettat fin-Network Ewropew għat-Traduzzjoni Letterarja (ENLit) wara li lejn nofs Ottubru 2024 ittieħed vot waqt il-laqgħa ġenerali annwali li seħħet fil-Frankfurt Book Fair. Id-Direttur Eżekuttiv tal-KNK Simona Cassano kienet hemmhekk sabiex targumenta favur l-inklużjoni tal-KNK fl-ENLit qabel ma ttieħed il-vot. Enfasizzat l-isforzi tal-KNK biex iwieżen u jmexxi proġetti ta' traduzzjonijiet minn u lejn il-Malti. Il-parteċipazzjoni fl-ENLit hija turija ta' kemm il-KNK kommess li jgħolli l-profil tal-awturi, it-tradutturi u l-pubblikaturi Maltin, u fl-istess ħin jikkontribwixxi lejn viżjoni kollettiva li tippromwovi d-diversità u l-aċċessibbiltà letterarja għal kulħadd.

**DAQT NARAW KITBIET ĠODDA TA' SALMAN RUSHDIE**



[Ritratt: euronews.com]

Il-kittieb Indian-Brittaniku, Salman Rushdie, li llum għandu 77 sena, ħabbar li daqt jaraw id-dawl kitbiet ġodda minn mindu ġie attakkat brutalment b'sikkina f'Awwissu tal-2022 meta tilef għajn waħda. Dawn il-kitbiet ġodda huma tliet rakkonti twal ta' 70 paġna l-wieħed li flimkien jagħmlu xogħol wieħed. Ta' min ifakkar li dan mhux ħa jkun l-ewwel xogħol li Rusdie qed jippubblika minn żmien l-attack fuqu. Fl-2023 ippubblika r-rumanz *Victory City*, xogħol li kien lesta qabel l-incident. Fl-2024 ħareġ ukoll il-ktieb awtobijografiku *Knife: Meditations After an Attempted Murder*, fejn jiftakar l-incident u minn xiex kellu jgħaddi wara, imma anki tentattiv sabiex jerġa' jsib is-saħħa biex jikteb. Rushdie ħabbar dan kollu waqt il-festival letterarju Ukren Lviv BookForum permezz ta' vidjow-telefonata. Huwa spjega li f'dawn it-tliet rakkonti se jikteb dwar tliet dinjiet f'ħajtu: l-Indja, l-Ingilterra u l-Amerka.

**MALTA RAPPREŻENTATA F'ANTOLOĠIJA INTERNAZZJONALI TAL-POEŻIJA**

Il-poeżija Maltija hija rappreżentata f'antoloġija internazzjonali fil-forma ta' e-ktieb https://meusepress.tripod.com/Class.pdf (Meuse Press) li għadha kemm ixxandret bl-isem ta' *Class*. Poeżija ta' Charles Flores, "Driftwood" u "Fergħat u Zkuk Nixfin" fil-verżjoni bil-Malti, tidher ma' għadd kbir ta' xogħlijiet minn kittieba u poeti minn madwar id-dinja. *Class* għandu edizzjoni ta' Les Wicks, hu nnifsu poeta rinomat f'Sydney, l-Awstralja. Meuse Press rat il-bidu tagħha fl-1977 minn meta l-firxa tal-lista tagħhom baqgħet konċentrata fuq il-poeżija. L-ewwel xogħol tagħhom, *Artransit*, kien offra ġabra massiċċa ta' poeżija li kienet segwita minn miljuni ta' qarrejja. *Class* ma jippreżenta l-ebda alternattiva jew ċaħda, iżda għandu l-mira li jifli aspett ieħor tas-soċjetà tagħna llum, li tħalla mingħajr analiżi xierqa. Fid-Daħla tal-antoloġija jingħad: "F'dawn il-paġni ma ssibx xi stil jew għamla ortodossi, iżda lanqas m'għandek sejħa għall-ħolqien ta' xi polemika korali. It-tama tagħna hi li qegħdin inwasslu buffet ta' esperjenzi, perspettivi u proposti." Kif mistenni, ħafna mix-xogħlijiet




huma ta' poeti Awstraljani, b'aktar minn terz mill-kontenut ġej minn sorsi internazzjonali. Minbarra l-Ingliż, hemm xejn inqas minn tlettax-il lingwa oħra, fosthom il-Malti, li jidhru f'dan l-e-ktieb u li jinsab għad-dispożizzjoni tal-qarrejja b'xejn. Xogħlijiet minn ismijiet relattivament ġodda fil-qasam tal-poeżija jidhru mħalltin ma' dawk ta' poeti stabiliti minn madwar id-dinja, fosthom żewġ poeti lawreati nazzjonali.

**PRODUZZJONI TEATRALI F'ĠIEĦ FRANCIS EBEJER**



Fir-ritratt Davide Tucci. [Ritratt ta' Eduardo Enciso]

Bejn il-31 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2024 fit-Teatru Manoel ittellgħu serati ddedikati lil Francis Ebejer bl-isem ta' "Għażiż Francis". Dan sar biex jitfakkar il-mitt anniversarju mit-twelid ta' dan id-drammaturgu u kittieb fl-1925. Matul din il-produzzjoni teatrali ġew iċċelebrati l-ħajja u x-xogħlijiet - fosthom *The Bilingual Writer as Janus*, poeżiji u

drammi bħal *Il-Ġahan ta' Binġemma* u *Menz* - ta' Ebejer. It-test, ibbażat fuq l-istess xogħlijiet ta' Francis Ebejer, kien miktub mill-Prof. Marco Galea, Kap tad-Dipartiment tal-Istudji Teatrali fl-Università ta' Malta. Id-dramm kien dirett minn Peter Busuttil, Adrian Mamo ħa ħsieb il-preżentazzjoni tas-sett, u l-parti mużikali ħadu ħsiebha Andrew Vella Zarb u James Crockford. Bħala atturi ħadu sehem fost l-oħrajn għadd ta' gradwati tal-Istudji Teatrali fl-Università ta' Malta. Dan id-dramm kien ittella' fl-2007, u fl-2008 bħala parti mill-Malta International Arts Festival.

**KONFERENZA DWAR IX-XEMX MILL-HUMS FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

Nhar is-6 ta' Novembru 2024 il-HUMS (Humanities, Medicine and Science Platform), fi ħdan il-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta organizzat għal darb'oħra konferenza, din id-darba bit-tema "The Sun". Il-kelliema li ħadu sehem kienu Dr Connor Sant Fournier (Fiżika), Dr Gordon Caruana Dingli (Astronomija), Ms Erika Puglisevich (Bijoloġija), Dr Omar NShea (Antropoloġija), u Ms Maria Theuma (Letteratura). L-event sar fl-Arts Lecture Theatre (ALT) u ġie ċċerjat mill-Prof. Clare Vassallo.

**ĠABRA TA' POEŻIJI TA' POETA MALTI FOST IL-FINALISTI TAL-CANADIAN BOOK CLUB AWARD**




Il-ktieb *Here Was* (Malta: Horizons u Canada; Word and Deed Publ., 2023) huwa wieħed mit-tliet finalisti tal-kategorija tal-poeżija tal-Canadian Book Club Award. Il-ktieb ġie magħżul minn madwar mitejn ktieb. Din il-ġabra ta' 70 poeżija ta' John P. Portelli diġà ġiet maqluba u ppubblikata f'dawn il-lingwi: Rumen, Taljan, Għarbi, Farsi u t-Tork. Dan kollu sar mingħajr ebda għajnuna ta' xi organizzazzjoni Maltija. Il-ktieb kien ġie endorsjat minn kittieba internazzjonali stabiliti mir-Rumanija, Ċipru, u l-Kanada.

**TAĦDITA MINN DR SERGIO GRECH DWAR IL-KORRISPONDENZA BEJN ĠUŻÈ CARDONA U KARMENA MIKALLEF BUĦAĠAR**



Dr Sergio Grech waqt it-taħdita tiegħu

Nhar is-7 ta' Novembru 2024, l-Akkademja tal-Malti ppreżentat taħdita minn Dr Sergio Grech bit-tema "Il-Korrispondenza bejn Ġużè Cardona u Karmen Mikallef Buħaġar." It-taħdita saret waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, fis-Sala tal-Qarrejja, l-MFCC, Ta' Qali. Matul din it-taħdita Sergio Grech xeħet dawl fuq il-korrispondenza li għaddiet bejn Karmen Mikallef Buħaġar u Ġużè Cardona fis-sittinijiet tas-seklu 20. Mikallef Buħaġar għexet l-Eġittu u wara Londra. Ħajjitha ddedikatha biex il-memorja tal-poeta nazzjonali Dun Karm ma tintesiex. Cardona kien għalliem tal-Malti u għall-MA tiegħu kien ħadem fuq il-bijografija ta' Dun Karm li wara ħariġha fi ktieb mal-Klabb Kotba Maltin imwaqqaf minn Pawlu Mizzi. Grech fittex temi komuni f'dawn l-ittri u ppreżenta l-esperjenza ta' emigranta li qatt ma qatgħet il-kurdun minn mal-pajjiż tal-oriġini tagħha. It-taħdita ppreżentat ukoll lil Mikallef Buħaġar bħala kritika tal-Imperu Ingliż u ta' dak kollu li f'għajnejha kien jikkalpesta l-memorja ta' Dun Karm. Dawn l-ittri huma parti mill-kollezzjonijiet tal-Arkivju Nazzjonali fir-Rabat.

**AMBJENT PINNA! - L-ESPLORAZZJONI TAL-BDIL FIL-KLIMA PERMEZZ TAL-LETTERATURA U L-ARTI PERFORMATTIVI**

Nhar is-7 ta' Novembru 2024 l-ispettaklu 'Ambjent Pinna!' offra esplorazzjoni interessanti tal-bidla fil-klima permezz ta' taħlita unika bejn il-letteratura u l-arti performattivi. Dan l-event ippreżenta monologu imsejjes fuq rumanz ta' David Aloisio, interpretat minn Antonella Galea Loffreda, flimkien ma' monologu ieħor minn Lara Calleja, interpretat minn Miguel Formosa. Ġie inkluż ukoll l-element poetiku permezz ta' xogħlijiet mill-pinna ta' Norbert Bugeja, Nadia Mifsud, John P. Portelli, Elizabeth Grech, Karina Fiorini, Patrick Sammut, u Albert Marshall, element li ħa l-ħajja permezz ta' taħlita ta' qari minn Marceline Galea u Michael Mangion. Din l-esperjenza letterarja ġiet imsaħħa bis-saħħa taż-żfin tad-Dancel Dance Studio u l-għana ta' Mariele Zammit, akkumpanjata mill-mużiċist Albert Garzia. Kollha flimkien, din l-esperjenza artistika offriet ħarsa profonda lejn it-tema ewlenija tal-bidla klimatika, b'espressjoni artistika tikkumplimenta lill-oħra taħt id-direzzjoni u l-produzzjoni ta' Joseph Galea u Antonella Galea Loffreda. Il-post magħżul kien il-Malta Society of Arts fil-Belt Valletta.

## JITĦABBRU R-REBBIEĦA TAL-KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA "DOREEN MICALLEF 2024"




Mil-lemin għax-xellug: Louis Briffa, Carmel Scicluna u Matteo Pullicino

Nhar it-8 ta' Novembru 2024 tħabbru r-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef waqt ċerimonja fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, ippreżentata minn Antonella Axisa. Dis-sena kien hemm aktar minn 58 poeżija sottomessa, u dan ifisser li l-konkors jibqa' punt ta' referenza importanti għal spettru wiesa' ta' poeti Maltin. Il-poeżija 'Ħniex' ta' Carmel Scicluna ingħatat l-ewwel post u premju ta' €1,000 mill-grupp ta' ġurija li kien magħmul minn John P. Portelli, Rita Saliba u David Bezzina. Ftit snin ilu, fl-2021, Carmel Scicluna rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb bil-ġabra tiegħu *L-Ambjent Li Qeridna: Poeżiji* (2017-2020) (Horizons), kif ukoll l-istess Konkors Nazzjonali tal-Poeżija f'dik is-sena bil-poeżija 'Submersi Filii'. L-aġġudikanti tal-konkors iddeskrivew il-poeżija ta' Scicluna bħala "Poeżija b'metafori ġo metafori, metafori friski u estiżi, iżda metafori li jinftiehmu..." Il-poeżija 'Stadji Minn Relazzjoni Fittizja' ta' Louis Briffa ħadet it-tieni post, u tfaħħret għall-mod innovattiv li bih tfiehem il-qalba tal-emozzjonijiet varji tar-relazzjonijiet fil-kumplessità kollha tagħhom. Intant, il-poeżija ta' Matteo Pullicino, 'Dupless' ġiet fit-tielet post, deskritta mill-aġġudikanti bħala poeżija qawwija ħafna li tħaddem b'mod eċċezzjonali l-istil tal-poeżija duplex. Il-Konkors isir kull sena u jkun miftuħ għal kulħadd. Il-poeżija sottomessa trid tkun bil-Malti, oriġinali, u sa massimu ta' 36 vers. Ix-xogħol ikun sottomess bi psewdonimu, u jkun aġġudikat anonimament. Il-KNK irringrazzja lil dawk kollha li tefgħu xogħolhom u lill-membri tal-ġurija. Waqt iċ-ċerimonja l-poeti innominati ġew mistiedna jaqraw ix-xogħol tagħhom. Magħhom ngħaqdet ukoll Leanne Ellul, ir-rebbieħa tal-Konkors tas-sena l-oħra bil-poeżija 'ix-xnigħat ta' xmux u dwalijiet għammiexa'. Dis-sena waqt iċ-ċerimonja kienu preżenti wkoll il-poeta Malti-Marokkin Murad Shubert u l-poeta Emiratjan Ali AlShaali li skambjaw il-poeżiji ta' xulxin fi traduzzjoni.

[Ritratt u tagħrif minn ktieb.org.mt]

## ŻEWĠ KITTIEBA BARRANIN BĦALA MISTIEDNA SPEĊJALI TAL-FESTIVAL TAL-KTIEB 2024

Wieħed miż-żewġ mistiedna illustri għall-edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb 2024 kien l-awtur ċelebri Anthony Horowitz. Imwieled fl-1955, Anthony Horowitz huwa kittieb Brittaniku prolifiku magħruf l-aktar għas-serje ta' Alex Rider u l-istejjer ta' Sherlock Holmes u James Bond. L-aħħar kotba tiegħu ta' *Hawthorne and Horowitz* jesploraw misteri ta' qtil




metafittizji. Horowitz ħalla impatt ukoll fil-film u t-televixin bħala kittieb tal-iskripts f'serji bħal *Midsomer Murders* u *Foyle's War*. Anthony Horowitz ta masterclass dwar ir-rakkuntar tal-istejjer. F'okkażjoni oħra Horowitz tkellem dwar il-karriera tiegħu mimlija suċċessi fil-kitba fittizja tal-polizjesk waqt avveniment immexxi mill-Prof. James Corby mid-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università ta' Malta.




Paul Lynch fi djalogu ma' Emma Mattei

Paul Lynch kien il-mistieden speċjali l-ieħor. Huwa awtur ta' ħames rumanzi, bl-iktar rumanz riċenti tiegħu, *Prophet Song*, li rebaħ il-Premju Booker 2023. Preċedentement huwa rebaħ il-Kerry Group Rumanz Irlandiż tas-Sena u l-Premju Prix Libr'à Nous ta' Franza għall-Aqwa Rumanz Barrani, fost premji oħra. Huwa kien finalist ta' ħafna premjijiet internazzjonali, li jinkludu l-Premju Walter Scott (Renju Unit), il-Premju Ewropew Strega (Italja), il-Prix du Meilleur Livre Étranger (Franza) u l-Premju Jean Monnet għal-Letteratura Ewropea. Il-kotba tiegħu ġew tradotti f'iktar minn 30 lingwa. Lynch ġie intervistat mill-ġurnalista Emma Mattei u l-parteċipazzjoni tiegħu seħħet ukoll bl-għajnuna tal-Ambaxxata Irlandiża f'Malta.

## IMNEDIJA T-TRADUZZJONI TAL-EWWEL VOLUM TAT-TRILOĠIJA *THE THREE BODY PROBLEM* TA' LIU CIXIN

Nhar it-8 ta' Novembru, fis-Sala tal-Qarrejja taħt it-tinda tal-MFCC fejn sar il-Festival tal-Ktieb 2024, saret it-tnedija tal-aktar traduzzjoni reċenti maħruġa mid-dar tal-pubblikazzjoni Faraxa. Din hi t-traduzzjoni bil-Malti ta' John




Jitkellem John A. Bonello [ċentru] u l-Prof. Toni Aquilina [lemin]

A. Bonello tar-rumanz fantaxjentifiku *Il-Problema tat-Tliet Korpi* (*The Three Body Problem*) tal-kittieb Ċiniż Liu Cixin. Hu rakkont li jeħodna fi spazju u żminijiet oħra, filwaqt li jinkixfu bosta misteri moħbija. Waqt it-tnedija nqrat silta mir-rumanz oriġinali direttament fiċ-Ċiniż minn Stephen Cachia, filwaqt li Andrew Sammut qraha kif ġiet traddotta għall-Malti minn John A. Bonello. Waqt is-serata ġew intervistati minn Casey Camilleri - li mexxiet ukoll l-event - kemm it-traduttur Bonello, kif ukoll l-editur tal-kullana Traduzzjonijiet Faraxa, il-Prof. Toni Aquilina. Intwera video clip qasir fejn il-kittieb Liu Cixin stess indirizza lil dawk preżenti għat-tnedija u tkellem fil-qosor dwar it-triloġija tiegħu. Il-lejla kienet imżewqa wkoll minn żewġ diskorsi: wieħed tad-direttriċi taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, Ms Yuan Yuan, u ieħor mid-direttriċi ta' Faraxa, Joanne Micallef.

### ŻEWĠ INKONTRI MILL-ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA




Il-Prof.ssa Maria Rizzarelli (lemin) flimkien ma' Dr Serena Alessi (xellug)

Bħala parti mill-Festival tal-Ktieb 2024, l-Istituto Italiano di Cultura tella' żewġ laqgħat fis-Sala tal-Qarrejja taħt it-tinda tal-MFCC f'Ta' Qali. Dan seħħ nhar id-9 ta' Novembru filgħaxija. Fl-ewwel laqgħa sar djalogu bejn il-Professoressa Maria Rizzarelli (mill-Università ta' Katanja) u Dr Serena Alessi (Direttriċi tal-Istitut Taljan tal-Kultura) dwar il-kittieba minn Sqallija Goliarda Sapienza f'ċelebrazzjoni tal-100 sena minn twelidha. L-attività kienet bit-Taljan.

It-tieni laqgħa kienet taħdita interessanti ferm, permezz ta' preżentazzjoni Power Point, minn Dr Salvatore Giuffré (riċerkatur attwalment affiljat mal-King's College ta' Londra), bl-isem ta' "Exploring the East: Marco Polo's




[Xellug għal-lemin] Dr Salvo Giuffré, Dr Anthony De Giovanni, u Dr Serena Alessi

Journey through Cathay". Dan l-avveniment ittella' f'kollaborazzjoni mal-Malta-China Friendship Society. Id-direttriċi tal-Istituto Italiano di Cultura fetħet b'diskors qasir, segwita mill-avukat Dr Anthony De Giovanni, rappreżentant tal-Malta China Friendship Society li ħa post il-president li kien indispost, Reno Calleja. Matul il-preżentazzjoni Dr Giuffré tkellem dwar *Il Milione* ta' Marco Polo, xogħol fejn jiddeskrivi f'dettall kbir il-vjaġġ tiegħu lejn l-Orjent u l-laqgħa ma' personaġġi kbar bħall-Gran Khan. Fl-aħħar Giuffré wieġeb għal xi mistoqsijiet min-naħa tal-pubbliku li attenda.

### SERATA KOMMEMORATTIVA F'ĠIEĦ OLIVER FRIGGIERI



Waqt mis-serata kommemorattiva f'ġieħ Oliver Friggieri
[Ritratt: Francis Debono, mill-paġna FB tal-Akkademja tal-Malti]

Fil-21 ta' Novembru 2024 ittellgħet lejla kommemorattiva f'ġieħ Oliver Friggieri fil-Palazz ta' Sant'Anton organizzata mill-Akkademja tal-Malti u l-attur Mario Micallef. F'din il-lejla możiko-letterarja, li kienet taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, tnediet il-ħarġa speċjali ta' "Il-Malti" (XCVI, 2023) iddedikata lil Oliver Friggieri li jiġbor fih l-istudji li ġew preżentati fil-Konferenza 'Aħna Ġejna mill-Ġenna' li saret fil-Kunvent tal-Karmelitani fl-Imdina fil-5 ta' Marzu 2022. Din is-serata mużiko-letterarja inkludiet qari ta' poeżiji minn Mario u Nathalie Micallef u Marceline Galea flimkien ma' interventi mużikali minn Vince Fabri u Diane Micallef. Rev. Dr Jonathan Farrugia għamel kummentarju qasir dwar il-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq. Din il-Konferenza ġiet organizzata bejn id-Dipartiment tal-Malti, l-Akkademja tal-Malti u l-Istitut Karmelitan.

### FIL-100 SENA TAT-"TAGĦRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA"



[Ħajr lil Joseph Borg li għaddieli r-ritratt]

F'għeluq il-100 sena mill-pubblikazzjoni tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, l-Akkademja tal-Malti stiednet numru ta' kelliema biex jgħaddulha l-fehmiet tagħhom dwar dan il-manwal importanti li fuqu hi msejsa l-ortografija Maltija. L-interventi tal-kelliema ffokaw fuq aspetti differenti marbuta mat-*Tagħrif*, mill-ħarsa storika li wasslet għall-istandardizzar tal-kitba bil-Malti, sal-prinċipji ewlenin li fuqhom inbnew ir-regoli miġbura f'dan il-manwal. Ġew diskussi wkoll l-aġġornamenti li saru fih matul is-snin u r-reazzjonijiet li kien hemm għalihom. Il-parteċipanti waqt din il-konferenza kienu Dr George Farrugia, President tal-Akkademja li għamel id-diskors tal-ftuħ, il-Prof. Ray Fabri (mistieden speċjali), Daniel Attard, Dr Olvin Vella, il-Prof. Manwel Mifsud, il-Prof. Albert Borg, u Bernice Magro. Ħa sehem ukoll Mons. Lawrenz Cachia permezz ta' filmat. Din il-konferenza saret nhar it-30 ta' Novembru 2024 fiċ-Ċentru tal-Konferenzi f'Dar il-Ħanin Samaritan, Santa Venera, mit-8.30 am sas-1.00 pm u kienet ta' interess għall-awturi, għalliema, studenti, qarrejja tal-provi, u għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-ilsien Malti.

### IL-PROF. ADRIAN GRIMA REBBIEĦ TAL-PREMJU RAINER MARIA RILKE 2024




[Ritratt: mill-paġna FB ta' Adrian Grima]

Il-Prof. Adrian Grima huwa r-rebbieħ tal-Premju Internazzjonali tal-Poeżija Rainer Maria Rilke 2024 permezz tal-ġabra tiegħu, maqluba għat-Taljan minn Virginia Monteforte, *Che farei al termine della notte?*, oriġinalment intitolata *Klin u Kapriċċi Oħra* ppubblikat minn Klabb Kotba Maltin. *Che farei al termine della notte?* kien slezzjonat fost 175 nominazzjonijiet u 11-il finalista.

### TOĦROĠ EDIZZJONI OĦRA TAR-RIVISTA L-AĊĊENT




Għadha kemm ħarġet il-ħarġa numru 23 tar-rivista *L-Aċċent*, maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea. Dan kien xogħol il-bord editorjali magħmul minn Ivan Said, Paul Zahra, Helga J. Zahra u Norman Vella. Bħal dejjem rivista bħal din hija mimlija b'materjal interessanti ferm. Wara Tislima min-naħa ta' Dr Helga J. Zahra bħala kap tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea, u Nota ta' Ħajr lill-istess Dr Zahra min-naħa tat-Tim Editorjali, insibu kitbiet varji. Victor Bonanno jikteb dwar "Il-Lingwaġġ Inklusiv fil-Malti"; Alex Grima jittratta dwar "Wirja Permanenti dwar l-Ilsien Malti fi Brussell"; Andrew Sammut jippreżenta studju dwar "It-Terminoloġija u l-Mekkaniżmi tagħha għall-Iżvilupp tal-Lingwa Maltija"; u Stephen Cachia jikteb dwar ir-rumanz li ttraduċa miċ-Ċiniż għall-Malti bl-isem ta' *Għoljet il-Qasab* ta' Yin Jian Ling. Mark Paul Vella jittratta l-"Verbi Mqarbin. Irregolarità fis-Sistema Verbali Maltija"; David Schembri jikteb dwar il-konferenza bl-isem għal "Niktbu għal Kulħadd"; Paul Zahra jwasslilna analiżi interessanti u dettaljata dwar it-tibdil lessikali f'*Il-Bibbja* ta' Saydon; Ivan Said jikteb studju interessanti u riċerkat ieħor dwar "San Ġwann tas-Salib bil-Malti". Insibu wkoll tliet intervisti jew taħditiet: ma' Mark Vella, li ħadem għal-18-il sena mad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, mat-traduttur u poeta Alfred Palma, u mal-kittieb u xandar Ġorġ Peresso. Hemm żewġ paġni intitolati "Termattualità!", imwassla minn Clyde Triganza f'kollaborazzjoni mat-terminologi Jennifer Debarro u Andrew Sammut, studju tal-mibki Prof. Charles Briffa intitolat "Id-Dizzjunarju Jiggwida". Arnold Cassola jikteb "Memorji ta' Albert M. Cassola u ta' Tfuliti", filwaqt li Joseph Brincat jikteb dwar "Il-Kliem Taljan fil-Malti Standard. Proġett Internazzjonali tal-*Osservatorio degli Italianismi nel Mondo*". Inklużi hemm ukoll paġni intitolati "Il-Poeżija Mistika ta' San Ġwann tas-Salib". *L-Aċċent* għal darb'oħra hu prova ta' tim ħaj u mimli enerġija li kapaċi jwasslilna kitbiet ta' riċerka interessanti f'rabta mal-Ilsien Malti.

# Reazzjonijiet



**Email mingħand Rita Saliba, it-3 ta' Ottubru 2024**

Għażiż Patrick,

Waslet edizzjoni oħra ta' IL-PONT. Inkun qed nistennieha bil-ħerqa din il-minjiera ta' seħer letterarju. Għal darba oħra rnexxielek tiġbor rivista oħra mimlija tagħrif u aħbarijiet li żżommni aġġornata mad-dinja letterarja.

Grazzi tar-riċensjoni tal-ġabra tiegħi ta' novelli, *Ma' Kull Riħ*. Ir-riċensjonijiet ta' kotba minn awturi oħrajn lokali kienu daqstant interessanti.

Nawguralek aktar ħidma fil-qasam letterarju.

Tislijiet,
Rita

**Email mingħand Mario Griscti, it-3 ta' Ottubru 2024**

Għażiż Patrick,

Nizzikħajr mill-qalb ta' IL-PONT, ħarġa t'Ottubru 2024. Mimli kitbiet varji u interessanti. Xejn m'hemm fih li mhux ta' livell. L-Editorjal dejjem jibqa' tmun li jmexxi l-bastiment u jħeġġeġ lill-baħrin ma jabbadunawx ir-rotta. Il-Malti huwa ilsienna u jekk nabbandunaw ilsienna, ikunu rmejna ruħna għax ċħadna artna. Nifraħlek bis-sħiħ tar-reċensjonijiet illustri tiegħek u tal-poeziji profondi tiegħek. Il-poeziji minn pajjizi oħrajn, jistimulaw sfida ġusta lill-poeti Maltin biex (vera li jgħidu li l-paraguni odjużi) nipparagunaw u nkunu nafu fiex aħna f'din id-dinja kontemporanja u x'iqanqal jew x'jista' jew x'għandu jqanqal ħsibijietna. Tislima mistħoqqa ingħatat lill-Prof. Charles Briffa li l-istudji kritiċi letterarji tiegħu juru l-għarfien indimentikabbli tiegħu ta' lsienna. Kittieba Maltin u barranin li telquna, nemmen, li jibqgħu iverrsu f'dimensjoni oħra b'lingwa kuntattabbli li tista' tinftiehem u titwieġeb. IL-PONT jibqa' magazin letterarju elettroniku ta' validità li la tissaddad u wisq aktar, tintemm. Tal-aħħar. Grazzi Patrick talli tilqa' kitbieti b'imħabba, rispett u lealtà ta' ħbieb antiki li aħna.

B'Imħabba:
Mario

**Email mingħand Paul P. Borg, il-5 ta' Ottubru 2024**

Grazzi Patrick,

Għadni ġej mill-funeral ta' Joe Felix Cachia, Alla jaħfirlu issa, missier ħabibna Stephen, poeta żagħżugħ li għandu poeżija tassew profonda. Joe kien ħabib kbir tiegħi, ilna snin twal nafu lil xulxin, għax kien hu wkoll bl-għeruq minn qalb ir-raba' u minn qalb il-bdiewa qodma li kien hemm Selmun. Jaf sewwa l-irwejjaħ, il-ħsejjes, il-ħemda, l-hena, id-dehriet, ix-xemx, ix-xita, l-irjieħ ta' fuq ix-xagħri, tal-Ħawlija u tal-bitħa tal-palazz... il-bhejjem għaddejjin bir-rgħajja jindukrawhom biex ma jmorrux fil-ħsara. Joe kien trawwem hu wkoll fil-qalba tal-identità Maltija u ma kienx jaħmel jara tant Maltin ikagħbru mhux biss l-ambjent u jiksu lill-ħamrija bil-konkos, iżda jara l-ilsien Malti magħkus f'Malta stess u ħafna Maltin ġwejjef tant li dan iħalluh isir bla ma jieħdu passi.

Billi kien bl-għeruq minn Malta qadima, kien bniedem progressist: espert tal-Bonsai, kultura mifruxa u għalliem tal-Fiżika - ix-xjenza kienet tqallgħu il-ħobża ta' kuljum. Forsi għalhekk ukoll ħareġ kemm poeta kif ukoll espert tal-kompjuters ibnu Stephen!

Qbadt naqra ftit IL-PONT, ħajr dejjem ta' dan il-vojt li minn jeddek qiegħed timla. Ħajr ukoll tal-punti li jkun fih u li jkun hemm bżonn diskussjoni fuqhom għax mhux dejjem wieħed ikun jaqbel għalkollox ma' kollox. Ħaġa minn ewl id-dinja! Imma l-problema tiġi dejjem l-istess: il-ħin!

Hu x'inhu hemm ħafna impenn kbir min-naħa tiegħek u ta' dan jistħoqqlok mhux biss grazzi imma tifħir!

Sfortunatament, ma nkunx nista' nibqa' naqra ħafna fuq l-iscreen, inkun ilni għaddej ħin twil b'xogħol ieħor u nkun irrid inserraħ għajnejja. Ġieli stampajtu biex ikunli eħfef naqrah! Kemm hi isbaħ il-karta stampata! Ukoll jekk naf li fil-każ ta' Il-PONT dan mhux possibbli.

Anzi nirringrazzjaw 'l Alla tat-teknoloġija u fl-istess ħin li nqlajt inti biex tużaha!

Mill-ġdid ħajr u nselli għalik.
Paul P. Borg

**Email mingħand Joe Camilleri, il-5 ta' Ottubru 2024**

Għażiż Patrick,

Ħajr ta' edizzjoni oħra ta' IL-PONT. Bħas-soltu, minbarra li tipprovdilna qari varjat, iżżommna aġġornati b'dak li jkun iseħħ fil-qasam letterarju lokali, u sa ċertu punt, barra minn xtutna wkoll.

Napprezza ħafna l-ħidma sfiqa tiegħek b'risq ilsienna u l-arti tal-kelma tiegħu. Għandi ammirazzjoni kbira lejk.

Saħħa u sliem.
Joe Camilleri
Ir-Rabat, Għawdex

**Email mingħand Rita Borg Gatt, is-6 ta' Ottubru 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi għal darba oħra ta' din ir-rivista mimlija tagħrif u kitbiet tassew interessanti. In-novella u l-intervista tassew ma stajtx inħallihom bla ma naqrahom mill-ewwel, daħħluni wisq f'kurżità. L-intervista interessantissma.

Ħajr ta' din il-ġawhra li qed tibgħatilna: rivista mirquma, mimlija ħsieb u xogħol u passjoni lejn il-letteratura Maltija u oħrajn barranin; rivista li sena wara sena baqgħet tistagħna u tisbieħ b'kitbiet u poeżiji u intervisti u tagħrif mill-iprem.

Grazzi ferm,
Rita.

**Email mingħand Carmel G. Cauchi, is-6 ta' Ottubru 2024**

Għażiż Patrick,

L-għodwa t-tajba u nittama li tinsab tajjeb.

Minn qalbi nifraħlek għat-13-il sena ta' IL-PONT u l-wasla tiegħu għall-ħarġa nru 80.

Mhux biss nifraħlek imma wkoll nammirak għall-konsistenza tiegħek li wasslet lil din ir-rivista letterarja għal livell hekk għoli, kemm f'dik li hi teknika u presentazzjoni kif ukoll f'dak li hu kontenut letterarju. Matul is-snin donnok imxejt fuq motto duppliku: konistenza u titjib.

Nemmen li dan il-perjodiku letterarju tiegħek qiegħed jimla vojt kbir fix-xenarju letterarju Malti u jservi ta' pjattaforma għall-kittieba, kemm stabbiliti kif ukoll emerġenti. U naħseb li nista' rroddlok ħajr mhux biss f'ismi imma wkoll f'isem il-kittieba kollha.

Nawguralek li tibqa' tgawdi saħħa u ħeġġa għall-ġejjieni ħalli tibqa' tagħtina IL-PONT matul ħafna snin oħra.

Saħħa u Sliem
Carmel G. Cauchi

**Email mingħand Charles Bezzina, it-12 ta' Ottubru 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi mill-ġdid ta' ħarġa oħra IL-PONT. Issa bdejt nistennieh, għax jaġġornani bil-kotba li jkunu ħarġu, bil-poeżija li qiegħda tinkiteb, bin-novelli u jerġa' b'intervisti ma' nies lokali u barranin. U dan barra l-aħbarijiet li jkun fih. L-editorjal tiegħek ixxokkjani xi ftit, mhux għax ma nafx li l-qari mill-kotba naqas, imma għax il-persentaġġi li semmejt ħasduni.

Il-PONT, bħas-soltu, għandu tifsila sabiħa u mżewqa, iħajjar lil kull min jarah biex jaqra u jaqra aktar u jixtarr dak li hemm. Imma Patrick, ippermettili ngħidlek grazzi tax-xogħol li tieħu int biex tiġbor kull darba daqshekk materjal u tqassmu. Xogħol tal-mehel, li jitlob dedikazzjoni, imma wkoll juri l-imħabba li għandek għal ilsienna u għal-letteratura tagħna ... u kif kulħadd għandu jkollu.

Grazzi.
Tislijiet,
Charles

**Email mingħand Michael Zammit, it-12 ta' Ottubru 2024**

L-għodwa t-tajba! U ħajr. Nammira d-determinazzjoni tiegħek biex twassal teħodna ħdejn din ix-xmara tgelgel b'tant kitbiet.

Saħħiet,
Michael

**Email mingħand Dr John A. Consiglio, it-12 ta' Ottubru 2024**

Grazzi ħafna għażiż Patrick.

Mal-ewwel daqqa t'għajn (ġrejt ġirja tulu bil-mouse!) ħaġa tal-għaġeb l-għadd sabiħ ta' kotba u pubblikazzjonijiet li sabu xi forma ta' trattament u inklużjoni f'din il-ħarġa mimlija bħal bajda... Issa biex noqgħod naqrah bil-kwiet...

Tislijiet mill-qalb u grazzi mill-gdid.
John

**Email mingħand Alfred Caruana Ruggier, is-27 ta' Ottubru 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi ta' IL-PONT ta' Ottubru 2024, Nru. 080, li dejjem ikun fih x'taqra varjetà ta' kitba interessanti, ħafna drabi marbuta ma' x'inhu jiġri fil-letteratura lokali u ta' barra minn Malta.

Din id-darba l-Editorjal f'waqtu qabel il-Festival tal-Ktieb jesprimi l-ħtiega tal-qari, għaliex f'pajjiżna hawn nuqqas ta' qari. Hija l-midħla tal-kelma miktuba li tgħallimna kif niktbu u naqraw. Għalhekk naraw kitba żbaljata u nisimgħu pronunzja vvintata kif ifittillu min ikun irid iwassal messaġġ, miktub jew imlissen.

Aħna, bil-qari mit-tfulija tgħallimna l-pronunzja tal-Ingliż "ough" fil-kliem "rough, cough, through", u "though" li normalment ifixklu lil min jutilizza lsien fonetiku. Iva, hemm bżonn li aktar nies ikunu midħla tal-ktieb, kemm jekk ikun mixtri jew missellef minn xi librerija pubblika.

Patrick, grazzi tali anki f'din il-ħarġa stampajt poeżija tiegħi.

Tislijiet,
Alfred

**Email mingħand Joe Axiaq, iit-3 ta' Novembru 2024**

Għażiż Patrick,

Temmejt indur u nifli l-aħħar edizzjoni ta' IL-PONT. Kemm xogħol ta' reqqa u paċenzja biex toħroġ magazin ta' din ix-xorta. Fid-dinja tal-lum xogħol bħal dan imprezzabbli miġbur flimkien. Napprezza l-isforz tiegħek li għadek għaddej b'biċċa xogħol bħal din.

Grazzi u saħħa mill-Awstralja,
Joe



# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JINTERVISTA LIL ĊHARLES XUEREB DWAR IR-RUMANZ *BELLILOTE U L-BJAR TA' NAPULJUN*, KKM, 2024

**Naf li inti l-awtur ta' żewġ kotba ta' riċerka dwar Malta u l-perijodu Franċiż li huma *France in the Maltese Collective Memory* (2021) u *Decolonising the Maltese Mind* (1922). U issa ħriġt ir-rumanz *Bellilote u l-Bjar ta' Napuljun* (2024). Hu żgur li f'*Bellilote* hemm bosta elementi awtobijografiċi. Kemm ilha fik din l-idea tar-rumanz, u x'rabta hemm mal-kotba preċedenti?**

Dwar il-Franċiżi l-Malta University Press ippubblikat tliet darbiet *France in the Maltese Collective Memory* (2014/2021). *Decolonising the Maltese Mind* (2022) hu dwar il-kolonjaliżmu Brittaniku u l-postkolonjaliżmu f'Malta, ippubblikat minn Midsea Books.

Nammetti li fl-ewwel rumanz tiegħi hemm bosta elementi awtobijografiċi l-aktar fuq fomm ċerti protagonisti, l-aktar Marin Lhoste.

Twebbilt bir-rumanz meta waqt riċerka għad-dottorat sibt li fl-aħħar 200 sena nkitbu xi 13-il rumanz jew dramm fuq żmien il-Franċiżi li fihom l-awturi iddemonizzawhom. Xtaqt noffri verżjoni letterarja aktar veritiera u allura pożittiva tal-Franċiżi. Xi sitt snin ilu ktibt ir-rumanz u dortu waħda sew dis-sena biex aġġornajt aspetti tal-lum f'pajjiżna.

**F'wieħed mill-programmi fejn inti kont preżenti, iddeskrivewk bħala storiċista, iktar milli storiku. X'differenza hemm bejn dawn iż-żewġ termini? Liema wieħed japplika l-iktar għalik?**




Charles Xuereb

Ifhimni, nidħol taħt diversi kategoriji fl-istorja imma jien aktar storiku kulturali-soċjali, għalhekk ġieli nissejjaħ storiċista. L-istoriċiżmu aktar jgħarbel prattiċi soċjali u kulturali, inkluż twemmin u ideat. Bosta drabi dan it-tip ta' studju ssibu fil-filosofija, fl-antropoloġija u fis-soċjoloġija. Żgur m'iniex storiku klassiku fejn il-moda kienet li timla kitbietek b'ismijiet, postijiet, figuri u dati. Jien nanalizzahom dawk, niddiskutihom, nara x'ifissru llum u għala u min kitibhom u wara li nipprova nikkonfrontahom niġġudika




għaliex l-istorja jew avveniment wasal għandna bil-mod li wasal.

***Bellilote* hu wkoll rumanz ta' protesta, għajta biex il-poplu Malti jiftaħ għajnejh u jara eżattament x'inhi l-verità billi jħaffer sew fl-imgħoddi ta' ġrajjietu. Dan jintrabat mal-investigazzjoni li jagħmel Marin Lhoste fir-rumanz, imma anki mal-idea tar-reviżjoniżmu storiku. F'*Bellilote* mela tinstema' għajta favur il-ġustizzja, dik li trid issir mal-Franċiżi li ngħataw isem ħażin minn bosta. Xi tgħid dwar dan?**

Veru li r-rumanz tiegħi jrid jikkoreġi l-istorja mbagħbsa ta' żmien il-Franċiżi kif nisġuha l-Ingliżi u diversi membri tal-kleru biex issalvagwardjaw il-privileġġi li kellhom meta ġew mhedda minn ideat ġodda repubblikani li ġabu l-Franċiżi, imma fl-istess waqt ir-rumanz irid ukoll iċanfar parti mis-soċjetà Maltija tal-lum li baqgħet inferjuri wara 200 sena ta' ħasil il-moħħ mill-kolonizzatur Brittaniku. Għajb li l-awtoritajiet f'Malta ma jistgħux, jew ma jridux, jintebħu b'din l-ossessjoni żbaljata li qatlet is-sens ta' appartenenza saħanistra fiż-żgħażagħ tagħna li fil-maġġoranza jixtiequ jsibu futurhom barra xtutna.

***Bellilote* hu rumanz li jorbot id-*delectare* mad-*docere*. Filwaqt li jagħti gost bil-ġrajja fittizja tiegħu, jistieden lill-qarrej jistaqsi bosta mistoqsijiet, fosthom: Għandu l-istoriku jilgħaq jew jinħabb mal-kolonizzatur u jimmanipula l-ġrajjiet biex jingħoġob miegħu? U l-Maltin huma indipendenti jew għadhom sudditi tal-Gran Brittanja? Kemm hu veru dan?**

Kif għad kemm spjegajt inqdejt bir-rumanz għaliex veru huwa għamla ta' *edutainment* – divertenti u edukattiv fl-istess waqt. Bil-pubblikazzjoni non-fiction tat-tezi tad-dottorat ilħaqt ċerti nies u barranin; bir-rumanz ilħaqt livell ieħor ta' dawk li jieħdu gost jaqraw bil-Malti u ta' dawk li jogħġobhom l-istħajjil (fiction).

**Inti għamilt ir-riċerka tiegħek f'arkivji partikulari kemm f'Malta kif ukoll fi Franza. Kellek okkażjoni tqalleb f'arkivji fl-Ingilterra? Spiss tħaddem ton ironiku fejn jidħol dak li wettqu l-Ingliżi jew il-Knisja matul l-istorja ta' Malta. U dan jintrabat mal-fatt li hemm min jaħseb li inti wisq suġġettiv u *biased* favur il-Franċiżi. Reazzjonijiet tiegħek?**

Riċerka għamilt l-aktar Malta u Franza (fejn marru ħafna anqas awturi Maltin li rriċerkaw dan il-perjodu) imma wkoll l-Italja, l-Ingilterra u t-Tuneżija. Pereżempju, stramba kif fl-imgħoddi min kiteb estensivament fuq il-Franċizi ma marx jara l-arkivji tagħhom! Nista' nidher suġġettiv (u niddikjara ċar u tond fit-teżi) għaliex ġibt evidenzi li ħaddieħor skarta, ġibt sorsi li ħaddieħor ma kienx jaf bihom u għamilt ġudizzji ġodda bla ma kont influwenzat mill-kotba imgħoddija fuq is-suġġett minn Maltin u Ingliżi li għamlu minn kollox biex jgħawġu l-fatti u jpoġġu f'dawl ikreh lill-Franċiżi, xi drabi anki b'gideb sfaċċat. Fit-teżi ppubblikata nipponta ċar u tond lejn dan kollu u allura l-Knisja u l-Ingliżi huma l-aktar akkużati fl-iżbarra. Għamlu minn kollox biex bħala alleaati joskuraw lil dawk li riedu jdaħħlu d-demokrazija (ta' żmienhom) f'Malta mal-ewwel irjieħ tar-Rivoluzzjoni Franċiża. Jien ħrigt b'wiċċi minn quddiem, bla biża' minn ebda arroganza tradizzjonali imgħoddija. Kif irrimarkat mara b'personalità kbira f'Malta meta qaltli: "Int fqajt il-bużżieqa tal-kolonjaliżmu" – ma baqax baqra sagra.

**Laqtuni aspetti bħall-importanza tal-personaġġi nisa f'*Bellilote*, nisa ta' ċerta saħħa jew karattru partikolari. Huma wkoll in-nisa li bħal jaħdmu b'ċerta solidarjetà bejniethom, filwaqt li jinħass li hemm waqtiet meta bejn ċerti personaġġi rġiel jeżistu pika, nuqqas ta' fiduċja u tradiment. Element ieħor huwa l-libertà fejn jidħlu r-relazzjonijiet intimi ta' mħabba: għandi f'moħħi l-maħbubin differenti ta' Bellilote (skont kif tiddetta s-sitwazzjoni), Marin bejn Maxine u Josephine, u l-istess Napuljun u l-maħbubin nisa li kellu. B'xi mod dan jintrabat mal-ispirtu rivoluzzjonarju li ġab miegħu Napuljun. Xi tgħid dwar dan kollu?**

Nisa: qed nieħu gost li nnutajtha. F'bosta kotba tal-istorja, inkluż tagħna, in-nisa spiss jisparixxu. Jekk tħares lejn il-monumenti tal-Belt u l-Furjana ħlief ir-Reġina Vittorja – barranija li qatt ma ġiet iżżurna – ma ssibx mara. F'ħajti qatt ma kont 'il bogħod min-nisa – ovvja l-eqreb kienu ommi u binti għalkemm kull fejn mexxejt timijiet ta' ħaddiema dejjem tajt importanza b'rispett kbir lin-nisa. Personalment inħaddan filosofija liberali mhux permissiva abbużiva – ma ninsewx li għal sekli sħaħ il-Maltin kienu lsiera ta' tabus imposti minn reliġjon puritana jew medhija bl-estrem l-ieħor ta' idolatrija pagana fuq qaddisin u festi. Lil bosta bellgħuhielhom li t-triq tal-ġenna tikkonsisti jew f'sagrifiċċji sfrenati (ta' rassenjazzjoni) jew biża' mill-babaw tax-xitan u l-infern!

**"Tassew li biex tavvanza trid telimina, imma milli jidher deħlin f'baħar kbir immens" (p. 189) Interessanti dan il-fatt li *Bellilote* hu xogħol fittizzju li jurina kemm mhuwiex faċli**

**x-xogħol tar-riċerkatur serju. Reazzjonijiet tiegħek?**

Bla dubju min jagħmel ir-riċerka jaf li jew tixxotta u ma ssib xejn jew timtela b'tagħrif li jkollok tuża għarbiel kiefer biex tislet dak li veru meħtieġ. Aktar ma ssib tagħrif akbar l-analiżi u l-opportunità ta' reviżjoni. Ir-riċerka tikxef l-għawwar ta' min fl-imgħoddi (u ġieli sal-lum għax għandu għamad) injora, ħalla barra jew qabeż ċertu tagħrif. Dawn ħatja daqs il-giddibin.

**L-element storiku u reali jintrabat mhux biss ma' ġrajjiet li seħħew iktar minn 200 sena ilu (1798-1800), imma anki ma' oħrajn ħafna iktar reċenti bħall-attakk terroristiku f'Marsilja li seħħ ftit snin ilu. Kemm kienet bżonjuża din li ddaħħal dan l-episodju ta' kronaka reċenti fil-ġrajja tar-rumanz tiegħek?**

Jekk se tikteb dwar żmienna u ssemmi lil Franza diffiċli tħalli barra l-attakki terroristiċi tas-snin 2015-16. Fi żjajjar spissi tiegħi Franza ġieli wasalt jumejn biss wara attakk (Charlie Hebdo fejn inqatlu 9 ġurnalisti Pariġi) u ssib kontroll assolut bl-azzarini ma' wiċċek saħansitra int u dieħel l-Università jew l-Arkivji. Naħseb fil-letteratura Maltija ħadd s'issa ma kien daħħal att terroristiku. Għall-għan tal-ġrajja tiegħi kien utli nagħmel dan għaliex ħareġ aktar fil-beraħ kif bniedem li jrid jagħmel ħsara lil xi ħadd għall-gwadann tiegħu jasal jinqeda bil-vjolenza anki ta' ħaddiehor biex javvanza għemilu. Hawn tħossok qisek Caravaggio – biex twassal il-messaġġ diffiċli taħrab it-tixrid tad-demm.

**Hemm ukoll paġni fejn tikkritika direttament id-deni li qed isir lil art twelidna fil-preżent: il-fatt li Malta saret "barriera waħda, miżgħuda b'salt krejnijiet li kerrhu kullimkien." (pp. 81-82); id-dwejjaq tal-Maltin minħabba kull tip ta' storbju u rovina li ġabu magħhom awtoritajiet u politiċi li tilfu kull kontroll; l-iżvilupp urbaniku li qed jirrovina anki lil Għawdex; il-fatt li mal-gvern issib nies medjokri jmexxu mhux għax ħaqqhom imma għax għandhom qaddisin politiċi li jagħtuhom palata; it-traffiku ġġammjat; "il-Maltin tal-lum [li] tilfu kull sens ta' sbuħija u estetika li kellhom missirijiethom." (p. 238). Dan joħroġ il-fatt li inti tibqa' l-ewwel nett Malti tħobb lil art twelidek. Kemm hu minnu dan?**

Ma stajtx bil-pinna f'idi ma nikkritikax dak li juri li l-Maltin mhumiex patrijotti, ma jħobbux biżżejjed 'l arthom. Mill-imgħoddi żammew biss il-valur materjali tal-flus, u agħar, l-awtoritajiet mhux biss ipaxxuhom talli jkaxkruhom bl-eżempju żbaljat jekk mhux ukoll kriminali. Kif tista' ma titkellimx?!

Malta pajjiż li stagħna artistikament taħt il-Kavallieri iżda safa fortizza ordinarja għall-baħrin Ingliżi u spiċċa bla sinsla fejn jidħol il-patrimonju. Titpaxxa tara gżejjer oħra fil-Mediterran – inkluż Sqallija – b'veduti tant sbieħ b'paesaġġi li jevokaw ġrajjietha u aħna ħlief konkos bla sens, għoli b'sulari vojta u lukandi biex inżidu s-sodod bla rażan ma tarax.

Flok qed nikkupjaw gżejjer oħra f'dal-baħar storiku benniena taċ-ċiviltà qed nikkupjaw pajjiżi bla storja klassika jew kavallereska bħal Singapore jew Dubai! Dak kollu li writna mill-Kavallieri qegħdin nagħmlu ħilitna biex inreġġgħuh lura u neqirduh. Kemm għad jisħtuna wliedna... jekk ikunu għadhom Maltin. F'kollox tinħass medjokrità fil-kwantità. Is-suċċessi ekonomiċi akkost ta' kollox saru l-għan ewlieni ta' din is-soċjetà. Riżultat ta' inferjorità anki fil-ħsieb filosofiku.

**Kif tiddeskrivi lilek innifsek bħala bniedem? X'tagħmel meta ma tkunx qed tirriċerka jew tikteb?**

Bniedem bħall-oħrajn b'sens kbir ta' osservazzjoni investigattiva u allura skomdu għal min ma jixtieqx iħarrek il-mewġ fl-ilma qiegħed tal-gideb tal-imgħoddi msejjes fuq mentalità inferjuri. Barra li nirriċerka u nikteb inħobb ħafna s-safar għax jgħini nimla l-pulmuni b'ossiġnu kulturali san li tlifna meta sirna fortizza-kolonja u tgħallimna biss inservu. Is-servilità daħlitilna f'għadamna, ibda mill-George Cross fuq il-bandiera u spiċċa fir-Reġina Vittorja, timbri internazzjonali ta' servilità dejjiema.

**Xi jmiss wara dan?**

Daqt intemm xogħol ieħor bil-Malti li jħares b'mod investigattiv lejn ġrajjet pajjiżna u x'jagħmilna Maltin. Dak kollu li bellgħulna u kif blajnieh bl-għeruq u x-xniexel.

Wara dak forsi rumanz ieħor, did-darba żmien kolonjali tas-seklu 19... u min jaf xi darba, qabel immut, awtobijografija minn kif rajt Malta tinbidel mil-lenti tat-televiżjoni, wara 55 sena fuq it-TV.

## PARIĠI

Mara li ftaħtli idejk biex nagħfsek miegħi
u kxiftli l-ġnien ta' sidrek tiela' w nieżel,
int xmara tgelgel li ma tafx kif tieqaf.
Mara li ma tibżax mill-ħars ta' raġel
u tqabbdu l-ġuħ u tqabbdu l-għatx tax-xewqa
u tinfdu dritt fin-nofs tal-qalb bil-vleġeġ,
mara li ġismek fih stedina waħda,
vulkan li ma jorqodx u dejjem jaħraq,
mara li tbus mingħajr ma taqta' nifsek
u tigdem bejn xofftejk sakemm tiskopri,
u tingħi u titriegħed u trid aktar.
Mara li sraqt ilwienek mill-qawsalla
u sraqt il-ħbub t'għajnejk mix-xmux u l-kwiekeb,
u sraqt xofftejk min-nar, ħaddejk mill-qamar,
u sraqt ġenbejk u sraqt dirgħajk u qalbek,
ma nafx, ma nafx x'għamilt biex sraqt dan kollu,
u sraqt il-frotta tiegħek minn ġo l-Għeden,
dal-kalċi jlegilguh l-allat weħidhom
u int ħtafthulhom meta kienu rieqda
dal-kalċi, dan l-artal, dan-nofs ta' kollox.
Qawwija wisq din l-għafsa ta' bejn snienek
u xuxtek tistordini mħabbla miegħi,
u t-toqol tiegħek fuqi se jifgani.
Hekk, fgat f'dirgħajk, imut kull raġel hieni.
Mara, f'kull girfa jnixxi l-ħsieb ta' moħħok
u moħħok oċean imqanqal dejjem.
Mara li taf, mara li trid, inċedi
quddiemek irġuliti. Hu kulm'għandi
la minn fuq s'isfel inti femminili,
saħħara tas-sigrieti l-kbar, Pariġi.

**OLIVER FRIGGIERI**
**(Minn *Poeżiji*, Mireva Publications, 1998)**

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MAL-KITTIEB, POETA U RIĊERKATUR GĦAWDXI, CHARLES BEZZINA

**Is-sena 2024. Kemm ilek li bdejt tikteb Charles? U x'kienu l-ewwel kitbiet tiegħek, poeżiji jew proża?**

Fir-rivista sekondarja tal-Liċeo 'Focus' li kienet toħroġ f'nofs is-snin sebgħin, kont ippubblikajt l-ewwel poeżiji tiegħi. Niftakar kienu, tnejn – sena wara oħra. Dik il-ħabta, meta kelli madwar 14-il sena bdejt inħoss qawwija l-ġibda mhux biss li naqra l-poeżiji ... li kont ġa bdejt sa minn żmien tfuliti, imma li jien ukoll nibda ndomm xi versi. Ir-rumanzi storiċi ta' Ġużè Galea, Ġużè Muscat Azzopardi u tal-Għawdxi Dun Alwiġ Vella kienu jaffaxxinawni, billi jien inħobb ħafna ... u għadni sal-lum, ninteressa ruħi fl-istorja ta' pajjiżna. Din l-imħabba għall-istorja qiegħda fid-demm tal-familja tagħna. Kemm iz-ziju tiegħi, John Bezzina, missieri Frank Bezzina (illum mejtin), u l-kuġin tiegħi Mons. Dr Joseph Bezzina kollha kellhom u għandna l-interess u l-imħabba għall-istorja tal-gżejjer Maltin għal qalbna. Fil-fatt l-għadd ta' kotba li ħarġu dawn ilkoll, u magħhom jien, jittrattaw fil-parti l-kbira dwar l-istorja u l-folklore tal-gżejjer tagħna.

**Kemm-il ġabra poetika ppubblikajt matul dawn is-snin kollha? Hemm xi waħda għal qalbek iktar mill-oħrajn?**

F'medda ta' 40 sena ħriġt għaxar ġabriet ta' poeżiji letterarji, eskluż il-ktieb tal-ballati. Kieku llum l-ewwel ktieb ma kontx noħorġu u forsi lanqas it-tieni. Il-kotba l-oħra kollha għandhom livell letterarju għoli, u l-versi fihom ħafna x'tomgħod, għax il-metafora fil-poeżija tiegħi hija r-ruħ tal-poeżija. Biss l-aktar ġabra għal qalbi hija *Mewġiet tal-Ħemda* li rebħitli l-premju letterarju. Dan l-għaliex fiha għandi



Charles Bezzina

ħafna eleġiji li ktibt lil missieri, wara mewtu. Fuq kollox fih hemm ħafna qawwija l-lirika tiegħi.

**Il-kitba tal-poeżija u dik tar-riċerka u tal-proża. Ma' liema opportunitajiet laqqgħuk? Fetħulek orizzonti ġodda matul is-snin?**




Ma nistax f'dan il-ftit spazju ngħid kemm opportunatijiet kelli nsir naf personalment nies ta' kalibru. Ma ninsa qatt lil ħabibi Ġużè Cardona, li kien jimxi bil-bastun ... imma għalija tassew bastun kien, għax ma nafx li kieku ma ħatafnix mill-bidu ... u Alla jaf kemm qalli ... biex is-siġra titla' dritta, għax kienet tielgħa mgħawġa. Kien rigoruż ħafna ... iebes ... imma grazzi ta' dan, poġġieni fit-triq it-tajba. Lill-Professur Ġużè Aquilina, meta kont naħdem Malta bejn l-1981 u l-1984, kont spiss immur għandu d-dar fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan. Kemm tgħallimnt mingħandu l-Bambin biss jaf. Permezz ta' ħabibi Ġorġ Pisani, li naħseb kont l-aktar ħabib qribu fl-aħħar 20 sena ta' ħajtu, sirt naf lil Ġużè Chetcuti. Kemm qsamna ħsibijiet u ideat flimkien ... u kemm kien jagħtini kotba tiegħu. U dan l-aħħar meta kien joħroġ xi ktieb ma kienx jonqos li jibgħatli kopja. Jiena u Ġorġ Pisani konna ħobża u sikkina. Il-memorji tiegħu għadhom sħaħ f'moħħi. Kien għalliem u edukatur per eċċellenza, barra li kien poeta u prożatur. U dwar Profs. Oliver Friggieri: tgħidx kemm kont immur għandu, kemm tkellimna fuq it-telefown, kemm iggwidani biex insib in-niċċa tiegħi. Kien ġgant letterarju. Imbagħad hemm oħrajn: l-għalliem tiegħi Joe Camilleri, li huwa kittieb tajjeb ħafna ta' diversi kotba ta' novelli, u l-poeta Ġorġ Borg, li għandu għarbiel fin ħafna. Dawn it-tnejn tawni ħafna pariri, u kienu strumentali biex fetħuli twieqi ġodda ta' ideat u ħsibijiet. Irbaħt xi tnax-il darba l-ewwel jew it-tieni premju fil-konkorsi li kienet tagħmel l-Għaqda Poeti Maltin. Kienu tawni l-premju Città di Valletta. Kont għal din l-għaqda rappreżentant għal Għawdex għal ħafna snin. Kont ukoll membru onorarju ta' din l-għaqda, u f'Għawdex għamilna diversi attivitajiet letterarji. Sirt naf sew lil Amante Buontempo, lil Alfred Massa, lil Charles Magro, lil Mario F Bezzina, Salv Sammut, Godwin Ellul u ħafna oħrajn. Illum jien membru fil-Kumitat tal-Akkademja, u rappreżentant tagħha għal Għawdex, u nipprova ħafna biex f'Għawdex inkisser l-apatija kbira letterarja li teżisti. Biss opportunità sabiħa għalija kienet meta fis-sajf 2008, sena qabel mietet, kont attendejt f'Milan għal diskors tal-poetessa Taljana Alda Merini. Kien hemm sala ppakkjata. Qgħadt nismagħha bis-sabar tgħid u tgħid u fl-aħħar ħadtilha b'idi, imma sħajt ngħidilha li jien nikteb il-poeżija. Ħassejtni dudu ħdejha. Rigward ir-riċerki li jien għamilt fl-istorja, nifraħ ngħid li sirt naf nies ta' stoffa bħalma kienu John A. Agius, John Mizzi, Laurence Mizzi, Kelinu Vella Haber, u ħafna oħrajn. Biss l-esperjenzi li kelli bħala poeta kienu akbar minn dawk tar-riċerka u l-istorja, u tawni wisq iżjed sodisfazzjon, għax l-istorja hija r-riċerka, filwaqt li l-poeżija hija l-artistiċità tiegħi.

**Naf li bosta poeti qabel ma jippubblikaw il-poeżiji tagħhom iħobbu jikkonsultaw ma' poeti oħra, anki biex jaraw kif tintlaqa' l-poeżija tagħhom u jekk hemmx lok biex tiġi rfinata fejn hemm bżonn. Xi tgħid dwar dan?**

Kemm qiegħed nieħu pjaċir tagħmilli dil-mistosqija. Il-Malti jgħid 'Il-Borma trid toqgħod" biex titjieb. Nemmen ħafna fir-reviżjoni u l-irfinar u l-għażla tal-kelma f'lokha fil-poeżija. Jien nikteb poeżija fi ftit minuti ... imma x-xogħol il-kbir ikun għadu ġej. L-ewwel nett trid għal ftit tinsieha, twarrabha, u terġa' jiem wara taqraha, u tara jekk hemmx xi kelma żejda jew ripetuta. Trid tipprova tħossha ritmitikament, u tagħtiha jekk hemm bżonn l-aħħar verniċa. U terġa' tħalliha għal żmien ieħor biex tara dak li ktibt ġimgħat qabel hux se jagħmel ħoss xħin jinqara. Iva, dan proċess inħobb nagħmlu mhux biss waħdi imma bil-fehmiet u l-għajnuna ta' nies li għandhom għarbiel fin. Il-Poeta Ġorġ Borg jgħini ħafna dwar dan, u anki ħabibi l-kittieb Joe Camilleri, li darba kien jgħallimni l-Malti.

**L-imħabba lejn il-baħar fuq naħa u r-rabta tiegħek ma' Għawdex fuq l-oħra? Il-baħar bħala element wiesa' u infinit, u Għawdex bħala spazju ċkejken u magħluq. Kemm hu minnu dan għalik u kif joħroġ fil-versi u fil-kitbiet tiegħek?**

Tista' tgħid li fil-kotba kollha tiegħi hemm predominanti l-baħar. Mhux il-baħar li naraw, meta selvaġġ, ribell, gotiku, vendikattiv jew kalm, sabiħ, abjad u l-bqija, imma l-baħar tal-ħajja bl-immortalità universali tiegħu. Darba l-Professur Charles Briffa, waqt diskors li għamel fi tnedija tal-ktieb tiegħi *Mar-Ritmi tal-Baħar*, li fih għamilli wkoll id-daħla kritika tiegħu, qal li jien frixt ħafna u wessajt bosta t-tematika tal-baħar lil hinn mill-orizzonti. Għax Patrick, il-poeżija hija l-metafora u l-metafora tiegħi fil-predominanza tagħha hija l-baħar, id-destin ta' kull wieħed u waħda minna, il-burdati li bihom inqumu kull filgħodu fix-mixja xejn watja tal-ħajja. Il-metafora ma tfissirx dak li tgħid u ma tgħidx dak li tfisser. Il-baħar misterjuż daqskemm fond, jaħbi fih is-sigrieti ta' kull wieħed u kull waħda minna, u ma' kull mewġa li tasal hemm vrus jgħumu, mewġiet isulu mar-ragħwa ta' ħajjitna.

**Ir-relazzjoni tiegħek ma' missierek. Kif kienet? Naf li inti komplejt fejn ħalla huwa rigward ir-riċerka dwar Għawdex matul il-gwerra imma anki Għawdex u leġġendi jew aspetti simili oħra. Xi tgħid dwar dan?**

Mistoqsija li titlob ktieb biex inweġibha sew. Missieri, Frank Bezzina (1925 -1996), meta kien żagħżugħ bejn 15 u 18-il sena, għadda mill-esperjenza tal-gwerra, mhux bħala tifel ta'

sitt snin, imma bħala żagħżugħ avventuruż daqskemm osseratur ta' dak iż-żmien li ħalla impressjoni qawwija tul ħajtu. Kbirt nisma' r-rakkonti tiegħu tal-gwerra … kważi kuljum, kbirt narah jistaqsi lill-istess nies fi tmiem is-snin 60, li ġratilhom xi ħaġa gravi fil-gwerra, li baqgħu għomja, bla sieq, bla id u l-bqija u anki lil dawk li kienu responsabbli għal xi ħaġa u ħafna aktar. Ħadd ma seta' jifhem x'kien qiegħed jagħmel … imma llum dak li wettaq jiswa mitlqu deheb, għax ħa ħsieb jagħmel dan 25 sena biss wara li ntemmet il-gwerra, meta n-nies li ġarrbu kienu ħajjin. Ħareġ żewġ kotba dwar it-tema ta' Għawdex fil-gwerra. Kompla jikteb, u meta miet ħallieli maġbra kbira ta' dokumenti, intervisti, dettalji u ħafna aktar. Minn taħt is-sodda bdejt naqla' kaxxi tal-kartun kbar mimlija sa fuq nett bid-dokumenti. Ma kienx kuntent li jien nikteb il-poeżija, imma ried li nieħu interess f'li kien ġabar u għadu jiġbor. Ried li l-kitbiet tiegħu tal-gwerra ma jintilfux. U billi fl-aħħar ta' ħajtu saħħtu ħallietu, kien spiss ifakkarni biex naqbad il-kitbiet, id-djaru tiegħu u mitt ħaġa oħra u niġborhomlu. Kien jibża' li jien ma nasalx biex nagħmel dan, għax jien kont mitluf fil-letteratura u l-kitba tal-versi. Għalhekk kien jinsistili. Ried li dak li kiteb ma jintilifx. Ma nistax ngħid ħafna għax l-ispazju limitat … biss illum sodisfatt li barra li għandi għadd sabiħ ta' ġabriet poetiċi, għandi wkoll ippubblikati diversi kotba dwar Għawdex fil-gwerra, bla ma ninsa li missieri kien l-ewwel kittieb li poġġa lil Għawdex fl-istorja tal-gwerra.




**L-għażla ewlenija tiegħek meta tikteb il-poeżiji kienet fuq kollox dik tradizzjonali, fosthom il-kwartini, ir-rima mqabbża, is-settenarji jew l-endekasillabi. Għaliex dan?**

Patrick, il-flixkun tiegħi huwa qadim, imma l-likwidu ta' fih huwa ġdid u frisk. Ma rridx nirrepeti dak li qalu ta' qabli, lanqas li fl-ideat tiegħi ndur lura lejn temi patrijottiċi, reliġjużi u l-bqija, imma li permezz tal-ħsieb tal-poeżija li nkun nikteb, nagħmel ħoss. Infassal il-versi tiegħi b'libsa tradizzjonali, iva, imma l-kontenut li huwa modern daqs kull poeżija oħra li llum tinkiteb b'versi ħielsa. Inħaddem sew ħafna u b'eżattezza kbira l-prosodija. M'għandix problemi jekk nuża l-endekasillabli, is-setterarju, id-dekasillabu u l-bqija, u nħossni komdu nużahom kollha. Għalija l-poeżija toħroġ naturali, u ma naqbilx ma' min jgħid li l-versi tradizzjonali għax bir-rima, jagħlquk f'rokna u ma jħallukx tesprimi dak li tħoss liberament. Ir-rima tiegħi mhix imġebbda jew għat-taqbila, imma toħroġ naturali mingħajr bla ebda sforz, waħedha. Il-poeżija tiegħi hija lirika … id-djarju ta' ħajti … u fl-ekonomija tal-versi u l-kliem kapaċi noħroġ dak li nħoss, dak li jinkwetani, dak li jġarrabni. Il-qarrej irid ukoll jiġġarrab kull meta jaqra l-ħsus tiegħi, irid jitniggeż b'dik l-emozzjoni li jien stess inħoss fil-mument tal-kitba.

**Naf li Oliver Friggieri kien influwenza kbira fuqek matul ħajtek, bħalma kien għal bosta poeti u kittieba oħra. X'tiftakar dwar dan il-poeta, kritiku, ħassieb u kittieb ewlieni Malti? Hemm xi waqtiet speċjali li ma tinsa qatt miegħu u tixtieq taqsamhom magħna?**

Oliver kien strumentali biex sibt in-niċċa tiegħi. Meta miet Ġużè Cadona, qbadt ma' Oliver u l-ewwel ħaġa li qalli, meta tajtu xogħlijieti, kien li kelli l-pedament b'saħħtu, imma ħafna influwenzi, inkluż minn tiegħu. Kien issuġġerieli biex xogħlijietu ma naqrahomx aktar. Fi ftit kliem għeni ħafna biex fil-poeżija jien sirt Charles Bezzina, biex irfinajt aktar it-teknika, l-istil, ir-ritmu u l-bqija. Illum ngħid li qarrejja midħla sew mal-poeżija kapaċi jagħrfu bla sforzi xejn il-versi li nkun ktibt jien minn oħrajn. Għax illum jien għandi timbru. Oliver dejjem nafu l-bniedem-filosfu umli, imma fuq kollox il-poeta li anki meta tkun titkellem miegħu, minn fommu tibqa' ħierġa dik il-kaskata ta' għarfien li donnha ma tintemm qatt. Kont nieħu ħafna pariri mingħandu. Kien jammirani għax għandi pedament sod, għax bl-ekonomija ta' ftit kliem kapaċi nisvoga ruħi. Ġieli ġie Dar Manresa Għawdex. Konna niltaqgħu u nikellmu dwar elf ħaġa … imma l-aktar dwar Malta maqsuma, dwar il-letteratura, dwar Għawdex, l-ambjent u ħafna aktar. Kien ukoll ikellimni dwar il-kotba li kont qed nikteb dwar Għawdex fil-gwerra … u kien jaffaxxina ruħu jisma' xi ġrajja stramba minn tal-gwerra li nkun irriċerkajtha jew qalha darba missieri. Ilu ħafna konna morna l-lukanda ta' St Patrick, ix-Xlendi, u beda jgħid u jgħid tant li kienu saru s-siegħa ta' filgħodu u l-ħin ma rajnhiex. Lili qabadni ħafna ngħas, imma hu xejn … u qalli li kien imdorri jdum. Mingħandu nista' ngħid biss li tgħallimt ħafna, u kont inkun miegħu anki meta kien jiġi Għawdex u jagħti xi taħdita lill-istudenti. Il-memorji tiegħu bħal dawk tal-Professur Aquilina, Cardona, Chetcuti u Pisani ma ninsiehom qatt. Kif sew jgħidu kien ġgant letterarju.

**Xi tfisser il-Poeżija għalik, fuq kollox il-kitba tagħha? Inbidlet din ir-relazzjoni?**

Il-poeżija għalija hija bħal meta tkun bil-għatx u trid tixrob l-ilma. Għalija hija l-isvog u mhux l-*escapism*. Hija l-bżonn li noħroġ dak li jtaqqalni, u dak li jferraħni, dak li jweġġagħni u dak li jħawwadni. Il-poeżija għalija hija l-esperjenza tal-ħajja li fil-friża ssir silġ, imma xħin toħroġha tinħall u twassal dak li hemm fil-qiegħ ta' qalbi. Hija l-jien, u mhux parti minni. Il-bniedem jinbidel maż-żmien. Meta bdejt




nikteb bħala żagħżugħ kont ribell (ara l-ewwel ktieb tiegħi *Triqat Bla Tarf*), nixtieq nagħmel mitt ħaġa u naqta' elf xewqa. Biss maż-żmien meta tibda tesperjenza u ġġarrab, il-ħsieb jitqal, jimmatura u tidħol fik ċerta rassenjazzjoni u solitudni. Illum ma naħsibx biex navvanza fil-karriera tiegħi, imma li nżomm ruħi b'saħħti, għax il-mard qed imissni wkoll. Illum meta nkun waħdi nirrifletti dwar dak iż-żagħżugħ ta' ilu li darba kont jien ... u kif il-versi tbiddlu qatigħ mal-mewġ tas-snin. Ftit snin oħra, u ma nkunx għadni hawn ... u f'waqtiet il-ħsibijiet tal-mewt u lil hinn minnha, iġagħluni niskot u naħseb waħdi, waħdi fil-fond.

**Kemm hu rispettat il-poeta hawn Malta? Xi tgħid dwar dan anki mill-esperjenza personali tiegħek? X'taħseb dwar is-sitwazzjoni fejn qed jinxteħet dawl biss fuq ċerti poeti, mentri oħrajn tħallew fil-ġenb? X'sar f'dan ir-rigward? X'jista' jsir iktar?**

Meta ħriġt l-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħi, Alla jaħfirlu Ġużè Cardona qalli ara issa ma taħsibx li għax ħriġt ktieb tagħmel ir-rand madwar ngħasek. Erba' kelmiet li dwew tul ħajti kollha. Imbagħad hawn min għax joħroġ l-ewwel ktieb ta' poeżija, qisu mess is-sema b'idu, u jinkuruna lilu nnifsu poeta fenominali. F'pajjiżna hawn elementi li lil ċerti poeti nitfgħulhom id-dija fuqhom, waqt li fuq oħrajn nitfu s-*searchlight*. Poeti bħal Ġużè Delia li tant kiteb leġġendi sbieħ, Karmenu Vassallo u xi oħrajn illum twarrbu. L-istess għall-kritiku Ġuże Diacono u kittieba bħal Ġużè Galea. Mhux li tippubblika xogħolhom biss, imma fid-dmir li lkoll napprezzaw dawn x'għamlu. Ma nistgħux inħarsu lil hinn jekk ma nafux l-imgħoddi tagħna.

**Kemm iħossok sodisfatt bħala kittieb li lħaqt ċerta età issa? Xi jmiss?**

Billi jien nuża l-libsa tradizzjonali bħala qafas tal-poeżija tiegħi, bosta jwarrbuni u jassoċjawni bħala poeta tradizzjonali. F'sens wiesa' jinjorawni jew jgħidu li jien antikwat jew *outdated*. Issa dan mhux minnu, għax jien is-sustanza tiegħi, il-likwidu, l-inbid tal-flixkun qadim, huwa frisk u modern. Inwassal bosta ħsibijiet, metafori friski għad-dinja tal-lum, u m'iniex b'xi mod marbut mat-temi tradizzjonali. Hekk ukoll kienu jiktbu Marjanu Vella, Oliver Friggieri, u l-istess ngħid għal Ġorġ Borg, Carmel G. Cauchi u xi oħrajn. Għal quddiem għandi xi kotba oħra kemm letterarji u kemm storici ... u nittama li Alla jislifni s-saħħa u l-għomor ħa nippubblikahom. Imma l-kejl ta' ħajti f'idejh.

## EJJA MIEGĦI

Ejja miegħi, żommli jdejja
ħalli mmorru 'l hinn 'il bogħ'd,
erħi kollox, għaġġel ejja
għax l-imkien l'għażilt remot.

Mhux se ngħidlek qabel naslu,
jew noqorbu fil-viċin,
toqgħodx tħammem, sigriet tiegħi
fejn se naslu ma' xulxin.

Tibqa' mgħaġġba bis-sbuħija,
b'siġar kbar bħalma qatt rajt,
hemm tħoss ferħ u kemm is-sliema,
mhux se tgħidli illi xbajt.

Tħoss l-imħabba tan-natura
tilgħab ħelwa bejn xofftejk,
taf tqanqallek emozzjoni
mal-ħbub suwed f'qiegħ għajnejk.

Imxi mela tfajla rżina,
la titlifx għalxejn iż-żmien,
ejja mmorru, din l-art insa,
issa, issa bla dewmien.

Ngħixu hemm mal-mewġ li jwennes
tul l-għaxija kemm bajjiet,
niġru ħafja, ngħidlek storja
kif qaluli xi kewkbiet.

**CHARLES BEZZINA**

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## JOHN P. PORTELLI JINTERVISTA LIL DAVID SAMUEL HUDSON DWAR L-EWWEL RUMANZ TIEGĦU *M*, Horizons, 2024

*L-ewwel rumanz ta' David Samuel Hudson, M (Malta: Horizons, 2024), joffri qari pjaċevoli u li jinqara malajr. Miktub b'Ingliż eċċellenti u mexxej, kull kapitlu jintemm b'avveniment jew b'kummentarju li jġiegħlek taqleb il-paġna u tkompli taqra l-kapitlu ta' wara b'interess u stennija. Ir-rumanz hu rrakkontat fl-ewwel persuna, minn Damian Theuma, li hu l-karattru ewlieni. Jippreżentalna l-intriċċi li jgħaddi minnhom grupp ta' kittieba. Dan il-grupp oriġinarjament kien ġie ffurmat biex il-membri tiegħu jissapportjaw lil xulxin billi jipprovdu kummenti u suġġerimenti fuq ix-xogħlijiet draft tagħhom. Dawn il-laqgħat iwasslu għal imġiba xi drabi nebbiexa u drabi oħra malizzjuża minn żewġ membri żgħażagħ tal-grupp, storja ta' mħabba bejn żewġ membri oħra, tradiment, u każ ta' plaġjariżmu li jiġi attribwit lil persuna żbaljata. M jipprovdi wkoll tip ta' kritika fina (xi kultant imħawra bis-satira wkoll) partikolarment dwar il-ħajja f'Malta tal-lum. L-ittra "M" tista' faċilment tirreferi għal Malta, imma tista' tirreferi wkoll għal malizzjuż, għal meetings, għal morbidu – jew sempliċement għal "marelli". Imma forsi l-aktar kelma li toqgħod hija "medjokrità". Din toħroġ bħala t-tema ewlenija tal-ktieb – fl-opinjoni tiegħi korrettament. L-istil ta' Hudson sawwab fija ċertu sens ta' kalma li b'mod pożittiv ħassejtu jiġbidni lejh u ġegħelni nsir naf dejjem aktar.*



David Samuel Hudson

**Nifraħlek għal dan l-ewwel rumanz li jiena narah bħala rumanz minimalist b'elementi kritiċi-realisti. Taqbel?**

Bdejt nikteb rumanz dwar artisti żgħażagħ f'Malta, u peress li l-ġrajja hija rrakkontata mill-perspettiva ta' kittieb promettenti imma mimli bih innifsu, stajt użajt stil elaborat li jaqbel ħafna ma' kittieb li hu nieqes mill-esperjenza. Fi kliem ieħor, stajt għażilt approċċ metafittizju. Imma sakemm ir-rumanz jasal fi tmiemu Damian jieħu t-tagħlima tiegħu – li

wara kollox mhux kapaċi jikteb l-aqwa rumanz li qatt inkiteb dwar Malta. Jirnexxilu jasal għal din il-konklużjoni liberatorja. Għalhekk *M* mhuwiex xi tentattiv biex jinkiteb dan is-suppost kapolavur. Hu għalhekk li r-rumanz jista' jinqara bħala dokumentazzjoni ta' episodju fil-ħajja żagħżugħa ta' Damian, li matulha jinnamra minn xi ħadd, isir jobgħod lil pajjiżu, jerġa' jsir iħobb lil pajjiżu mill-ġdid, isewwi r-relazzjoni mqallba li kellu ma' missieru, u l-bqija. Ir-rumanz huwa dwar dan kollu, aktar milli dwar il-kitba ta' rumanz, anki jekk dan hu l-leitmotif li jitfaċċa kontinwament tul ir-rumanz kollu. Naħseb li naqbel li huwa rumanz minimalist u li hu rumanz li jipprova jkun kemm jista' jkun reali u mhux raffinat. Naħseb li hu proprju dan in-nuqqas ta' raffinatezza li jifdi l-karattru ta' Damian.

**Element importanti ieħor fir-rumanz tiegħek hija l-kritika (inkluża wkoll xi naqra satira) fuq il-ħajja tal-lum f'Malta. Għaliex?**

Naħseb li f'moħħ Damian ma hi satira xejn. Dażgur li jaf ikun drammatiku, imma fil-moħħ żagħżugħ tiegħu Malta hija maħmuġa u timbuttak daqskemm ipinġiha hu. Dan jibqa' jinbidel tul ir-rumanz kollu – u nittama li dan ma jinħassx monofoniku. F'ħin minnhom, Damian jiltaqa' ma' kittieb ċelebri, li hu forsi l-aktar aspett satiriku jew karikaturat tar-rumanz. Dan il-kittieb ċelebri huwa karattru partikolari: dilettant tal-arti, għandu grazzja kbira miegħu nnifsu, imma fl-aħħar mill-aħħar hu persuna medjokri. Damian jikteb dwaru skont kif jarah hu. Jekk dan jinħass satiriku u esaġerat, dan proprju għax fil-fatt hekk hu, u għax dan il-kittieb ċelebri qed jissatirizza lilu nnifsu. Jiena stess iltqajt ma' mġiba skunċertanti bħal din fiċ-ċrieki artistiċi f'Malta, u kont nitlef opportunità mill-aqwa kieku dan ma ttrattajtux f'rumanz dwar kittieba Maltin.




**La qed nitkellmu dwar kittieba Maltin, sa minn żgħożiti dejjem immeraviljajt ruħi bil-klikek tal-kittieba f'Malta, u dwar kemm jafu jkunu esklużivi. Barra minn hekk, ħafna minnhom mhuma kapaċi jaċċettaw l-ebda forma ta' kritika. U la qed nitkellmu dwar il-kritika, wieħed jista' jikkritika r-rumanz tiegħek għaliex jiffoka fuq ċertu grupp wieħed biss ta' Maltin u għalhekk ir-rumanz jista' jagħti l-impressjoni li dawn jirrappreżentaw il-Maltin kollha. X'taħseb?**

Inġenerali nippreferi li niġi kkritikat għal xi ħaġa li nkun żbaljajt milli għal xi aspetti li ma nkunx esplorajt. *M* hu miktub mil-lenti ta' student żagħżugħ u mingħajr esperjenza. Hu jaħseb li hu aħjar minn ħaddieħor imma, bħal kulħadd, għandu għajnejh mgħammda. Għandu viżjoni dejqa ħafna tad-dinja u, biex tagħqad, moħħu biss fih innifsu. Biex ngħid xi ħaġa favuru wkoll, imma, Damian ma għandu l-ebda obbligu jikteb rumanz panoramiku dwar Malta, anki jekk forsi dak kien il-ħsieb li kellu fil-bidu. Il-fatt li *M* ma jirriżultax fil-kapolavur li ħaseb li kien kapaċi jikteb jew li jkun l-aktar rumanz li jirrappreżenta l-ħajja f'Malta – falliment li jammettih anki hu – juri li Damian stess jikkundanna l-arroganza li kellu fil-bidu. Forsi għalhekk li r-rumanz jismu *M* u mhux Malta: għax jirnexxilu jaqbad aspett wieħed biss mill-ħajja f'Malta. Madankollu, jekk xi kittieba lokali jiddejqu jew iħossuhom irrabjati bil-kritika, allura għandhom jaqbdu xogħol ieħor. Il-kittieba jmisshom jieħdu gost bil-feedback li jirċievu; xogħolhom hu li jaraw kif l-aħjar jesprimu dak li hu ovvju, kif ukoll dak li mhuwiex, dak li hu maħmuġ u jimbuttak, ir-realtajiet tal-ħajja. Kulma jinkiteb għandu jinkiteb bit-tama li jqajjem xi forma ta' dibattitu jew reazzjoni.

**Nirringrazzjak tal-onestà tiegħek. Kellek xi skop f'moħħok meta ktibt dan ir-rumanz? U jekk iva, tista' tispjegah?**

Bdejt nikteb rumanz dwar kittieba żgħażagħ Maltin u dwar il-beżgħat, l-ambizzjonijiet u l-għiriet tagħhom. Kont naf mill-bidu nett, bħal Damian, li ma kontx kapaċi nikteb l-aqwa rumanz li qatt inkiteb dwar Malta għax jien ukoll nieqes mill-esperjenza, jien ukoll għad baqagħli ħafna x'nesplora, u nixtieq naħseb li jien umli aktar mill-karattru li ħloqt. Għalhekk, xtaqt niddeskrivi kittieb żagħżugħ li jimmatura billi jirrealizza li għadu mhux kapaċi jikteb dwar pajjiżu b'mod adegwat.

**U jien naħseb li rnexxielek toħroġ b'mod realistiku ħafna l-istat psikoloġiku ta' Damian! L-iskop ta' storja mhux neċessarjament ikun l-istess bħat-tagħlima li toħroġ minnha. Kif taf int, u hawn forsi ma taqbilx miegħi, jien ma nemminx li l-kittieb għandu jkollu xi morali f'moħħu meta jikteb għax ir-rwol ewlieni tal-letteratura ma għandux ikun didattiku. X'taħseb?**

Il-bnedmin, tajjeb jew ħażin, huma ħlejjaq morali. Għalkemm forsi ma jaspirawx konxjament li għad jiktbu xi rumanz didattiku, il-boxxla jew il-fibra morali ta' dak li jkun xorta jirnexxilha toħroġ f'dak li jikteb. Anki *Alice in Wonderland*, ta' Lewis Carroll, li huwa forsi eżempju ċar ta' ġeneru ta' kitba li titbiegħed mit-tradizzjoni didattika, ispira ġenerazzjoni sħiħa ta' tfal biex "ikunu huma nfushom". Sew jekk rumanz ikollu l-iskop li jwassal xi tagħlima morali u sew jekk le, il-qarrej xorta waħda jkun irid xi tagħlima. Naqbel, imma, li l-iskop tal-letteratura ma għandux ikun didattiku. Ma naħsibx li jien kelli xi dilemmi morali partikolari li xtaqt nindirizza bir-rumanz *M*.

**Ir-rumanz jittratta wkoll il-kwistjoni dwar jekk kittieba li għadhom jibdew għandhomx jiktbu bil-Malti jew bl-Ingliż. Għalija din mhix problema diment li huma jħossuhom komdi jiktbu bl-ilsien li jippreferu. Għal raġunijiet politiċi,**

**jien għażilt li nikteb xogħlijiet letterarji bil-Malti, filwaqt li xogħlijiet akkademiċi ktibthom bl-Ingliż. Jiena naf li inti għandek padrunanza eċċellenti tal-Malti. Mela għaliex tippreferi tikteb bl-Ingliż? Taħseb li kitba bl-Ingliż tirriproduċi elementi kolonjali fis-soċjetà Maltija?**

It-tweġiba għal din il-mistoqsija hija sempliċi: jien inħossni aktar komdu nikteb bl-Ingliż. Meta kont żgħir kont naqra kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, imma kotba bi stejjer bil-Malti ma tantx kont insib filwaqt li l-kotba bl-Ingliż ma kienu jispiċċaw qatt. Għalhekk dort għal stejjer bl-Ingliż. Dawn kont naqrahom wieħed f'wieħed. L-aktar li tispirani lili hija l-kitba bl-Ingliż, għalhekk jagħmel sens għalija li nikteb b'dak l-ilsien. Ma nħossx li qed nittradixxi lil pajjiżi meta nikteb bl-Ingliż, għalkemm l-għażla dwar liema lsien tagħżel li tikteb bih hi marbuta wkoll ma' kwistjonijiet politiċi kif ukoll ma' referenzi għall-istorja kolonjali tagħna. Imma naħseb li issa għadda żmien biżżejjed mill-kolonjaliżmu, għalhekk inħoss li d-deċiżjoni tiegħi li nikteb bl-Ingliż ma għandha l-ebda element politiku fiha. Hija sempliċement għażla personali.

**Ir-rumanz tiegħek hu miktub b'Ingliż impekkabbli, u ta' dan nifraħlek tassew. Madankollu, fid-djalogi li hemm fil-ktieb int daħħalt frażijiet jew termini bil-Malti li, hawn ukoll, jintużaw minn ċertu grupp ta' Maltin ta' klassi medja (tradizzjonalment aħna nsibuhom bħala "tal-pepè"). Dan għamiltu biex tissatirizza lil dan il-grupp, jew biex tkun realistiku kemm jista' jkun? Personalment ħassejt li dan l-istil ġie użat naqra żżejjed f'dan ir-rumanz, għalkemm nara li jista' jkun hemm punt f'li wieħed jużah.**

Naqbel li dan l-istil hu użat iżżejjed. Għalhekk l-aktar kelma addattata hawnhekk hi li jista' jkun "irritanti". U forsi bla bżonn ukoll? Madankollu, ma naħsibx li teżisti xi kitba fittizja lokali, la bl-Ingliż u lanqas bil-Malti, li qatt wieġbet din il-mistoqsija: jagħmel sens li kittieb Malti jikteb rumanz bl-Ingliż u fl-istess ħin jevita li juża frażijiet Maltin, speċjalment fi djalogu? Fl-opinjoni tiegħi din kellha tiġi indirizzata. Nies Maltin illum, aktar iva milli le, jitkellmu taħlita ta' Malti u Ingliż, u dan hu aspett reali tas-soċjetà Maltija li ridt naqbad fir-rumanz *M*.

**U naħseb li rnexxielek taqbdu tajjeb ħafna! Waħda mill-kwalitajiet li tassew napprezza fil-kitba tiegħek hija li b'mod suċċint jirnexxilek toħloq karattri uniċi u żviluppati tajjeb ħafna. Għandek xi kumment dwar il-proċess kif tiżviluppa l-karattri?**

Jien inħobb noqgħod nisma' lin-nies jitkellmu. Kulħadd għandu l-istorja personali tiegħu, kulħadd għandu l-affettazzjonijiet tiegħu, il-kadenza tal-vuċi, il-manjeriżmi, u l-istil tiegħu. Jien noqgħod nosserva dawn id-dettalji żgħar u stramberiji b'attenzjoni kbira. Id-dettalji nixrobhom u niggosta l-ġrajjiet kurjużi u l-istramberiji li joħorġu b'mod indiskret. Li jiġri huwa li kważi dejjem nispiċċa nempatizza magħhom, tant li nispiċċa nirrifletti lil dawn il-persuni fil-kitba tiegħi. Biex nakkomodahom, forsi? Huwa meta nara u nisma' lin-nies u nipprova nifhem l-istorja tagħhom li niskopri karattri ġodda. M'iniex ngħid li l-karattri tiegħi huma nies ta' veru, imma l-idjosinkrasiji tagħhom huma dawk li nkun osservajt f'ħaddieħor. Rupert huwa l-aktar karattru ta' veru fir-rumanz; forsi għalhekk li l-qarrejja nġibdu tant lejh.

**Karatteristika oħra ta' min ifaħħarha fix-xogħol tiegħek hija li kull kapitlu jintemm b'mod li jżommok fuq ix-xwiek għal dak li se jiġri wara. Jien inqis lili nnifsi bħala persuna li naqra bil-mod ħafna, imma r-rumanz tiegħek irnexxieli naqrah f'temp tassew qasir. Madankollu, stennejt li t-tmiem tar-rumanz ikun aktar drammatiku, aktar, biex ngħid hekk, straordinarju. Naturalment din hi kwistjoni ta' preferenza soġġettiva. Għandek xi tgħid dwar dan?**

Inħoss li rumanz li jintemm b'mistoqsija ma jistax jintemm bi splużjoni kbira. Damian iħares lejn il-baħar u jsib li hemm aktar possibbiltajiet milli ħaseb li kien hemm qabel. Għalih, it-tmiem ta' *M* mhuwiex konklużjoni imma bidu. Stejjer dwar maturità rari jintemmu b'mod splużiv, inqas u inqas b'mod definittiv. Il-karattru jilħaq il-punt fejn tgħallem x'jiġifieri titgħallem, tgħallem li baqagħlu ħafna x'jaqdef. Karattru fi storja jista' biss jitgħallem il-mod kif jista' jesperjenza d-dinja, imma lid-dinja nnifisha fil-fatt jibqa' ma jesperjenzaha qatt. Nittama li rnexxieli nuri li Damian tgħallem jinża' l-arroganza li qabel kien jinħeba warajha u tgħallem ukoll li wara kollox mhuwiex aħjar minn ħafna mill-artisti żgħażagħ tal-età tiegħu. Dan hu dak kollu li jitgħallem u fil-fatt ma jdumx wisq biex jasal għal din il-konklużjoni għax għadu żagħżugħ — kull esperjenza kapaċi jassorbiha u jħalliha tibdillu ħajtu. Hawn ukoll, forsi, it-titlu jirrifletti din il-konklużjoni. *M* mhuwiex rumanz konklużiv u lanqas inkontrovertibbli.

**Napprezza ħafna din il-kjarifika. Qabel ma nagħlqu din it-taħdita, nixtieq ngħid li verament apprezzajt il-karatterizzazzjoni tiegħek tal-kultura tal-medjokrità li ilha tmarrad lil pajjiżna sakemm jien nista' niftakar – u int irnexxielek tiddeskriviha f'diversi kuntesti, inkluża l-università! F'dan is-sens, ir-rumanz tiegħek jien insibu attwali ħafna u jistħoqqlu li jinqara u li jkompli jiġi analizzat.**

Grazzi. Iċ-ċelebrazzjoni tal-medjokrità fl-aħħar mill-aħħar hija riżultat ta' kriżi politika u soċjali. Aħna spiss naħsbu li l-medjokrità tagħna ġejja mid-daqs tagħna u għax m'aħniex kapaċi nagħmlu aħjar. Ma naqbel assolutament xejn ma' dan, u mhux biss għax hemm ħafna nazzjonijiet bħalna li rnexxielhom jisbqu lill-oħrajn wkoll għax kienu diversi l-okkażjonijiet fejn Malta rnexxielha teċċella. Li jkollok grupp selettiv ta' kittieba jikkontrollaw il-letteratura f'Malta, ibbażat sempliċement fuq in-nepotiżmu, il-konnessjonijiet u l-ħbiberiji, eċċ. li jkollok, huwa skandlu u ta' ħsara kbira għall-qarrejja li b'vuċi għolja qed jesiġu li jkun hawn narrattiva ġdida għalkollox u tal-aqwa kwalità. Dan il-grupp selettiv ta' kittieba għandhom ukoll il-wiċċ jitfgħu t-tort fuq il-qarrejja potenzjali għax mhux qed jaqraw. Jiena spiss ngħid li l-aqwa kitbiet Maltin jinstabu fil-kmamar tas-sodda (għalissa għadhom mhux ippubblikati) u mhux fuq l-ixkafef tal-kotba. L-industrija letterarja qatt mhi se tikseb il-fondi li teħtieġ jekk ir-rappreżentanti tagħha mhux qed jagħmlu xogħolhom tajjeb. Għalhekk dak li għandna bżonn hu aktar: aktar opportunitajiet għal ilħna emarġinati, aktar pubblikazzjonijiet li jissapportjaw u jippromwovu l-kwalità, aktar proġetti kuraġġjużi li jinkoraġġixxu d-diversità. Il-kuraġġ mhux faċli ssibu. Jiena kburi li dħalt għal numru ta' proġetti eċċitanti bil-ħsieb li jinħolqu aktar opportunitajiet għal kittieba mhux daqstant magħrufa. Xi pubblikaturi oħra qed jagħmlu hekk ukoll. Nittamaw li l-affarijiet qed jinbidlu.

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' ANTON SAMMUT DWAR IR-RUMANZ TIEGĦU *IŻ-ŻIFNA TAD-DESTIN* (2023)

**Għaliex l-għażla li tambjenta l-azzjoni tar-rumanz tiegħek fil-Ġermanja? U kemm huwa importanti l-aspett Storiku f'dan ix-xogħol tiegħek? Kemm hu importanti li kittieb jagħmel ir-riċerka tiegħu sewwa qabel jibda jikteb rumanz bħal dan?**

Biex stajt nikteb x'kelli f'moħħi f'rumanz bħal dan kelli bilfors nambjentah fil-Ġermanja tas-seklu 20 fuq firxa ta' seklu sħiħ, li fih jinkludu wkoll l-Ewwel u t-Tieni Gwerra Dinija u allura anki l-aspett storiku, kulturali, politiku u soċjoloġiku ta' dawk is-snin, sintetizzati kif qed ngħid f'dan il-pajjiż. Infatti, l-aspett storiku li nsibu f'dar-rumanz ma daħħaltux biss biex noħloq sfond għan-narrazzjoni tiegħi imma wkoll biex permezz tiegħu stajt noħroġ anki temi oħrajn, fosthom dik taċ-ċikliċità tar-rikorrenza eterna, kunċett filosofiku fejn allura f'dar-ritorn etern tal-ħajja kollox jerġa' jirrepeti ruħu mill-ġdid. Il-fatt li l-affari ma tidhirx hekk għal ħafna bnedmin huwa għaliex ħafna minna ninsabu tant assorbiti bl-egoċentriżmu tagħna li lanqas biss nindunaw li dar-ritorn ċikliku qed iseħħ kontinwament fina u fil-bqija tal-Ħolqien. Infatti dan il-fatt kien ilu magħruf anki sa minn żmien il-Greċja Klassika b'mod speċjali mill-filosfi Stojċi imma anki mill-fiżika moderna li għandna llum. Naturalment, il-qarrej mhux se joqgħod jidħol f'kunċetti kumplessi bħal dawn huwa u jaqra l-ktieb, imma bħala bażi, dal-kunċett ċikliku jaħdem perfettament f'nisġa ta' rumanz bħal dan li hu mifrux fuq seklu sħiħ.

Għat-tieni mistoqsija tiegħek rigward kemm awtur għandu bżonn jagħmel riċerka tajba biex joħloq rumanz bħal dan hija



Anton Sammut

importanti ferm. Imma bir-riċerka biss b'daqshekk ma jfissirx neċessarjament li se toħloq rumanz kif suppost. Direttur orkestrali l-ewwel ħaġa li għandu jagħmel hu li jirriċerka sew fuq is-sinfonija li jkun se jesegwixxi kif ukoll x'tip ta' mużiċisti għandu bżonn, imma mbagħad trid tkun l-abbiltà personali tiegħu biex jesegwixxi s-sinfonija b'tempo preċiż u armonjuż kif għandha tkun.

**Żewġ elementi importanti huma ż-żmien u d-destin, it-tnejn mifhuma bħala aġenti fir-rumanz tiegħek.**

Iva, kollu minnu dan. Min-naħa l-oħra huwa minnu wkoll li hu diffiċli ħafna biex f'kelmtejn nista' nispjega sew din it-

tema tant kumplessa imma fi ftit kliem nista' ngħid li forsi ftit huma dawk li jafu li ż-żmien u d-destin huma l-istess ħaġa essenzjalment, u dan proprju għaliex iż-żmien u d-destin mhuma xejn għajr l-illużjoni viżiva u tanġibbli ta' dak li fil-filosofija tal-Advaita Vedānta Indjana hi magħrufa bħala Śūnyatā, jiġifieri l-Assolut fix-xejn u bil-maqlub. Infatti, anki l-Fiżika Kwantistika moderna tafferma dan, u saħansitra anki Einstein innifsu kien afferma li ż-żmien huwa illużjoni, u jekk iż-żmien huwa illużjoni allura anki d-destin huwa hekk. Infatti hekk kif kont qed ngħid aktar qabel permezz tar-ritorn etern, kontra kif jaħsbu ħafna nies, il-ħajja mhijiex lineari imma waħda ċiklika li ma tintemm qatt. Tidher lineari għax kull bniedem huwa maqbud fl-ispazju u l-ħin u allura magħhom hemm ukoll il-'linearità' taż-'żmien' u tad-'destin'. Minn dan l-aspett huwa vera li r-rumanz jismu *Iż-Żifna tad-Destin*, imma b'destin ma ridtx infisser dak id-destin Eżistenzjalist li jifhmu bih ħafna nies, jiġifieri kemm kont fortunat jew sfortunat f'ħajtek, imma b'dak li fil-filosofija non-duwalista tal-Orjent huwa magħruf bħala Iż-Żifna ta' Līlā. Iż-Żifna ta' Līlā hija magħrufa wkoll bħala l-Logħba tad-Divin fejn allura f'din Iż-Żifna Kożmika sseħħ dik li aħna nsejħulha bħala 'ir-Realtà', u li allura fiha jidħlu wkoll anki l-illużjonijiet taż-żmien u tad-destin. Imma jekk forsi bniedem ikun irid jelabora xi ftit aħjar fuq das-suġġett jista' jmur imbagħad għall-kotba akkademiċi tiegħi li fuq dat-temi dħalt ferm aktar fid-detall, fosthom fil-ktieb, *Consciousness, The Concept of Mind.*




**B'xi mod dan tiegħek hu rumanz li jfakkar kemm hu importanti li nkunu nafu l-Istorja tal-bniedem. Infatti tagħti spazju wiesa' anki lill-mixja lejn il-poter ta' personaġġ storiku bħal Hitler. Minkejja dan, hu wkoll xogħol li jesprimi tama fl-umanità, u dan meta sfortunatament illum jispikkaw l-iktar il-ħażen u l-gwerra, almenu kif nisimgħu mill-mezzi tax-xandir. Xi tgħid dwar dan? Tista' inti tiġi deskritt bħala kittieb "buonista" minħabba dan?**

Ma naħsibx li jien kittieb 'buonista' imma pjuttost bniedem realistiku biex ngħidu hekk. Int semmejt lil Hitler u miegħu ġew ukoll ġenoċodji kbar ta' nies – imma kemm tgħallimna mill-Istorja u mill-Passat? Kemm-il 'Hitler' ġie minn Hitler 'l hawn li spiċċa biex immassakra eluf jekk mhux miljuni ta' nies bħalma għamel hu stess? Darba minnhom fil-*Lectures on the Philosophy of History* l-filosfu Hegel kien qal li jekk ir-rwol tal-Istorja huwa biex minnha l-Bniedem jitgħallem ma jirrepetix l-istess żbalji tal-passat ma swiet għalxejn, u xhieda ta' dan huma l-multitudni ta' gwerer, ġenoċodji u attroċitajiet kbar li għadhom iseħħu sal-ġurnata tal-lum, u qed ngħid sal-lum għaliex dawn il-massakri qatt ma waqfu tul l-Istorja tal-Umanità. Infatti, huwa hawnhekk li joħroġ ċar il-kunċett taċ-ċikliċità tar-rikorrenza eterna li kont qed nitkellem fuqu ftit qabel, u kien proprju għalhekk ukoll li dar-rumanz frixtu fuq medda ta' mitt sena biex permezz t'hekk setgħet toħroġ l-evidenza li l-Istorja vjolenta tal-Bniedem dejjem tispiċċa tirrepeti ruħha mill-ġdid, u kultant, anki b'mod farsesk kif kien qal tajjeb darba Karl Marx. Tant kemm huma intrinsiċi l-gwerra u l-vjolenza fin-natura tal-Bniedem, li saġġ Latin jgħid 'Si vis pacem, para bellum', jiġifieri jekk trid il-paċi pprepara għall-gwerra, u dan ġie mniżżel anki fin-*Nomoi/Liġijiet* ta' Platun. Tant kemm fin-natura tiegħu l-Bniedem huwa esseri eternament vjolenti fis-sens wiesa' tal-kelma, li anki r-reliġjonijiet li jipprofetizzaw il-'paċi' wettqu u għadhom iwettqu ġenoċidji kbar f'isem dil-'paċi' stess: Kruċjati, Inkwiżizzjonijiet, torturi reliġjużi, u x'naf jien. Fil-ktieb tiegħi *Il-Filosofija tal-Moħħ* ktibt – u dan huwa fatt xjentifiku – li madwar 80% tal-umanità għadha maqbuda fl-Ewwel Paradigma tal-Consciousness bi Frekwenza Mentali Beta (12-30 Hz); jiġifieri dal-persuni Eżistenzjalisti huma l-aktar individwi suxxettibbli sew għall-ħasil tal-moħħ politiku u reliġjuż, għall-vjolenza, għall-omiċidji, kif ukoll suġġetti għan-negattivitajiet kollha li jeżistu fuq din l-art, u dal-persentaġġ sa minn dejjem baqa' l-istess. Huwa proprju għalhekk li l-Bniedem ma jitgħallem qatt; imma forsi wkoll tul l-evoluzzjoni tiegħu l-Esseri Uman ma kien qatt iddisinjat biex flimkien mal-intelliġenza tiegħu seta' jiżviluppa wkoll l-Għerf Spiritwali li tant tkellmu fuqu Persuni Illuminati kbar bħall-Budda u Ġesù. Infatti llum il-ġurnata ż-żmien tana raġun, proprju għaliex issa kulħadd qed issibu jitkellem fuq din l-Intelliġenza Artifiċjali imma min-naħa l-oħra ma ssib lil ħadd jitkellem fuq l-Għerf. Madankollu, pożittiv fid-dinja hawn ukoll, u għaldaqstant l-awgurju tiegħi huwa li jalla li minn għada jibda jkollna dinja aħjar.

**Dan hu xogħol li għandu karatteristiċi tar-rumanz ġenerazzjonali ladarba jifrex fuq kważi seklu sħiħ u jurina kif jiżviluppaw personaġġi partikolari matul is-snin, inklużi wliedhom. Kemm hu minnu dan?**

Kif kont qed ngħid aktar qabel, dan huwa rumanz mhux biss storiku u romantiku imma wkoll ta' teżi fl-istess ħin; jiġifieri rumanz dwar numru ta' karattri b'ammont ta' konflitti bejniethom li minħabba f'hekk se ssibhom dejjem fuq xifer ta' deċiżjoni estrema fil-konfront ta' xulxin, li minnhom infushom dawn joħolqu mbagħad tensjoni psikoloġika kbira ferm bejniethom ilkoll. Il-fatt li f'dar-rumanz daħħalt tliet ġenerazzjonijiet wara xulxin tani spazju mbagħad biex b'hekk stajt noħroġ fid-deher l-ewwel il-wirt ġenetiku u karmiku tagħhom, jiġifieri dak li wliedhom kienu wirtu mill-'personalitajiet' tal-ġenituri tagħhom stess, imma mbagħad, sta għal kull karattru li ġie warajhom li mil-libertà tiegħu seta' jagħmel minn ħajtu dak li ried. Iżda hawnhekk jinħoloq paradoss kbir: Kif jista' jkun li r-rikorrenza eterna jew id-

determiniżmu storiku jista' jħalli spazju għal-liberu arbitru jew dak li bl-Ingliż insibuh bħala free will? Infatti, din hija problema ontoloġika li l-akbar filosfi għadhom f'diffikultà kbira biex jifhmuha sew, iżda dil-problema kont weġibtha fit-tul fil-ktieb tiegħi *Il-Filosofija tal-Moħħ* għal min forsi jinteressah dan is-suġġett. Imma fi ftit kliem fuq dar-rigward nista' ngħid, li l-personalità tal-bniedem hija totalment differenti minn dak l-istess bniedem li qed janalizza l-personalità tiegħu stess. Infatti l-personalità ta' kull bniedem mhi xejn għajr akkumulu ta' informazzjoni li tul ħajjitna nkunu ksibna mid-dinja esterna u wara dan, permezz tal-memorja, il-moħħ ikompli jelabora fuqha sal-punt li mbagħad nibdew naħsbu li dan it-treddin mentali huwa aħna stess, mentri dan huwa ferm 'il bogħod fuq min aħna verament. Naturalment, il-karattri tar-rumanzi jinbnew proprju fuq dal-personalitajiet li jiġġenera l-moħħ u mhux fuq l-essenza vera tal-Esseri Uman; jew fi kliem ieħor qed ngħidu, li huma l-kawlati psikoloġiċi li jiġġenera l-moħħ li mbagħad minnhom joħorġu karattri tant differenti minn xulxin ġewwa rumanz, u aktar kemm dal-karattri jkunu differenti minn xulxin se jkun hemm ferm aktar kuntrasti u konflitti bejniethom ilkoll. Imma dan hu suġġett ieħor li ktibt ħafna fuqu f'kotba oħrajn.




**Inti wieħed mill-awturi Maltin li tippubblika l-kotba tiegħek stess. U dan ilek tagħmlu snin twal kemm f'rabta mal-kotba ta' narrattiva fittizzja, kif ukoll mal-kotba ta' riċerka. Kif tiddeskriviha din l-esperjenza tiegħek bħala awto-pubblikatur?**
**X' inhuma l-punti pożittivi u dawk negattivi ta' għażla bħal din?**

Huwa l-filosfu u l-artist li hemm ġo fija li ddettawli biex nippubblika l-kotba tiegħi stess. Ħa nispjega ruħi xi ftit aħjar. Bħala artist li npitter b'diversi stili kont sa minn tfuliti nesprimi ruħi b'dan il-mod liberalment, u daqstant ieħor bħala ħassieb. Imma jekk minn naħa huma ħafna dawk li jafu x'inhu r-rwol ta' pittur, fil-verità huma ftit dawk li jafu eżatt kif jaħdem moħħ ta' filosfu jew ħassieb. Pereżempju, hawn Malta u mhux f'Malta biss eżistew ħafna 'ħassieba' jew 'filosfi' magħrufin, imma jekk tali 'filosfu' jkun ikkontaminat b'xi ideoloġija jew reliġjon allura dan ma jkun filosfu xejn, iżda jkun jew demagogu politiku li bir-retorika tiegħu ikun qed ikompli jippromwovi l-ideoloġija li jkun qed iħaddan hu stess, jew inkella jkun pjuttost teologu jekk il-kredu tiegħu jinzerta jkun xi forma ta' reliġjon. Iċċarajt dal-punt ngħid ukoll li sa minn tfuliti kien diġà beda jidher fija li kien se jkolli karattru sod u determinat u minħabba f'hekk qatt ma ħallejt lil xi ħadd jinfluwenzani bl-imbarazz li dat-talin kienu wirtu minn ta' qabilhom u minn ta' qabilhom u minn ta' qabilhom *ad infinitum* imma ridt li l-verità jew il-veritajiet niskoprihom b'moħħ li Alla tani biex nużah kif suppost. Kbirt, studjajt forom varji ta' psikoloġiji u filosofiji ta' kwalunkwe tip, sew dawk tal-Punent kif ukoll tal-Orjent, u hemm komplejt mhux biss niftaħ moħħi iżda dawn l-istudji kkonfermawli saħansitra dak li kont naħsbu sa minn meta kont kważi għadni tfal. Imbagħad ġew studji u esperjenzi spiritwali oħrajn, sakemm fl-aħħar kelli stampa ċara biżżejjed li permezz tagħha stajt nikteb il-kotba tiegħi stess. Meta mbagħad ġejt biex niktibhom kont diġà konvint li l-kotba tiegħi nippubblikahom jien stess u waħda mir-raġunijiet kienet li ma ridt lil ebda pubblikatur jiddettali x'għandi u x'm'għandix ngħid fil-kotba tiegħi, anki wkoll għax kieku ppruvajt nispjegalhom x'kelli f'moħħi ma kienu se jifhmuni qatt. Rigward x'punti pożittivi u negattivi hemm għal min jippubblika l-kotba tiegħu ma nistax ngħidlek eżatt għaliex fejn jidħlu l-kotba tiegħi esperjenzajt pjuttost il-pożittiv biss, fosthom li l-ewwel u qabel kollox għandek is-sodisfazzjon li l-ktieb tiegħek ippubblikajtu inti stess, li ma ndaħallek ħadd x'għandek tikteb jew ma tiktibx, u forsi l-aktar ħaġa importanti hija li l-*copyrights* tal-ktieb ikunu kollha f'idejk, sid tal-kotba tiegħek bħalma suppost għandek tkun sid ta' moħħ li Alla pprovdielek biex tħaddmu sew.

**Temmen li xogħlijiet ippubblikati minn djar magħrufa tal-pubblikazzjoni huma ta' livell ogħla minn dawn awto-ippubblikati?**

Dan jiddependi x'ħiliet artistiċi u tekniċi jkollu l-awtur f'idejh. Pereżempju jien, li apparti suġġetti oħrajn gradwat ukoll fl-arti u fid-draftsmanship arkitettoniku kelli l-vantaġġ li nfassal il-layout tal-kotba tiegħi sal-inqas dettal: mill-mod kif għandu jitqassam minn ġewwa, skrutinju ortografiku metikoluż, sad-disinn tal-qoxra tal-ktieb stess. Min-naħa l-oħra mhu minnu xejn li xogħlijiet ippubblikati minn djar magħrufa tal-pubblikazzjoni huma neċessarjament aħjar minnn dawk awto-ippubblikati; infatti, iltqajt ma' diversi kotba lokali u barranin li ġew ippubblikati minn djar tal-kotba stabbiliti u fihom sibt żbalji kbar: minn dawk ortografiċi sa problematiċi tekniċi oħrajn. L-importanti huwa li jekk awtur se jippubblika l-kotba tiegħu għandu jkun jaf eżattament x'qed jagħmel fuq tali proġett u barra minn hekk għandu jkun ferm dixxiplinat waqt dal-proċess.

**Dan tiegħek hu anki rumanz li għandu jintogħġob minn min imdorri jaqra stejjer ta' mħabba, bil-kumplessitajiet kollha li jistgħu jinqalgħu matulhom. Kemm għadhom jiġu**




**mfittxija u jinqraw rumanzi bħal dawn?**

Ir-rumanzi romantiċi se jibqgħu jintogħġbu dejjem mill-qarrej u dan għaliex fejn tidħol l-imħabba sentimentali se jkun hemm dejjem dak kollu li xi ftit jew wisq ikun għadda minnu l-qarrej f'ħajtu stess. Dan apparti wkoll li peress li l-imħabba sentimentali hija waħda irrazzjonali, il-bniedem se jibqa' dejjem affaxxinat mill-ġenn ta' moħħ l-oħrajn, proprju għaliex b'dal-pretest eżistenzjali se jkompli jaljena lill-qarrej f'dinja kaotika li xi ftit jew wisq tkun qed tikkorrispondi mad-dinja tiegħu stess, bid-differenza, li bil-qari ta' rumanzi bħal dawn, it-tort ta' kollox se jiġi dejjem ittrasferit fuq il-karattri tar-rumanz milli fuq il-qarrej. Infatti, din l-akrobazija mentali hija l-bażi psikoloġika ta' kif jiffunzjona moħħ l-esseri uman meta jiġi biex jikkompara lilu nnifsu mal-oħrajn.

**Hemm partijiet li jistgħu jdarrsu lil ċerti qarrejja: fosthom hemm ix-xena tal-istupru, it-tfalja li ddaħħal lis-saċerdot fin-nassa, l-isqof li ma jistħix jagħmel proposta indeċenti lill-omm li tixtieq tgħin lil binha, ir-rabta bejn il-Knisja u l-Nażiżmu waqt il-Gwerra, id-denunċja tal-arroganza ta' ċerti individwi fl-istess Knisja. Għaliex għażilt li tinkludi wkoll ingredjenti bħal dawn fit-taħlita li fl-aħħar mill-aħħar tagħmel dan l-aħħar rumanz tiegħek?**

Kif taf tajjeb u kif spjegajt ukoll aktar qabel, waħda mir-raġunijiet għaliex ridt nippubblika l-kotba tiegħi kienet li fihom stajt nikteb dak li ridt, sew fir-rumanzi tiegħi kif ukoll fejn jidħlu kotba akkademiċi oħrajn li ktibt fil-passat. Madankollu, dan ma jfissirx li awtur għandu jaqbad jikteb b'mod espliċitu dak li jrid speċjalment fejn jidħlu l-aktar affarijiet oxxeni u esekrabbli li jistgħu jeżistu fuq din l-art. Jista' jagħmel dan jekk irid, imma jekk tali awtur jaħseb li b'daqshekk ikun qed juri kemm hu 'intellettwalment kreattiv', kulma jkun qed juri fil-verità hija n-nuqqas ta' bravura intellettwali u l-medjokrità abissali f'kitbietu stess. Iċċarajt din, jien dejjem ngħid ukoll li fejn jidħlu sekwenzi ta' sess hemm mod u mod kif għandek tippreżentahom lill-qarrej u terġa' u tgħid, jeħtieġ li jrid ikun hemm verament il-bżonn biex awtur jagħmel dan, proprju għaliex fejn tidħol din it-tema hemm linja sottili ferm bejn il-vulgari u dak li hu dekoruż. Pereżempju, is-sekwenza tal-istupru bnejtha b'ċerta teknika minimalista proprju biex b'hekk stajt noħloq mhux biss kuntrasti lingwistiċi suġġestivi u psikoloġiċi li kellu bżonn il-plott, imma wkoll biex b'hekk seta' joħroġ il-karattru viljakk tal-istupratur. Min-naħa l-oħra f'dar-rumanz insibu aktar sekwenzi ta' sess, bħal ngħidu aħna abbuż fuq mara partikolari minn monsinjur korrott; iżda peress li l-karattru viljakk u negattiv ta' dal-personaġġ kien diġà ħareġ fin-narrattiva tal-istorja u allura l-qarrej kien jaf diġà x'tip ta' bniedem hu, ma kellix bżonn nissottolinja dal-fattur billi nerġa' nenfasizza fuq dan l-att sesswali fid-dettall. Int semmejt ukoll li xi wħud mill-qarrejja jistgħu jiddarsu b'sekwenzi sesswali bħal dawn, iżda b'sorpriża kbira għalija sibt, li meta kkuntattjawni jew iltqajt ma' numru ta' nisa li qraw dan ir-rumanz, ħafna minnhom qaluli li waħda mill-aktar sekwenzi li għoġbithom kienet proprju dik tal-istupru stess, u hawn qed nitkellem anki fuq nisa professjonisti b'dottorat. Rigward imbagħad is-sekwenza l-oħra fejn tfajla minnhom li kienet għadha moħħ ir-riħ tispiċċa ddaħħal lil qassis twajjeb fin-nasba tagħha permezz ta' ġisimha jidhirli li b'daqshekk ma ktibx xi novità ġaladarba manuvri bħal dawn huma rikorrenti ferm fil-ħajja ta' kuljum; jekk forsi mhux ta' spiss fuq xi qassis, dawn jiġu pperpetwati kontinwament f'ċirkostanzi varji oħrajn. Rigward l-aspetti l-oħra li semmejt int, wieħed għandu jagħmel biss tfittxija serja fuq l-internet biex jivverifika storikament dak kollu li jinsab f'dan ir-rumanz u f'kotba akkademiċi oħrajn li ktibt, u dan qed ngħidu għaliex f'kull ktieb li ktibt l-ewwel prijorità li kelli f'moħħi kienet dejjem it-trasparenza intellettwali u r-rispett lejn l-intelliġenza tal-qarrej.

**Xi jmiss issa?**

Dejjem jekk is-Sema żżommni ħaj, bħalissa qed nibda ndur lejn attivitajiet oħra li huma ferm differenti mid-dinja tal-kotba u għaldaqstant għalissa m'iniex se nippubblika aktar; anki wkoll għax inħoss li dak li sa minn dejjem xtaqt nikteb ktibtu kollu u jkolli ngħid mort ferm aktar lil hinn minn dak li ħlomt nagħmel f'din ħajti stess.

## NOTTURN

X'hi l-imħabba?
    Riħ mewwiet minn tal-ħarifa:
    twaqqa' l-ħsieb u b'id ħafifa
    magħha ssuqu
    weraq niexef.

Aqta' u duqu;
    ħawħ l-imħabba mieles u aħmar
    u minn ġew bid-dud imħassar:
    ġlied u semm
    Eva u Adam.

Meta d-demm
    mill-ġenbejn jitla' fir-ras
    jibda l-ħolm u jibda n-nagħas:
    weraq niexef,
    weraq niexef.

**ACHILLE MIZZI**
**(Minn: *Mill-Ġnejna Maltija*, Ed. Oliver J. Gulia, A.C. Aquilina & Co., 1955)**

# Reċenzjonijiet




# Rakkonti

# Kitbiet oħra

## *IL-BALLATA TAL-KUNĊIZZJONI*
## ta’ Wallace Ph. Gulia

**Analiżi ta’ MARIO ATTARD**

**Sors:**
***MARJANA*, Wallace Ph. Gulia, Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1984, pp. 13-24**

*Il-Ballata tal-Kunċizzjoni* Walace Ph. Gulia kien kitibha fix-xahar ta' Diċembru 1969. L-Imħallef Gulia kitibha bil-qalb ta' Bormliż u esprima s-sentmenti sinċieri ta' Bormliż li kien. Huwa twieled Bormla fl-4 ta' Marzu 1926. Fl-aħħar gwerra kienu rifuġjati f'Ħaż-Żebbuġ. Fl-1961 mar joqgħod il-Belt. Miet fil-11 ta' Ġunju 2000. Din ma kinetx l-unika ballata li kiteb. Insemmu *Il-Ballata Taj Mahal.*

*Il-Ballata tal-Kunċizzjoni*, ġiet miktuba f’ħames taqsimiet fl-4 ta’ Diċembru 1969. Hija ddedikata mill-poeta lill-Wisq Revendu Kapitlu ta’ Bormla.

Wallace Ph. Gulia ppreżenta “Il-Ballata tal-Kunċizzjoni” flimkien ma’ ‘Kelma Qabel’ bejn il-paġni 13 u 24 tad-damma poetika tiegħu *Marjana*. Meta jaqra dik ‘il-kelma’, wieħed malajr jintebaħ li dak li kebbes il-ftila tat-tnebbiħ fil-poeta kienet ir-rikonoxxenza tal-leġġenda tal-Madonna tal-Marżappa. Dak li ġabu wiċċ imb wiċċ mal-ġrajja għażiża ħafna ma’ Bormla kollha, belt twelid Dr. Gulia, kienet l-istedina mill-Kapitlu tal-parroċċa ta’ Bormla biex ikun eżaminatur f’Konkors ta’ essays fl-1969.

Iktar minn hekk, jistqarr il-poeta, kull essay li kkonkorra rrakkonta l-leġġenda tal-Madonna tal-Marżappa... “u l-immaġinazzjoni tiegħi xegħlet, u ħassejt li ma stajtx inberridha jekk ma niktibx *Il-Ballata tal-Kunċizzjoni.*” Il-mira ta’ Wallace Gulia wara din il-ballata kienet li jfisser ir-rabta bejn il-Bormliżi u l-Madonna tal-Kunċizzjoni. Is-siġill ta’ din ir-rabta huwa misjub fl-imħabba kbira li għandhom il-Bormliżi lejn il-Madonna Kunċizzjoni.

Meta jitqies il-fatt li kien mistieden biex jagħmel parti minn bord ta’ eżaminaturi u li l-eżami tal-essays laqqgħu mal-leġġenda msemmija, Wallace Ph. Gulia, ħass u hekk għamel, li jiddedika *Il-Ballata tal-Kunċizzjoni* lill-Kapitlu tal-parroċċa ta’ Bormla. Dan ix-xogħol letterarju jġib id-data tal-4 ta’ Diċembru 1969.

*Il-Ballata tal-Kunċizzjoni* hija mibnija fuq ħames taqsimiet. F’termini tekniċi letterarji, l-ewwel tliet taqsimiet huma miktuba bil-vers popolari (jiġifieri tat-tmienja) u kull strofa hija kwartina. Fir-raba’ taqsima l-poeta jaqleb għall-endekasillabu u bi strofi ta’ tul varju. Lill-aħħar taqsima jippreżentaha kollha bil-kwartini fil-format ta’ Saffika bir-rima.

Mingħajr dubju tiftaħ is-sensiela tat-taqsimiet il-leġġenda tal-Madonna tal-Marżappa, bis-smigħ tal-biki tat-tarbija f’idejn il-qilla tax-xitan u l-fidwa tagħha mill-Madonna b’ħatar (jew marżappa) f’idejha li għas-swat tiegħu l-għafrid ta’ barra minn hawn kellu jċedi. Din id-dehra seħħet quddiem għajnejn Rokku l-Kaptan u l-ekwipaġġ tiegħu. Din l-ewwel parti tagħlaq bil-ħalfa ta’ Rokku li jibni kappella fuq il-Għolja tal-Ġonna (fejn seħħet id-dehra u fejn il-lum tinsab wieqfa l-parroċċa ta’ Bormla).

It-tieni parti tiżviluppa fuq dak li seħħ fil-ħajja familjari tal-Kaptan Rokku wara li baħħar minn Malta lejn Sqallija. Rokku, li kien Sqalli, jinsab jitħaddet ma’ familtu fuq kulma għadda mingħalih f’dik it-tiġriba tal-biża’. Hawnhekk Rokku jintebaħ li dik it-tarbija “li kien ħalla ta’ ġurnata” qabel baħħar lejn Malta tliet xhur qabel, kienet l-istess waħda li ħeles huwa stess bil-għajnuna tal-Madonna mill-qilla tax-xitan. Dan il-fatt aktar xegħel lil Rokku fir-rieda li jibni kappella b’radd il-ħajr lill-Madonna. Tħabat u rsista u ġabar il-flus u,

*Il-kappella nbniet u telgħet*
*fejn illum hemm il-Maġġur.*

Hawnhekk, Wallace Ph. Gulia jiġbor flimkien tliet elementi li



Wallace Ph. Gulia




[Ritratt: Mario Attard]

huma mwaħħda ma' Bormla u l-iżvilupp Marjan kif ukoll storiku tagħha:

is-siġra li "baqgħet mal-irjieħ tixjieħ u ddur!" li minnha kienet skolpita l-istatwa titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni; matul is-snin li ġew wara f'Bormla dejjem żdiedet in-nies biex tgħammar fiha sa ma seħħ l-Assedju l-Kbir tal-1565 u wara ddawret Bormla bis-swar. B'riżultat ta' hekk, il-Gran Mastru Marc Antonio Zondadari onora lil Bormla b'Città Cospicua flimkien mal-motto 'Sur Kbir Iħaddanni', u quddiem dawn iż-żewġ realtajiet, il-poeta jikteb fit-tielet taqsima:

*U l-imħabba lejn Marija*
*baqgħet tħeġġeġ tul is-snin.*

Fil-fatt it-tielet taqsima ta' *Il-Ballata tal-Kunċizzjoni* tippreżenta lill-kappella mibnija, Bormla tiżviluppa, kif hekk żviluppat ukoll il-qima lejn l-Immakulata Kuċizzjoni f'Bormla. U finalment tinħass il-ħtieġa li jinbena Santwarju kbir. Imbagħad dwar il-vara titulari ... Ħarset il-Bormliżi antenati waqgħet fuq is-siġra mgħobbija biż-żmien li kienet tinsab wieqfa fuq il-Għolja tal-Ġonna u li biex jinbena s-Santwarju kellha bżonn tagħmel il-wisgħa.

*O xi ġmiel ta' ħsieb ġie f'rashom*
*Dawk in-nies ta' dik il-ħabta!*
*Minn ġoz-zokk ħarġulna x-xbieha*
*ta' Marija Immakulata.*

Hawnhekk mal-ġrajja popolari tal-leġġenda tal-Madonna tal-Marżappa, Wallace Ph. Gulia jżid ukoll fatt ieħor: il-ħolqien tar-ras ta' Marija Immakulata li suppost kellha tkun skolpita mis-soru aljieva ta' Mattia Preti, Maria de Domenicis.

Għajjiena għall-aħħar mit-tmaħħiħ ta' kif kienet sejra toħloq dak il-wiċċ tal-Immakulata, Suor de Domenicis ħallietha għall-għada wara li talbet lill-Madonna tispiraha. Ħaġa tal-iskantament, l-għada sabet lir-ras tal-Madonna lesta u mwaħħla max-xbieha.

*Għaġeb kbir: x'ħin darba stenbħet*
*biex tmur titlob lil Marija,*
*rat ir-ras imwaħħla w lesta -*
*l-isbaħ biċċa f'xogħol bla ħtija!*

Din hija l-kwartina li tagħlaq it-tielet taqsima.

Ir-raba' taqsima tmur 'il quddiem mijiet ta' snin li raw fil-milja tagħhom lis-swar jissuraw, il-baċiri jiffurmaw, il-bini fejn jgħammru n-nies joktor u jiżdied...

*U f'nofs dan kollu is-Santwarju baqa'*
*Jorbot lis-Sema u l-art, kuljum itella'*
*ħajr qlub twajbin ta' nies dħulin, ċajtiera,*
*lill-Omm bla nikta, li mill-għoli tħares*
*fuq din il-Belt imħabbta sew biż-żmien...*

Jekk Bormla għaddiet mill-iżvilupp, għaddiet ukoll mit-taqlib meta d-dittaturi nfexxu għal kulħadd. Fi kliem ieħor seħħ il-għajb tal-gwerra li nfirex tista' tgħid mad-dinja.

Kien il-11 ta' Ġunju 1940 mas-sbiħ, dakinhar id-dittaturi taw bidu għat-Tieni Gwerra Dinjija fejn jikkonċerna lil Malta:

*U bagħtu, u bagħtu, u bagħtu l-ajruplani*
*kull wieħed jiftaħ żaqqu u jiżra' l-mewt...*

Kien żmien li għarwen lil Bormla minn uliedha u Bormla, ħtija ta' hekk, waqgħet fil-għera:

*kullimkien ħerba, djar imwaqqgħa, bwieb*
*sgassati w imtertqin, it-travi qishom*
*ilsna ta' ħluq jittewbu mingħajr rażan...*

Kienet il-ħerba tal-gwerra l-kbira - it-tieni waħda. Iżda Sultana qalb il-ħerba, bla mittiefsa, fuq il-Għolja tal-Ġonna fejn darba dehret il-Madonna b'ħatar f'idha ssawwat lix-xitan u tifdi lit-tarbija minn ħafen dirgħajh, u fejn il-Kaptan Sqalli (Rokku) bena l-ewwel knisja lill-Madonna Immakulata, deher wieqaf u kien jintlemaħ minn kullimkien. Iżda l-Bormliżi li tant ħabbew u żejnu lil dan it-tempju qaddis, issa kienu jinsabu rifuġjati, imbiegħda wisq 'il bogħod minn Bormla u mferrxa ma' Malta u Għawdex, għalhekk kienu mbiegħda wisq biex lit-tempju tal-Immakulata Kunċizzjoni li missirijiethom bnew u li huma ħarsu tul is-snin, jarawh wieqaf rebbieħ fuq kull xorta ta' qilla tal-għadu.

Din ir-raba' taqsima tisħaq fuq paġna ta' swied il-qalb li bħalha qatt ma nkitbet fl-istorja ta' Bormla, lanqas fil-pesta l-kbira tal-1675-76! Dakinhar, biex Bormla tkun żgur tneżżgħet minn kollox, għajr għas-Santwarju mhedded mill-mira mill-ajru tal-ajruplani tal-għadu, il-kwadru inkurunat tal-Madonna tal-Kor u l-istatwa tal-Kunċizzjoni wkoll spiċċaw rifuġjati fil-knisja ta' Sant'Elena f'Birkirkara. B'danakollu,

*Ta' kuljum il-bini, id-djar jiġġarrfu*
*sakemm il-bini mwaqqa' reġa' twaqqa'*
*mill-qilla tal-azzar u tal-ħruxija!*

Is-Santwarju ta' Marija Immakulata baqa' wieqaf, jirreżisti. Imma kemm kien se jdum jieqaf għall-attakki qliel?

*Saret il-konġura. Il-Kapitlu ltaqa'*

*imwaħħax mill-irvina tal-irvini.*
*mgħaġġeb, mibluh, kif is-Sanrtwarju biss*
*baqagħlu l-ħajja! Għamel wegħda kbira:*
*li jekk sar-rebħa is-Santwarju jibqa'*
*wieqaf u sħiħ, qawwi, f'saħħtu, sabiħ,*
*iġibu lill-Kunċizzjoni f'purċissjoni*
*minn Birkirkara għas-Santwarju tagħha.*

Kien il-pellegrinaġġ tad-19 ta' Novembru 1944 u tiegħu, fl-istess data tas-sena 1994, sar pellegrinaġġ replika b'tikira tal-ħamsin sena minn dakinhar.

Lura minn Birkirkara fl-1944, qalb tifrik, radam u ħerba, il-Kunċizzjoni flimkien mal-kwadru titulari tal-Madonna tal-Kor laħqu s-Santwarju, id-dejr qaddis tagħhom. Dakinhar,

*Daqqew il-qniepen tqal, kien hemm trumbetti*
*iżarżru fil-widnejn il-miġja tagħha.*
*Faret bil-hena Bormla, tgħannqu n-nies*
*għax reġgħet għandhom xita mingħajr qies*
*ta' grazzji kbar - il-ħelwa Kunċizzjoni!*

Hekk ir-raba' taqsima tal-ballata miktuba minn Wallace Ph. Gulia tagħlaq - bit-treġġigħ lura tal-egħżeż żewġ xbihat għall-Bormliżi.

Iżda għad jonqos il-ħames u l-aħħar taqsima. Lil din il-kitba aħħarija jiena nfissirha bħala l-wirt tal-qima, tal-imħabba, tat-tkattir u tal-iżvilupp li bihom il-Bormliżi ta' darba rawmu flimkien lil Bormla u lill-qima lejn il-Kunċizzjoni f'uliedhom flimkien ... ħaġa waħda... li l-ebda progress ma jista' jitfi għal kollox lil dik il-fjamma.

Il-ħames taqsima tqiegħed lill-poplu Bormliż f'riġlejn il-Madonna, persważ u konvint li dik l-istess Marija Immakulata Kunċizzjoni li daħlet u waqfet ma' kull ġenerazzjoni ta' niesu, xejn affattu ma kienet sejra twarrab ħarsitha minn fuqhom imqar għal darba!

*Ejja, Madonna, kollok ġmiel u ħlewwa,*
*B'ħarstek irżina u b'għajnejk mistħija,*
*Ftakar li aħna wliedek imbikkija,*
*O mnissla mingħajr ħtija!*

Bla dubju, il-fatt li hija miktuba erbat ijiem qabel il-festa tal-Kunċizzjoni tal-1969, jippreżentalna lil Wallace Ph. Gulia misjuq mit-tqanqil tipiku li jħoss kull Bormliż fix-xahar ta' Diċembru. Bla dubju, bħala Bormliż huwa wkoll kien jaf tassew x'kienu qed iħossu ħutu l-Bormliżi. Għalhekk, dawn il-versi huma misjuqa mill-imħabba ta' Bormliż lejn belt twelidu u l-patruna għażiża tiegħu.

Filwaqt li naħseb biex nagħlaq din l-analiżi, irrid qabel xejn nikkonferma mill-pinna ta' Wallace Ph. Gulia stess l-imħabba kbira li kellu lejn il-Madonna u lejn Bormla. Dan nista' nagħmlu bis-saħħa tal-versi li ġejjin u li huma meħudin mill-poeżija li l-poeta kiteb fl-24 ta' Mejju 1982 bl-isem *L-Għanja ta' Radd il-Ħajr.* F'dik id-data l-parroċċa ta' Bormla kienet tinsab tiċċelebra l-250 sena mill-konsagrazzjoni tagħha. Wallace Ph. Gulia kien sar Imħallef fit-13 ta' Mejju 1982. Dakinhar ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt kien hemm funzjoni reliġjuża bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima - minkejja kollox ma tilfhiex!. Għaxart ijiem wara ħa sehem f'pellegrinaġġ għall-Knisja tal-



[Ritratt: Ħajr lil Mario Attard]

Madonna ta' Pinu - din ukoll ma ħallihiex taħrablu, filwaqt li l-għada ħa sehem fit-tifkira tal-250 sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja ta' Bormla. Din il-parteċipazzjoni kollha hija arrestata fis-silta li ġejja:

*U ġo San Ġwann fix-xbieha ta' Fatima*
*"Grazzi Ma'!" għajjattlek kemm-il darba:*
*u rġajt f'Ta' Pinu, "Grazzi, Ma!" għajjattlek,*
*u llum ġo Bormla "Grazzi, Ma!" tennejtlek*
*lanqas ħarist lejn dak li qiegħed taħtek:*
*iqarraq biss u jaqta' n-nifs bħal bniedem*
*għadu tal-qalb ukoll jekk jaf jitħejjem,*
*jilgħabha tal-qaddis u l-ħarta jfajjar.*

Mingħajr l-ebda dubju, li kieku Dr. Wallace Ph. Gulia għadu magħna, żgur li kien jattendi kull ċelebrazzjoni li Bormla ċċelebrat tul dawn l-aħħar snin. Biss persważ li mis-Sema, maġenb l-Omm ċelesti li tant kien iħobb f'ħajtu kien preżenti u hekk jibqa' filwaqt li jgawdi l-ferħ li f'din l-art aħna nistgħu biss insemmuh u nixtiquh!

## IX-XALATA FIX-XITA - XITWA 1952

**Rakkont ta' Carmen Refalo**

*Tikk tikk tikk nismagħha nieżla*
*noħroġ barra bla karkur*
*naqbeż nogħla ndur u nċafċaf*
*għax daqt tieqaf ftit ddum*

Minn dejjem ħabbejt ix-xita. Kif tibda nieżla erħili niġri lejn il-vażun taċ-ċaqquf f'rokna fl-intrata, naħtaf l-umbrella ċkejkna tiegħi, u nitlaq niftaħha fil-bitħa biex nisma' l-qtar ifaqqgħu fuqha. Sadattant kien ikolli niskarta lin-nanna biex forsi ma tilmaħnix. Imma ftit kont indum nieħu pjaċir; mhux għalkemm stajt naħrab minn għajnejn nannti,

"Agħlaq dik l-umbrella Carm; agħlaqha ruħi," għadni nismagħha tgħajjat waqt li ttektek biċ-ċurkett taż-żwieġ, dejjem f'subgħajha, mat-tieqa tal-loġġa,

"Mhux sew tiftaħha ġewwa fil-meżżanin! Agħlaqhielha Marì. Ruħi tistidinx l-għawġ."

"Hawn fil-bitħa qalb il-qsari qiegħda nann; mhux ġewwa," u kont nibqa' ndur biha miftuħa fuq rasi sakemm tilħaq tiġi ziti.

"Carm ejja 'l hawn, agħlaqha u idħol; qed iberraq u daqt jaslu s-sajjetti." Iz-zija Marì kienet taf minn xiex kont nibża' u kif nismagħha kont niftaħ widnejja, inberraq għajnejja u nisgiċċa 'l ġewwa minnufih. In-nanna kien ikollha mitt sena tara l-umbrella lura f'postha tqattar fil-vażun.

Wara li min jaf kemm-il darba għext dal-mutetti, ġietni x-xewqa li nkun naf il-għala, "Jaqaw in-nanna tibża' li nkisser xi waħda mill-vireg tal-umbrella zi?

"Le mhux hekk; in-nanna ma tridekx tweġġa' għajnejk bil-ponot tagħhom ma tmurx tagħmi," gidbitli ziti.

Meta kbirt ftit ieħor u sirt nifhem kliemhom aktar, qaluli li nannti kienet titwerwer malli tarana nifthu xi umbrella ġewwa l-meżżanin. Skont hi, b'hekk kont tkun qed tħajjar lill-mewt biex tiġi toħdilna lil xi ħadd minn ta' ġewwa. Ħeqq jekk 'Ċensa l-Mewt' tagħżel skont iż-żmien hi kienet it-tieni fil-lista wara n-nannu! Sadattant spiss kont nismagħha tgħid li 'Mewt u xita Alla jaf meta'; jaħasra kemm kellha flieles f'moħħha n-nanna Karm.

Insomma wara xi sajjetta fil-bnazzi, li taħsadna b'ħoss qawwi li jinfdek bit-tqarqiċ li jtul fil-widnejn bħallikieku jrid iħażżeż il-ħġieġ fil-purtelli tal-meżżanin, b'dawl abjad li jidħol fil-pront minn kull xaqq għal ġewwa u jħallina nistennew sakemm jispiċċa t-tkarkir ta' wara. Daqstant qrib fuq rasna kien jaqtagħna kollha minn ġewwa, u jħallina imwerwrin nistħajlu li ser jaqa' xi mkien. Iz-ziju biss ma kienx jibża'.

"Santa Barbara la deni u lanqas ħsara," kienet titlob nannti.

"U ajma ma! Lanqas li qegħdin f'nofs il-baħar ta' Marsamxett naqdfu ġod-dgħajsa," kien jaqbeż binha, li rabba l-kallu matul iż-żmien li ħadem ta' barklor.

Hekk kif nerġgħu niġu insè li ma jkun ġara la deni u lanqas ħsara, nixorbu tazza gamumilla għall-qatgħa; ma tmurx taqbadna s-suffejra. U mhux l-ewwel darba li s-sema jibqa' blu u t-toroq jibqgħu xotti! U hemm iz-zijiet ikomplu b'xogħolhom; ma kinux jistaqsu l-għala u l-għaliex. Għax ix-xita taf tinżel bil-kwiet waqt li jibda jberraq fil-bogħod.

Imma kull darba li qalbha teħbirha li kienet tkun riesqa maltempata qalila n-nanna tmur tħaffef, tqalleb fil-komodina, toħroġ ix-xemgħa tal-gandlora u tmur tixgħelha quddiem l-istatwa tas-Sagra Familja fil-kamra taz-ziju Ġuż. Hemm ġew kienet toqgħod titlob bil-kwiet biex il-maltemp jgħaddi qabel ma jaslu wliedha lura mix-xogħol.

"X'ġara Ċett? X'qed tgħid ommok? Jaqaw infetħu bwieb is-sema kemm nieżel ilma; ser jimtela l-bir Ġuż," xi ħaġa hekk kien jgħid in-nannu Kiel jekk jinzerta jqum mill-irqad. U wara li jtella' rasu minn fuq l-imħadda u jħares madwaru jiftakar fija,

"Fejn hi t-tifla t'ibni ż-żgħir?"



"Hawn jien nann," u mmur ħdejh niġbidlu l-mustaċċi, "Imma ziju Ġuż għadu mhu...." u bħas-soltu nħoss xi ħadd jiġbidni lura biex ma nkomplix; ħalli jerġa' jongħos minnufih. U naqbdu nduru dawra mal-meżżanin; naraw nilmħux xi qatra ilma tqattar mis-saqaf. Saħansitra lili, qabel m'għalaqt il-ħames snin, kont issibni bil-barmil iż-żgħir f'idi, indur wara ziti nistenna l-ordni fejn għandi npoġġih. Għax xi mkien kien jibda jqattar żgur.

Għadni nara liz-zija Marì tħaffef lejn it-tieqa tal-kamra l-kbira; tiġbed u ssakkar il-persjani li kienu jinżammu sokkjużi matul il-jum u tagħlaq il-purtelli fuq il-ħġieġ. Wara titla' bla nifs sa nofs it-taraġ tal-bejt, tasal sat-tieqa l-kbira, u jekk ma tkunx magħluqa sew, tgħajjat lil oħtha biex titla' tgħinnha. F'ħakka t'għajn iz-zija Ċett kienet tasal fit-tromba, titgeżwer b'rasha b'kollox fl-inċirata li kellhom għal-lest, toħroġ fuq il-bejt, u ddur għal ħdejn it-tieqa biex timbotta l-purtelli minn barra.

Dit-tieqa kellha l-purtelli bil-ħġieġ biss, imma minn ġewwa kellha l-vireg tal-ħadid imdaħħlin fil-ħajt minn fuq s'isfel, ma jmurx xi ħadd kien ifettillu jifqagħha, jidħlilna u jġorrna bit-teżori b'kollox. U biex tiġbed il-purtelli, ridt toħrog idejk minn bejn il-vireg. Biż-żmien l-injam ħxien u kif tiġi biex tagħlaqhom kien ikollok bżonn l-għajnuna ta' xi ħadd bħaz-zija Ċett biex mill-bejt taqbeż ċint baxx u tgħaddi fuq pjan ċkejken li fit-tarf tiegħu ma kellux opramorta; jekk taqa' 'l isfel kienet tispiċċa f'nofs is-siġra tan-naspli jew minn tulha mal-art fil-bitħa tal-ġirien. U lili tant beżżgħuni minn dal-pjan, li qatt ma ssograjt naqbeż iċ-ċint, ħalli mqar għal darba biss matul ċkuniti, nissendika kemxejn il-bitħa ta' waħda minn ħbiebi u naqta' naspla mis-siġra tagħhom.

Kemm kont beżżiegħa ..... tlift dawk l-esperjenzi! Ma kien hemm xejn speċjali x'nara; imma t-tfal mhux kollha hekk iħobbu jagħmlu? Jieħdu gost imorru fejn qatt ma marru u jirfsu fejn jgħidulhom li hemm il-periklu biex jissugraw xi ftit.

Waqt li x-xita tibqa' nieżla bil-qliel, bid-dawl tal-beraq dieħel mit-twieqi, kont nidħol nitgeddes fuq is-siġġu, bejn il-gwardarobba u l-gradenza, u b'idejja nsodd widnejja sakemm ma nismax it-tkarwit ta' kull ragħda wara kull berqa. Mir-rokna tiegħi stajt nisma' liz-zija Marì għadha ddur mal-meżżanin, xi drabi kont nagħmel il-kuraġġ biex infittex post għall-barmil tiegħi; xi mkien ieħor kont insib żgur. U kif nisma' l-qtar itektek għal ġo fih kont inħossni aħjar.

Imma mhux l-ewwel darba li z-zija Marì kien ikollha terġa' tgħajjatli,

"Carm oħroġ minn dik ir-rokna. Mur ġib il-važu tiegħek minn taħt is-sodda; qed iqattar hawn ukoll."



U wara x'aktarx iddur lejn ommha,

"Fakkarni ma. Kif jiġi ħija mix-xogħol hemm bżonn nuruh minn fejn daħal l-ilma ħa jieħu ħsieb".

Kif inbena l-meżżanin is-saqaf tal-bejt kien tbattam u z-ziju Ġuż kien iduru kull sena; imma fl-ewwel xita, wara s-sħana tas-Sajf li tixwi l-bjut, l-ilma jaf jgħaddi għal ġewwa mill-inqas xaqq li jsib.

"Fil-loġġa kollox magħluq Ċett?" kienet issaqsi n-nanna mill-kamra ta' ġewwa. Sakemm ikompli jriegħed kienet tagħmel bħali; tidħol f'qoxritha fil-kamra tagħha u ma tersaqx 'l hemm.

"Iva ma, kullimkien magħluq u l-firolli tat-tieqa msakkrin. Ħu paċenzja mur mexxi l-purtiera l-ħadra tal-gabardin ladarba m'hawnx Tereż." U n-nanna kienet tagħmel bħali u tissogra li tmur fil-loġġa biex tgħin 'l uliedha; b'hekk id-dawl tal-beraq kien ibati biex jidħol għalkemm il-ħsejjes qawwijin tas-sajjetti kienu jkomplu jinstemgħu xorta waħda!

U jekk nisma' li jkun nieżel is-silġ kont niġri lejn il-bitħa; waqt li nannti u ziti Marì kienu jitwerwru. U kienet tibda l-kantaliena tas-soltu,

"X'waħda din Ċett, nieżel is-silġ" kienet tibda n-nanna, "qed nisma' seww?"

U z-zija Ċett,

"Ħalba żgħira ma; daqt tieqaf," biex isserħilha moħħha.

"Mill-ħoss donnu qed jikber" taqbeż iz-zija Mari`, u wara ftit sekondi,

"X'waħda din kemm se jdum nieżel... min jaf is-saqaf jifilħux jekk ikompli nieżel hekk..... u biex tgħaxxaqha Ġużeppi tagħna mhux hawn!"

"X'tambih lil Ġużeppi. Arani tielgħa jien nara l-bejt... isimgħu qed inaqqas... ittawwal fil-bitħa Marì... qed tara, waqaf is-silġ u s-saqaf baqa' ma waqax. Kieku Ġużeppi kien iżommu... tarax ħej!" kienet tirrabja oħtha l-kbira.

Waqt li nismagħhom sejrin hekk, kont immur nittawwal fil-bitħa biex nara l-boċċi neżlin bis-sabta mal-art u nipprova naħtaf waħda minnhom li tinħall malli tmiss m'idi. Imma kif iħossu l-art jerġgħu jaqbżu għal darba darbtejn u jmorru jingħaqdu ma' ħuthom; min jibqa' waħdu kien jinħall mal-ewwel. Kos is-silġ ukoll, fl-għaqda jsib il-forza.

Jekk jilħaq jidlam konna nitrekknu taħt it-taraġ, ħdejn is-sodda tan-nannu ngħidu r-Rużarju; wara ngħaddu l-ħin nisimgħu ir-'Rediffusion' sakemm l-ikrah ikun għadda.

Imma jekk il-maltemp jinzerta matul il-jum, bla silġ, bla beraq u bla sajjetti... ehh.... hemmhekk kienet tkun l-akbar xalata!

Wara li z-zijiet kienu jserrħu rashom li fil-meżżanin ma setgħux jeħirqu kienu jaqbdu xkupa kull wieħed, jinżgħu ħafjin, jerħulha għal barra u jaqbdu jogħrku kemm jifilħu l-bankina ta' quddiemna. Il-ġirien kienu jagħmlu bħalhom; joħorġu bit-tfal ma' djulhom u waqt li l-kbar ipaċpċu, jidħku u jaħslu, aħna ż-żgħar nagħmlu briju sħiħ bix-xita traxxax fuq rasna. Wara ftit taħt il-bankina, l-ilma ġieri kien jibda nieżel ċar u nadif; fil-pront konna ntajru kollox minn saqajna u erħilna nċafċfu u niċċafalsu sakemm insiru għasra. Tonina l-ħajjata, dejjem imħabbta bix-xogħol mal-magna, xorta kienet toħrog tittawwal għal barra t-triq,



"Mur kompli Nin, ħalli f'idejna, issa nogħrkuhielek aħna!" kienu jgħidulha l-ġirien.

Jekk ma jkunx għax-xogħol, iz-ziju Ġużeppi kien joħroġ fuq il-bankina ħafi, bil-qliezi mtellgħin sa taħt irkopptu u b'xi dgħajsa tal-karti f'idu. U malli tieqaf x-xita nisimgħu jgħajjatli,

"Araha sejra Carm!" waqt li jpoġġiha bil-galbu fuq l-ilma ġieri. Kif jitlaqha minn idu kienet tintelaq mal-kurrent u aħna t-tfal konna naqbdu nimxu magħha waqt li ngħajtu, nwerżqu u nferrħu t-triq!

Imma malli tikser għat-triq 'San Girgor' kien ikolli nieqaf. Iz-ziju s'hemm kien iħallini nasal; ma jmurx iġorrni l-ilma jew joħodni l-kurrent! Imma s-subien tat-triq tagħna kienu jibqgħu sejrin warajha sakemm tibda xxaqleb fuq naħa waħda, timtela bl-ilma u tegħreq!

Hemm kienu jieqfu u jibqgħu iħarsu lejha sakemm ma tibqax tidher iżjed. U hekk minn dgħajsa tkun reġgħet saret biċċa karta li tinġarr mar-rimi li jitħabbel magħha. U t-tfal jerġgħu lura ħdejna, jaraw jekk kienx ikun hemm oħra lesta biex tibda l-ewwel vjaġġ tagħha!

Żgur li ħadd minna ma kien joqgħod jaħseb, li l-ewwel vjaġġ tad-dgħajsa, kien se jkun ukoll l-aħħar wieħed; le ma tarax, konna żgħar u iżjed kien jimpurtana mill-bidu milli mit-tmiem!

U kif nidħol ġewwa kont insib liz-zija Ċett fil-bitħa, bil-barmil f'idha tbattal l-ilma li jkun inġabar fil-plattini taħt il-qsari ħalli l-għeruq ma jiskrux, liz-zija Marì tixxotta l-qtar li jkun fadal fil-bitħa u liz-zija Tereż tnaqqar xi ħaġa mill-kċina.

U n-nanna kellha ħabta tibda,

"Ixxottaha sew Marì; jekk it-tifla tiżloq fil-bitħa taf taqsam rasha!" U tkun pronta tkompli bintha Ċetta,

"Toħorġux 'l hawn! Jekk inwaqqa' l-borma nibqgħu kollha b'xejn," waqt li tkun ġejja u sejra taqsam il-bitħa mill-kċina għall-loġġa.

"Aħjar milli twaqqa' xi flixkun zejt!' kienet tkomplilha z-zija Terez bil-flixkun nofsu mimli f'idha, "għax jinqalgħalna l-għawġ kollu tad-dinja!" u kif jaraw lin-nanna tkemmex xofftejha kienu jaqbdu jidħku lkoll flimkien.

Għadni s'issa nħobbha x-xita! U xi ħalba silġ qawwija tfakkarni fil-bitħa taz-zijiet, mimlija qsari; bil-weraq tal-galletti mimlija ilma, bil-fosos tas-silġ ileqqu waqt li jiżżerżqu minn werqa għall-oħra hekk kif terġa' tittawwal ix-xemx.

Għall-mument nerġa' ngħix jiem ċkuniti.... iż-żmien ħelu li għadda u spiċċa bħad-dgħajjes tal-karti taz-ziju Ġuż!

## MILIED IEĦOR

Mhux kollox ward u żah'r Bambin
Int li ħabbejt liċ-ċkejknin
ħares fuqna b'wens divin
bnedmin nieqsa mit-twemmin.

F'ħaġa waħda għalenija
li tippoża ta' ħbubija
taht il-wiċċ ħlief ferneżija
wara t-tieba mistohbija.

Ħala w regħba l-verità
għira w dnewwa r-realtà
ghidli fejnha l-fedeltà?
U x'sar minnha l-kastità?

Naħseb jien Bambin illum
li niftakru fik f'dal-jum
jum il-berdej, kemm se jdum
il-ħelsien ma jkun mitmum?

**RIGU BOVINGDON**
(Minn: *Aporija Mill-Ġdid*, Horizons, 2019)





Joe Felix Cachia (1944-2024)

## IL-PONT IFAKKAR LIL JOSEPH FELIX CACHIA, GĦALLIEM, KITTIEB TA' POEŻIJI U ĦABIB TAL-PJANTI U S-SIĠAR

**Rita Gatt tikteb dwaru**

Din ktibtha minn qalbi lil għażiż Ġużeppi f'Novembru tal-2023. Kont ili snin twal nafu lil Ġużeppi imma dawn l-aħħar sentejn ta' sikwit kont niltaqa' miegħu u ma' wliedu u nerħulha bil-mixi fi nħawi differenti madwar l-irħajjel sabiħ ta' Selmun.

Konna aktarx niġbdu lejn l-Imġiebaħ u kif naslu sewwa sew fejn il-Ħewwiexa, jieqaf. U b'għajnejn ferħana jħares lejn ħarruba xiħa li tant kienet għal qalbu u hemm jistkenn ftit mix-xemx u jibda jgħidilna fuq l-irwejjaħ li jinxtammu taħtha u kif u għal u kull meta jinxtammu u jgħallimna u jfissrilna b'tant imħabba, tant informazzjoni fuq dawn is-siġar. Konna nibqgħu mexjin u flimkien konna nħarsu lejn żewġ siġriet taż-żnuber fejn kienu qalulna li ntlaqtu b'xi sajjetta u nħarqu u kien jingħad li kienu fost l-ikbar li kien hawn fil-gżejjer Maltin dak iż-żmien. Kemm kien jitnikket Ġużeppi jħares lejhom, u jiftaħ idejh beraħ bħal meta wieħed iħoss li ma jista' jagħmel xejn. Konna nibqgħu neżlin u jerġa' jieqaf fejn hemm liwja mlewna bis-siġar tad-deru u taż-żnuber u jaqbad werqa bejn subgħajh, ixommha u jagħtina xi tagħrifa oħra, dwar kif jingħad isimiha bil-Latin. Jew jerġa' jibda jirrakkonta meta dak l-ilqugħ mtarraġ li hemm, jiftakru mimli bl-ilma.

Konna nitkellmu aktarx b'tant nostalġija dwar żmenijiet ta' għexieren ta' żmien ilu, fejn il-ħajja f'dan l-irħajjel kienet mogħnija b'tant barkiet li llum qed naraw jinsterqulha u jċaħħduha minnhom. Is-snin sittin kien iħobb isemmihom wisq, għax kienu jfakkruh meta kien għadu żagħżugħ u jiġi Selmun jorqod ma' nannuh.

Darba oħra mort mas-sieħeb ta' ħajti, Tony, niltaqa' ma' Ġużeppi, il-Miżieb. Kemm kien iħobbu dak l-ambjent hemmhekk; jintilef jaħdem l-għelieqi; waħdu, waħdu bla ħadd ma jtellfu. Għamilna nofs ta' nhar miegħu ifehemna u jgħallimna. Għalkemm kien qaleb is-sebgħin sew, kien għadu ħafif, jaqbeż min naħa għall-oħra bla xkiel ta' xejn. Kuntent dejjem meta jkun qrib il-ħamrija, qrib l-art, qrib il-ħxejjex, jonqox, ibejjet, jiżra' u jħawwel u jsaqqi u jnaqqi.

Imma issa Ġużeppi, kif kont insejjaħ li Joseph Felix Cachia jien, ħalliena, tbiegħed minn magħna għal dejjem biex, fl-ewwel jum ta' Ottubru 2024, beda jgħix ħajja eterna fil-beraħ tas-smewwiet. Ħallielna tifkiriet tant sbieħ u għeżież tiegħu. Tifkiriet ta' poeżiji miktubin b'ilsienna li tant kien jgħożż, għarfien fuq is-siġar tal-bonsai li tant kienu għal qalbu, rakkonti u esperjenzi minn ħajtu, u ngħid għalija kull fejn indawwar wiċċi qalb il-beraħ ta' Selmun inħossu miexi ħdejja, ikellimni, jgħallimni u nisma' l-għanja ta' mħabbtu tidwi qalb il-beraħ u l-ftuħ ta' madwari.

Strieħ fis-sliem etern, għażiż Ġużeppi.

Selmun
21 ta' Ottubru, 2024

## IX-XWEJJAĦ TAL-ĦARRUBA

**(b'ħajr lil Ġużeppi tal-ħbiberija tiegħu u ta' kemm jgħallimni)**

Sirt midħla tiegħu bosta
lil dax-xwejjaħ tal-ħarrub
ikun dejjem lest b'risposta
illi taf tmiss sew il-qlub.

Mogħni b'għerf kbir tan-natura
jifhem ħafna fil-bonsai
jaf jitkellem fuq kultura
tal-iSpanjoli u tax-Shangai.

Kien għalliem ta' ħafna xjenzi
l-istudenti tant ħabbewh
dejjem lest b'xi referenzi
ta' tant kotba li tant sqewh.

Minn tfulitu jħobb il-beraħ
minn ċkunitu jħobb il-ftuħ
qalbu għan-natura fetaħ



[Ritratt: ohmymalta.com]

deher mill-bidu għalxiex maqtugħ.

Twieled f'Raħal il-Bambina
dan kien fl-ewwel jum ta' Mejju
ommu kienet Katerina
u missieru jismu Karmnu.

Waqt żgħoritu qalb ix-xagħri
jiġri w jilgħab fil-widien
dejjem jgħarrex, mhux faħħari
jixxabbat b'sogru kullimkien.

Waqt żgħożitu sikwit wennes
lil nannuh f'razzett Selmun
kompla qalbu hemmhekk kebbes
għan-natura f'kull staġun.

Missier ommu, Ġamri Vella
ta' Feliċ, laqamhom kien
quddies dejjem fil-kappella
tal-Palazz tassew viċin.

Il-qanpiena kien jismagħha
ftit imġenġla mat-tbakkir
nofs telgħa malajr jitlagħha
bla dewmien u bla tnikkir.

Illum li sirt nafu sewwa
kliemna jkun fuq l-ibgħad żmien
ta' meta jiena fi tfuliti
nilgħab kont ma' tfal subien.

Imrieħel nagħ'ġ dejjem insemmu
lej' l-Ħewwiexa u l-Latnija
karettuni, issa ntemmu
fanali mkebbsa filgħaxija.

Insemmu anki bdiewa, giren
laqmijiet nafuhom sew
xogħol tal-bdiewa l'issa ndifen
uġigħ f'qalbna dawn ħallew.

U nistabru xħin madwarna
naraw siġar tal-ħarrub
huwa tant lil dawn iħobbhom
ħabib anki tal-ballut.

Hemm ħarruba xiħa sewwa
meta tasal il-Ħewwiexa
hemm jintasab jara d-dnewwa
b'għajnejh isqra u għarriexa.

Iħobb sewwa jxomm riħithom
mimlija kollha żah'r u nwar
jidħol taħt kennet werqithom
jiftakar sew fejn kienu l-bjar.

Fi xjuħitu sikwit jiġi
b'ferħ m'uliedu jżur Selmun
għalkemm naqqas sew mill-ġiri
duwa l-arja fil-pulmun.

Kif jitfaċċa fil-quċċata
f'nofs it-telgħa mal-lemin
ir-razzett li hemm faċċata
jfakkru dlonk fis-snin sittin.

U jixxabbat, ixomm pjanta
jgħid isimha bil-Latin
xi taqbila jibda jkanta
jgħożż il-kant tagħna l-Maltin.

Ngħożżha sew dil-ħbiberija
li twaħħadna mal-passat
f'qalbi nross din l-armonija
ta' żmien b'għożża ċċelebrat

Jalla dal-ħabib tant twajjeb
ikompli jgħanni għal ħafna żmien
taħt ħarruba f'dan l-irħajjel
b'kuraġġ u tama fil-ġejjien.

**Selmun ... 20 ta' Novembru, 2023**



Joe Felix Cachia (wara lemin), Rita Gatt (wara xellug), flimkien ma' ulied Joe, Claudine u Stephen



# XANDRU JAGĦLAQ MITT SENA

**Rakkont ta' Jane Micallef**

**L-Ewwel Parti**

Il-kejk, tond u kbir biżżejjed biex jesa' l-mitt xema' rqiqa marsusa ma' xulxin mad-dawra, kien lest biex jinqasam u jitgawda mill-familja numeruża u l-ħbieb miġbura fis-sala.

In-numru 100, lazz oħxon ta' ġelu blu kien jidher sew fuq il-bjuda lixxa daqs l-irħam ta' wiċċ il-kejk. Ix-xemgħat mixgħula ngħaqdu f'dawl wieħed itajjar ċirku ta' xrar irqiq bħal minjatura ta' raddiena tal-festa. Iserraħ fuq banketta ftit għolja, Xandru deher lest bil-paletta tal-fidda f'idu biex jagħti l-ewwel għafsa fil-ġelu tal-wiċċ biex il-kejk jitqassam.

Dan seħħ fl-ewwel ta' Marzu tal-2020. Eżatt mitt sena qabel, il-majjistra tar-raħal kienet tatu f'dirgħajn ommu Katarina, wara li kien ilha tassisti magħha sigħat sħaħ mill-jum ta' qabel, qabel għalqilha ż-żmien. Donnu Xandru baqa' jagħmel ħiltu biex ma jixrifx minn ġuf ommu qabel ma jżernaq jum ġdid, u b'hekk jiffranka l-iskomdu għal ħajtu li kien twieled fid-29 ta' Frar, għax ħasel li dik is-sena, l-1920 kienet biżestili. Man-nofs siegħa tal-għada filgħodu fetaħ ħanġra liema bħalha u werżaq l-ewwel twerżiqa.

"Għandek tifel ibigħ is-saħħa Katarin!" tennitilha l-majjistra, waqt li mesħitilha minn wiċċha l-għaraq tal-kedda li din kienet ħadet, għax allavolja twieldet qabel żmienha, forsi sforz l-għali għat-telfa taċ-ċkejken Carmenu, it-tarbija kienet ġmielha u ħabtitha sew sakemm xirfet għad-dawl tad-dinja.

Illum, mitt sena wara, Xandru għadu għaddej ġmielu. Mard serju qatt ma keddu. Dejjem għaraf jgħix bil-qies u qatt ma għabba 'l ġismu b'piż żejjed għax baqa' dejjem attiv. Kien ifittex kemm jista' l-arja tal-beraħ tal-kampanja u dik tal-baħar, fis-sajf jieħu xi għawma u fix-xitwa jagħmel xi sagħtejn jistad bil-qasba. Ma kienx jonqos ukoll li jlaħħaq mal-ġardina ċkejkna wara d-dar fejn trabba, iħawtel, iħawwel u jsaqqi skont il-ħtieġa tat-temp. Dan fil-Ħdud jew xhin itemm xogħlu mal-bank tal-ħanut tal-merċa fejn kiber u trawwem ma' missieru. Meta beda joqrob għall-ħamsin sena, ħtieġlu jieħu l-ħanut f'idejh għal kollox u jkompli jservi fih meta missieru kellu kontra qalbu jirtira.

Twil ġmielu, imma mhux tant li jagħti fil-għajn. F'żgħożitu, aktar kienet ir-ras xagħar folt u mġiegħed kważi ħamrani li kienet tiġbed l-attenzjoni. Illum, għall-għira ta' bosta rġiel oħra ħafn'iżgħar minnu, ftit li xejn tilef minnu, ħlief li issa xagħru nbidel f'maxta fiddiena u pulita tleqq madwar wiċċu. Ħaddejh baqgħu mimlija, id-dbabar roża ta' fuq ħuġbejh illum aktar qawwija f'lewnhom, imżejna 'l hinn u 'l hawn b'għadd ta' nemex li akkumpanjawh tul ħajtu, imma li issa tkattru xi ftit u skuraw aktar. Mill-bqija, ir-raddi u s-snug tal-mixja tas-snin għażlu li jgħaddu ħafif ħafif minn fuqu u jfittxu toroq oħra.

L-aktar li mar lura Xandru kien f'għajnejh. Dawn wirtu l-lewn ċelesti ċar ta' ommu u minn kmieni l-vista kienet ftit dgħajfa, tant li meta beda jitfarfar kellu jarma nuċċali li kien iżomm f'għajnejh għal ħinijiet twal speċjalment meta ried jaqra jew jikteb. Iżda għal okkażjonijiet speċjali f'ħajtu kien jevita li jilbsu, allavolja dan kien ikun moħbi f'xi but għal li jista' jkun. Fl-okkażjoni tal-lum l-istess għamel, iżda fl-ebda ħin ma ħarġu mill-but fejn kien imdeffes, fl-inforra tal-ġakketta.

Xandru minn dejjem kien tifel, tfajjel, u aktar tard ġuvnott u raġel sabiħ, u fi żmien żgħożitu kienet tferfer qalb kemm-il tfajla li kienet għal raġuni jew oħra tiġi f'kuntatt miegħu. Iżda sa minn tfulitu, għalkemm għal ħafna snin dan baqa' sigriet f'qalbu, tfajla ftit iżgħar minnu li ma kinitx toqgħod wisq 'il bogħod kienet diġà serqitlu qalbu. Għalkemm ta' ġuvnott kien konxju bil-ħars li kien jirċievi, dejjem għex bl-akbar rettezza u qatt ma ta wiċċ lil ħadd. Xi naqra vanità iżda ma tonqosx u tibqa' dejjem tnemnem fis-subkonxju tal-bniedem, xejn inqas għal Xandru, saħansitra fl-età venerabbli ta' mitt sena.

Iżda l-akbar grazzja ta' Xandru kienet u għadha li baqa' dejjem ilvent, ċajtier u b'moħħ luċidu għall-aħħar sal-ġurnata tal-lum. Missieru Ġużeppi, li kien bla skola, u dejjem ried minn ħaddieħor, għamel ħiltu biex uliedu jiggwadanjaw kemm jistgħu mit-tagħlim limitat offrut dak iż-żmien, biex ma jkollhom bżonn ħadd u jkunu kapaċi jaqraw u jagħmlu l-kontijiet weħidhom. Xandru kien intelliġenti sew u fi ftit xhur ta' skola kien kapaċi jimxi 'l quddiem bil-ħila tiegħu innifsu.

…………………………………………

Maris u John ħarġu għall-ewwel darba lil binhom ta' xahar għall-arja. Kienu qegħdin isuquh fil-pram imżanżna ġdida fjamanta, waħda mir-rigali li qalgħu minn għand in-nanniet. Wara li John saq lejn il-promenade twila tul ix-xatt tal-Gżira, hu u martu niżlu u armaw il-pram. Maris geddset sew lit-tarbija fil-kutra ratba tas-suf, tellgħet il-hood tal-pram u t-tnejn bdew il-passiġġata tagħhom ferħana għall-aħħar, bit-tarbija rieqda kuntenta misjuqa quddiemhom.



Maris u John iżżewġu sentejn ilu, fl-2018. It-tnejn spiżjara, kienu ltaqgħu fil-bidu tal-kors tagħhom fl-università, u nkarmu għal xulxin mal-ewwel darba li ġew wiċċ imb wiċċ. Illum, ferħana sa jtiru, it-tnejn ħassewhom li qegħdin imissu s-sema b'idejhom. Libsu u tgeddsu sew, għax kien l-aħħar ta' Jannar, u għalkemm il-bnazzi u x-xemx fietla, il-kesħa tinħass sewwa. Kien qrib it-tlieta ta' wara nofsinhar u dak il-ħin, il-bankina wiesgħa kienet tgħodd biss numru żgħir ta' nies għaddejjin fuqha.

Ħin minnhom Maris intebħet li mara żagħżugħa li kienet miexja lejhom mid-direzzjoni l-oħra ma' waħd'oħra maġenbha, waqfet zopptu fil-mixi tagħha u bdiet tiffissa lejha.

F'daqqa, din tat is-salt u ħaffet b'ġirja lejhom, hekk li Maris u żewġha nħasdu u kellhom huma wkoll jieqfu mill-mixi tagħhom.

Il-mara, li s'issa ħadd mit-tnejn ma kien għadu għaraf min segħet kienet, dawret dirgħajha madwar għonq Maris u għafsitha magħha f'tgħanniqa kbira.

....."Oh my God! Don't tell me!", din kważi werżqet hekk kif inġibdet lura u ħarset dritt f'wiċċ Maris.

Kienet Moira, waħda minn sħabha tas-6th Form, li kien ilha ma tara l-isbaħ tmien snin. Dik ta' magħha li baqgħet wieqfa ftit lura, wkoll kienet wiċċ ġdid għal kollox. Lil Moira stess Maris bilkemm għarfitha, kieku mhux għal-leħen għoli u l-espressjonijiet bl-Ingliż li minn dejjem kienet tħobb tfajjar.

"Isa ħej....." kompliet din, "mela you got married donnu! .... U bil-baby wkoll! Congrats ta, both of you," u b'daqqa t'għajn lejn John kompliet, " .... u dan ir-ragel tiegħek I gather!"

Mingħajr ma stenniet tweġiba ħatfet id John biex għafsithielu bis-saħħa, waqt li ferħitlu talli saret tafu. Imbagħad tat titwila għal ġol-pram fejn it-tarbija, forsi bl-għajjat tagħha kienet għadha kemm bexxqet għajnejnejha.

Mgħaġġla biex ifittxu jeħilsu minnha, mingħajr ma stenniet aktar mistoqsijiet, Maris tatha r-risposti kollha li bassret din kienet sa titlobha.

"Ħadt gost li ltqajt miegħek Moira, ..... u kienet veru ta' bla ħsieb! .... Iva, dan żewġi John u dan il-baby tagħna. Ħriġnih l-ewwel darba għal ftit arja. Għad għandu tliet ġimgħat."

Moira reġgħet deffset rasha kemm setgħet taħt il-hood tal-pram u x'ħin iddrittat kompliet,

".... Mela boy! How sweet! X'inhu ħelu! ..... imma jien ma nitħajjarx ta, qabel għaxar snin oħra żgur li le! Sejra tajjeb ħafna kif jien fil-karriera ta' designer! Le! għalija too much hassle!

Hawn donnha reġgħet ħasbitha tkomplix iżżid xi ħaġa oħra fuqha nnifisha. Minflok dawret id-diskors.

".... U x'semmejtuh dan il-bundle of joy?"

"Dan Xandru tagħna," weġbitha fil-pront Maris.

.... "Xandru? Xandru? .... Ah yes! Kont insejt! Smajt li reġgħu qed isiru fashionable dawn l-ismijiet antiki tar-raħal! .... Xandru, Indrì, Ninu, Peppi .... how funny u?"

Dak il-ħin daret lejn ħabibitha biex tara tkomplix magħha. Din, minn fejn kienet baqgħet wieqfa sa dak il-ħin, bdiet tmidd żewġ passi lura, tatha daharha u dawret wiċċha lejn il-baħar.

Maris weġbitha kważi bil-ħatfa.

"Semmejnih Xandru b'rispett kbir għal buż buż nannuh li għal grazzja t'Alla għadu ħaj u ftit ġimgħat oħra ħa jagħlaq mitt sena."

"Ara! Veru? How lucky! ... God bless mela!"

Maris tat ħarsa twila lejn l-arloġġ, u wara tat oħra li fissret ħafna lejn għajnejn John u bdiet iċċaqlaq bil-mod il-pram biex tfittex teħles minn xi salt paroli oħra minn dil-proxxmu li kellha tinqala'.

".... Issa skużana Moira għax sarilna l-ħin li mmorru lura. Jekk jibda jibki bil-ġuħ Xandru tagħna mur waqqfu!"

U b'ħarsa oħra u ċaqliqa ħafifa ta' rasha lejn żewġha, reġgħet bdiet timbotta l-pram 'il quddiem bi ftit aktar enerġija milli kien meħtieġ.

...................................................................

Michael, missier Maris u ta' ħuha Joe, kien ilu sena jaħseb u jikkonsulta ma' wliedu, ma' martu Martha, ma' ommu Maria u mal-kumplament tal-familja numeruża x'rigal setgħu jagħmlu lil Xandru għal avveniment hekk straordinarju bħalma hu għeluq il-mitt sena.

Michael issa qabeż il-ħamsin. Xandru jiġi nannuh. Michael baqa' wild waħdu għax ommu ħaslet romlot żgħira meta hu kien għad għandu ħames snin. Kien trabba sew u b'għożża kbira minn ommu Maria, iż-żgħira mit-tliet ulied ta' Xandru, u li kienet baqgħet tgħix fid-dar kbira tal-ġenituri tagħha wara li ħutha l-kbar iżżewġu u marru jgħixu band'oħra. Għalhekk, u bir-raġun, Michael kellu rabta kbira m'ommu u man-nanniet Xandru u Lieni. Mart Xandru, Elena, it-tfajla ċkejkna ħabiba ta' tfulitu, li kulħadd kien jaf bħala Lieni wkoll għexgħet ħajja twila sa 92 sena, u issa kien ilha nieqsa biss ħames snin. Qabilha kienu ġew nieqsa, l-aħwa l-oħra, erbat ibniet, li kellu Xandru. Il-kbira kienet marret soru, u t-tlieta l-oħra mat-tmintax, dsatax kienu żżewġu.

Sa fl-aħħar, sitt xhur qabel l-okkażjoni, ġiet organizzata laqgħa għal kull min mill-familja xtaq u seta' jieħu sehem biex tiġi diskussa, u jekk jista' jkun finalizzata din id-deċiżjoni.

Joe, ħu Maris, fl-aħħar ħareġ b'idea li ntogħġbot u ntlaqgħet b'entużjażmu minn kulħadd. Hu, li issa ta' 21 sena

kien imħarreġ sew fl-informatika, u kien għadu qiegħed jispeċjalizza fuq studju avanzat ta' programmar u servizzi oħra fil-kamp tal-IT, offra soluzzjoni ideali biex jinħoloq dan ir-rigal speċjali għal Xandru.

Il-ħsieb tiegħu kien li jsir slide show b'ritratti u filmati qosra mis-sena 1920 meta twieled Xandru li jwassal sal-ġurata tal-1 ta' Marzu 2020, jum għeluq il-mitt sena tiegħu. Meta spjega l-proġett li kellu f'moħħu, Joe kompla jżid li dan kien sa jtaffi l-problema tal-vista dgħajfa ta' bużnannuh. Il-filmat seta' jintwera fuq skrin kbir ta' televiżjoni kull meta mixtieq. L-ewwel darba anzi, għall-okkażjoni tal-festin, jista' saħansitra jintuża skrin kbir tal-films fis-sala tal-lukanda fejn għad iridu jorganizzaw ir-riċeviment. Dawk li jittieħdu fil-jum tal-okkażjoni nnifisha, ikun jista' jinkludihom fil-jiem ta' wara biex il-filmat jispiċċa bihom u hekk ikun komplut.

Ir-riċerka storika tal-perijodu ta' dawk is-snin offra li jagħmilha Joe stess, bl-għajnuna ta' missieru Michael li kien sar midħla sew ukoll fl-użu tal-kompjuter. L-oħrajn kollha kellhom jikkollaboraw billi jfittxu kwalunkwe materjal, tagħrif u ritratti li setgħu jgħaqqdu din il-biċċa xogħol li kellha tferraħ mhux ftit lill-għażiż tagħhom, imma żgur tibqa' rikordju għall-familja kollha u għal kull min ikun jixtieq kopja.

Kulħadd intela entużjażmu u feraħ lil Joe li ħareġ b'idea hekk stupenda. Minn dak il-ħin stess beda x-xogħol impenjattiv għat-twettiq tal-proġett.

....................................................................

Meta wasal il-jum taċ-ċelebrazzjoni, bint Xandru Maria, megħjuna minn mart binha Martha, ħadet ħsiebu sew lil missierha.

X'ħin tlestew il-preparazzjonijiet kollha, dan kien lest biex joħroġ, liebes qalziet tal-corduroy blu skur, poloneck tal-istess kulur u fuq kollox ġakketta ħoxna u fina tas-suf b'nisġa ta' ħafna lwien, maħduma flimkien f'disinn kompatt u mqabbes. Imdawra m'għonqu libbsuh xalpa twila, sufija u ratba lewn il-mustarda, li tikkumplimenta sew il-lewn prinċipali minsuġ fil-ġakketta.

Din it-tibdila ħa ħsiebha Gabriel, ħu r-raġel mejjet ta' Maria, li għadu jiddierieġi negozju esklussiv tal-ħwejjeġ tal-irġiel u li dejjem baqa' viċin ħafna tal-mara ta' ħuh u tan-neputi Michael. Wara l-mewt ta' ħuh, meta kienu għaddew aktar minn sentejn ta' luttu kbir għal kulħadd, Gabriel kien xtaq b'ruħu u ġismu jiżżewweġ lill-armla ta' ħuh, iżda din żammet sħiħa l-fehma tagħha li wara t-telfa ta' żewġha Mikiel ma tħares lejn ebda raġel ieħor. Kienet fuq ix-xewqa tagħha stess li hi u Mikiel kienu taw lil binhom l-istess isem ta' missieru, u din l-għażla apprezzatha wisq aktar meta żewġha ġie nieqes.

Għalkemm ma żżewġux, Maria u Gabriel baqgħu dejjem viċin xulxin u jinħabbu aktar minn żewġ aħwa. Għal Mikiel dan kellu jkun ukoll biżżejjed, u għażel li jibqa' għażeb. Issa li kiber sew fis-snin, kellu xewqa u tama kbira li Michael li kien iqisu daqs iben naturali għalih, jaċċetta l-offerta li għamillu li jgħaddi n-negozju għal kollox f'idejh.

It-tibdila ta' Xandru, bl-opinjoni wkoll li ħa mingħand Maria u Michael, ġiet ordnata minn Milan, minn waħda mill-aqwa djar tal-moda maskili u waslet Malta xi xahar qabel. Lil Xandru ġietu pinġuta. F'saqajh Xandru għażel li jilbes il-papoċċ iswed ta' kamoxxa fina, "ta' nhar ta' Ħadd" kif kien jgħidlu, u li kien iħossu komdu sew bih.

B'wiċċu lixx, bil-leħja mqaxxra friska minn Michael, u b'xagħru ħjut fini ta' fidda tleqq mimxut pulit bil-ferq fil-



ġenb u bi troffa mqarba tittawwal għal fuq moħħu, iserraħ fuq il-bastun favorit tiegħu, wieqaf għal ritratt ħdejn il-bieb ta' barra, kont tgħoddu b'xi artist famuż u issa rtirat ta' Holywood.

Għall-ħabta tal-għaxra u nofs, wara quddiesa ta' radd il-ħajr fil-kappella li tinsab tefgħa ta' ġebla bogħod mill-lukanda fejn ġie mħejji r-riċeviment, il-familja u l-mistednin kollha mxew l-erba' passi li kienu jwasslu lejn il-lukanda, biex hemm igawdu dak kollu li kien imħejji għas-sigħat ta' wara. Dak il-ħin kważi kulħadd kien għadu kommoss, jikkummenta u jfaħħar lil Fr. Arthur, qarib tal-familja, għall-omelija sabiħa li kien niseġ.

Xandru ma qatax qalbu. Għalkemm kemm-il wieħed minn dawk preżenti offra li jwasslu bil-karozza, Xandru rrifjuta ġentilment u minflok mexa pass pass maġenb Maris u John. Kultant, bi skuża, biex ikun jista' jieħu nifs, beda jieqaf ftit jittawwal fil-pram, li fiha, b'għajnejh ċelesti miftuħa beraħ, kien qiegħed igedwed waħdu, kuntent u mbissem, Xandru tar-raba' ġenerazzjoni.

## ĦAJKU U KWARTINA

Għodwa xitwija:
sħabiet fil-għoli jpassu
fuq tila kaħla.

Inħares lejn is-sema
xi ħaġa qed tinħema.
Tgħid jonfoħ daqt ir-riħ?
Jew ġejjin jiem mis-sbieħ?

**PATRICK SAMMUT**




## *IL-POEŻIJI U L-ESEJS KRITIĊI MIĠBURA* ta' Andrew Sciberras

**Kumment ta' Tarċisju Zarb**

(Dan il-ktieb huwa mqassam hekk: Kelmtejn ta' Oliver Friggieri; Il-poeżiji; studji dwar il-poeżiji ta' Andrew Sciberras; il-poeżija; esejs kritiċi; dwar l-awtur. Fih 534 paġna.)

Jinħass li hemm mod wieħed kif tgħix. Jew forsi aħjar jingħad, li hemm mod wieħed kif xi ħadd jissieħeb fih innifsu u ma' ilħna oħra f'firmament kbir u wiesa', li mhux lakemm taħfnu fil-kobor u l-wesgħa tiegħu. Imma l-proċess hu proċess li jgħin lil min jissieħeb fir-riħla tiegħu biex iħossu li qiegħed jivvjaġġa. Jirħal f'mogħdijiet newronali. Mitiċi. Veritieri. Li fihom iħossu li huwa parteċipi.

B'xi mod, f'xi waqt, f'xi mkien, dan it-tirħil, dan l-ivvjaġġjar, u saħansitra dan l-istess tiwqif, isir parti konxja minn proċess inkonxju, li aħna l-ħin kollu għaddejjin nissieħbu fih. U fil-proċess dan l-istess tisħib isawwarna, jagħmilna u jibnina.

Hemm newrotrażmettività għaddejja tissempiterna ġewwa fina, li tissemma jew ma tissemmiex. Tinstema' jew ma tinstemax. Tinkiteb jew ma tinkitibx hija tibqa' hemm. Dejjem tikkundizzjonana. Issawwarna. Tagħmilna. Tikkuntemplana. U aħna nikkuntemplawha.

U għaldaqstant ma nagħmlux ħażin. Ma jagħmilx ħażin Andrew Sciberras li jterraq f'daw' it-toroq stramani. Imwiegħra. Daqskemm konxji fl-istess skonxjożità tagħhom biex b'hekk iħossu bħala t-terrieq għaddej jitterraq u jterraq f'dawn in-naħat li jagħmluh u jsawruh.

U dan jagħmlu billi jilliriċizza. Jikteb il-poeżija. Jiffilosofizza. Jikteb b'mod filosofiku, daqskemm jitħasseb fil-fond dwar filosfi partikolari. Jiddjaloga, permezz tal-proċess kritiku analitiku. U jimxi pass pass ma' naħat oħra ta' personaġġi varji, forsi inqas mitiċi minn xi Nietzsche, imma li jagħmlu parti minn dan l-ippajsaġġjar tagħna bħala Maltin.

U f'dan l-ippajsaġġjar huwa joħloq id-djalogar. Joħloq l-analiżi kritika. Id-diskors li permezz tiegħu jara b'modi oħra diskorsi ta' xeħtiet varji, fid-dawl ta' tiftix lingwistiku, filosofiku u seħiebi, hekk kif ikun qiegħed jipprova jfannad f'xi versi jew oħra.

Għax Andrew Sciberras mhuwiex il-bniedem li jieqaf. L-Andrew Sciberras u l-Andrew il-fannied, fl-iskritti mhux biss tiegħu, imma wkoll ta' ħaddieħor, ta' ħassieba, poeti, filosfi oħra li magħhom huwa jissieħeb f'dehwa u enerġija.

U f'dan l-ipproċessar, huwa ma jiqafx biss f'dak l-ipproċessar li jagħmel hu, imma jidħol ukoll fl-ipproċessar li jagħmel ħaddieħor. Ħassieba oħra. 'Kritiċi' oħra. Analizzaturi oħra. Itinerjaritajiet oħra.

U b'dan il-mod jissawwar il-kostrutt-Andrew – kostrutt uniku, fis-sens li barra li jissieħeb fil-lingwistiċità, l-influss u l-fluss tat-tiklim, huwa jieqaf ukoll biex jara li lil dan l-istess fluss lingwistiku jagħtih forma u struttura li tkun tista' titwassal lil ħaddieħor fil-forma stampata.

B'dan il-mod il-kostrutt-Andrew ma jiqafx f'naħa waħda ta' din l-għoġba-ħtieġa tal-kitba, imma fir-rappreżentazzjoni ta' proċess sħiħi – komplut. Proċess ta' dan it-tip, jgħin lill-istess Andrew biex iħossu bħala l-kompilatur, l-eżekutur, u d-disinjatur daqskemm il-kreatur ta' dan il-proċess li aħna naraw il-forma fiżika tiegħu permezz tal-ktieb.

Andrew Sciberras, madankollu, barra li jidħol huwa f'dan il-proċess, idaħħal miegħu u jixpruna ħassieba oħra biex ikunu parteċipi f'dan it-tip ta' ħolqien u pproċessar ta' kitba fuq kitba fuq kitba – mod ewlieni kif aħna nsawru lilna nfusna intellettwalment, emozzjonalment, affettivament, u mentijiet oħra.

Andrew Sciberras, għaldaqstant f'dan il-ktieb jidħol hu bħala

l-poeta, huwa nnifsu bħala l-kritiku ta' xogħlijiet oħra ta' kittieba varji, kif ukoll bħala l-kompilatur ta' xogħlijiet ta' kritika ta' kritiċi oħra li għal dawn l-aħħar snin sawru din it-tip ta' fenomenoloġija.

B'dan il-mod f'dan il-ktieb, l-istess bħal ħafna u ħafna kotba oħra li huwa ppubblika matul meddet is-snin, huwa ta u għadu qiegħed jagħti kontribut siewi mhux biss lil-letteratura u l-ħsieb kritiku, imma wkoll il-ħtieġa li aħna nieqfu nixtarru l-ideat, it-tiħsib u l-*forma mentis* ta' dawk li f'dawn l-aħħar snin, b'mod speċjali mis-snin sittin 'l hawn, sawru wisq aktar minn dik li aħna nsejħulha l-letteratura Maltija.

Fi żmien ikonoklastiku bħal dak li għaddejja l-ħajja, wieħed għandu jara li jinkoraġġixxi liż-żgħażagħ fit-tiħsib kritiku-analitiku, l-apprezzament ta' dak li hu sabiħ u tajjeb, u dawk l-aspetti kollha varji li jsawru, jekk xejn f'qiegħ qiegħna. Hawnhekk hawn xogħol li student/a fil-livell ta' Masters jista' jieħdu biex janalizza l-mod kif kritiċi varji sawru l-kostrutt kritiku letterarju Malti.

Lil Dr Andrew Sciberras, jiena nawguralu aktar ħidma u tfannid li jsawwar, jibni u jagħti r-ruħ lilna bħala individwi kif ukoll bħala miġemgħat li għaddejjin il-ħin kollu nippruvaw naraw kif nagħmlu biex niltaqgħu ma' xi xintilla li ddawlilna l-itinerarjetà tagħna.

## MASS MEDIA

Perlini perlini
ejjew xadini
perlini perlini.

Ejjew ixtru l-perlini
ja xadini
l-prezz daqs żewġ
mandolin bnin.

Inwegħdukom
ja xadini
min jixtri kuljum
żewġ perlini bil-prezz
tal-mandolin
bnin bnin
iż-żmien isir bla konfini
u tilħqu kull fini
fil-ġnien tal-konkubini.

Perlini perlini
ejjew xadini
llum b'xejn il-perlini.

Għada jafu jkunu
skont is-suq li jsuq
u l-perlini jkunu ogħla mix-xadini.

## PALESTINA

Il-ħmara mgħakksa
titbaskat taħt xemx Palestinjana
bid-dubbien tal-Fataħ
rikbin fuq daharha
bil-ġlekk u l-ingravata
maħsudin
b'ombra oskura
tat-tkexkix u twaħħix
dieħla fil-moskea
fejn is-sandlijiet
insatru bit-trabijiet tat-tifkiriet
u xappet l-irjus dekapitati
tal-għasafar ta' Gaża
fid-dmija kkonsagrati
tal-martri irvellati
u temgħathom lill-firien armati
bil-briegħed letali
u berkithom qabel il-missjoni
u wriethom it-trejqa
li twassal għand il-politiċi gglorifikati
bl-istilla ta' David
fejn il-ħnieżer jiddeċiedu
bla ebda oppożizzjoni destin ta' poplu.
U ħasset raġġ dawl felħan
muxgħar u ħadran
tippenetralha l-membrana
u l-ġewwieni jissawwab
bl-għatx klubi tal-mibegħda
u battlet machine gun
f'suq f'Tel Aviv
u berrħet idejha dritti
u werżqet:
"QUMU".

## SITWAZZJONIJIET

Qalulek
li int idjota ta' veru
l-antiteżi ta' Dostoyevsky
qoffa miżgħuda
b'tuffieħ ħażin
li ddakkru minn xulxin
u meta rriżulta li dan ma kienx
ħarbu lejn l-għerien
u seħtu wieħed lil ieħor
li l-pjan tal-qerda ma rnexxiex
u l-infern ta' Dante
ddivorahom f'nifs.
U int li tiġġieled mal-mostri
ta' ġewwa fik
bħal għassies
segwi kull tħarrika
anki dik ta' nemusa
sabiex għul ma ssirx.
U jekk iżżebbeġ għal żmien twil f'abbiss
l-abbiss bħal belliegħa jibigħlek fih.

**ANDREW SCIBERRAS**
(Minn: *Il-Poeżiji u l-Esejs Kritiċi Miġbura*, 2024)



## *THE SHADOW - POEMS FOR THE CHILDREN OF GAZA, Ed.* Ahmed Miqdad and John P. Portelli, Horizons, 2024

*Frontispizju u xogħlijiet ta' arti ta' Malak Mattar, b'introduzzjoni ta' Aħmed Miqdad u John P. Portelli u apprezzament tal-professur Jamil Khader mill-Università ta' Bethlehem bit-titlu 'In the shadow of death'*

**Kumment ta' Tarċisju Zarb**

Il-poeżija. Kull poeżija, kemm jekk mistqarra jew meqjusa bħala tali, kif ukoll jekk le, hija, dejjem djalogu. Djaloġika. Hemm taħdita għaddejja l-ħin kollu. Taħdit li jitħiedet kontinwament bejn 'naħitijiet' varji tal-istess kumpendju uman.

U dan jgħodd b'ċertezza għall-poeżiji ta' Aħmed Miqdad u John P. Portelli, żewġ ilħna minn naħiet varji tal-ġeografija tad-dinja, li eżistenzjalment jidħlu fl-intimu ta' xulxin biex jitkellmu dwar dak li jkidd. Jgħerreq. Iħawwad. Jeqred. U fl-istess ħin isostni dan l-istess titriq bejn il-wieħed u l-ieħor. Bejn in-naħa u l-oħra.

U għaldaqstant f'dal-ktieb tad-'dell', aħna nissieħbu ma' żewġt ilħna li jwieġbu lil xulxin dwar it-traġettoriji umani – traġettoriji suwed, li għal xi raġuni jew oħra jassaltaw jeqirdu dak li aħna lkoll nixxennqu għalih – is-sewwa. Is-sabiħ. It-tajjeb. Id-dejjiemi.

Imma le, hawnhekk żewġt ilħna, il-wieħed minn Gaża u l-ieħor minn Malta jitkellmu ma' xulxin bil-poeżija. Bix-xigħr. Bil-qasiida. Bil-vers ritmuż. Bil-metaforizzazzjonijiet varji li tagħtina din il-formula ta' discourse, biex hawnhekk f'din id-dimora, ifittxu u jippruvaw jesprimu d-dellijiet li qegħdin jobfuskaw id-dinja tal-madwar. Il-gwerra, u d-deżolazzjonijiet u d-dipressjonijiet varji li jżuruna b'saħħa tremenda minn żmien għal żmien f'dal-vjaġġ li ngħidulha ħajja.

U l-Midqaq u l-John Peter jissieħbu flimkien biex joħolqu djalogu empatetiku bejniethom dwar din il-qagħda ta' dinja li għaddejja teqred dak li hu sabiħ u tajjeb kemm fil-livell ta' pajjiż sħiħ, kif ukoll fil-livell tal-intimu tal-bniedem, għax bħal qisu dan huwa parti mil-lehġa li jgħidulha ħajja.

U f'dan id-djalogu aħna nisimgħu tnehidiet varji. Anaforijiet varji. Linji 'storti' varji. Linji paralleli varji. Linji ritmiċi, aritmiċi, diretti, indiretti varji. U b'hekk jinħoloq il-briġġ. Il-pont bejn żewġt erwieħ li bil-lingwaġġ intimu tagħhom jippruvaw jikxfu xi ftit minn dan is-sens ta' qrid u qerda, għawġ u tigħwiġ, mard, u qagħdiet iebsa, li kull tant żmien iżuru lilna l-bnedmin kemm fil-livell makru kif ukoll fil-livell mikru.

U dawn huma xi wħud mill-ilfiqiet imsieħba taż-żewġ poeti, il-wieħed f'Gaza u l-ieħor f'Malta u li t-tnejn jissemmgħu għall-qagħdiet imwiegħra tat-tbatijiet tal-Palestinjani, u bejniethom joħolqu dad-diskors empatetku ta' min joffri, jixtieq li jsib u joffri solliev f'daw' l-istess therwiliet ta' qagħdiet ta' tbatija veri u proprji, li l-Palestinjani kienu u għadhom għaddejjin minnhom taħt il-qilla ta' Iżrael. Dawn huma kif jibnu u jsawru l-poeżiji tagħhom.

U dawn t'hawn taħt huma eżempji ta' kif jiġi espress dan l-angst. Dal-qtigħ il-qalb. Dil-qagħda kiebja, anzjuża ta' umanità li tinsab taqla' ġo fiha l-vleġeġ ineżorbilabbli ta' diq li jfannad sal-qiegħ u joqtol.

Miqdad u Portelli jitkellmu ma' xulxin, hekk kif jgħaddu l-linji-elettroniċi bejniethom, bil-għan li jagħtu xi tip ta' viżibiltà dak li jidher diġà fl-istrixxa ta' Gaza, u f'qiegħ qiegħha. Iż-żewġt ilħna jinstemgħu jwennsu lil xulxin qalb it-tifrik u d-damdim għaddej riefnu fuq dawn l-imkejjen.

U l-linji tagħhom mhumiex linji li jaħbu d-dlamijiet traġiċi, imma li juruhom fid-'dawl' imdemmi tagħhom. Id-demm jgħaqqad lil dawn iż-żewġ naħiet tad-divarju uman.

U l-omm arketipalizzata Palestinjana ta' Miqdad u t-tfajla Gażjana ta' John Peter jitkellmu jgħajtu dwar din it-traġedja ta' poplu sħiħ, b'lingwaġġ li juri sewwa sew qagħda ta' ruħ devastata, imtertqa quddiem għadu li m'għandux ħniena.

U sadattant, minkejja kollox il-ġenoċidju jkompli, u d-dinja tibqa' hemm passiva bla ma tiċċaqlaq quddiem din l-avalanka ta' mwiet u l-qerda ta' poplu sħiħ. Iż-żewġ poeti, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jidħlu f'passaġġi empatetiċi ta' min jaf, jagħraf u jifhem dak li qiegħed iseħħ f'din in-naħa tad-dinja, quddiem daqshekk passività minn min suppost jaf aħjar.

U sadattant it-tfal qegħdin imutu – mewta bla ħniena –

quddiem għadu li ma għandu ħniena minn ħadd u minn xejn, anke jekk iż-żewġ poeti jitkellmu u jippruvaw ifakkru u jiftakru b'dal-qtil tal-innoċenti.

Il-Palestinjani mhumiex numri. Il-Palestina ma tistax tintqasam jew tiġi sottratta. Il-Palestinjani għandhom id-dritt li jgħixu bħall-bnedmin. Hawnhek iż-żewġt ilħna poetiċi jidħlu f'xulxin u jixxennqu li l-Palestina tgħix għal dejjem. Jekk le, aħjar jinqerdu l-Palestinjani kollha.

Filwaqt li fuq naħa waħda l-poeta Palestinjan jammetti li

We are not numbers,

we are the stars
in the dark sky,
leading to the straight path.

We are not numbers,

We are the olive trees
in the barren desert
giving light and fire.

(...)

we are the difficult number
no one can divide or stubtract
we are Palestine.

**(*We are not numbers* p. 40)**
**(Miqdad)**

huwa kien poeta dipress mimli diqa, nieżel 'l isfel sa qiegħ ruħu, il-poeta Malti jsibha diffiċli jippreżenta lilu nnifsu quddiemu meta jara li l-istess 'niesu' kienu qegħdin jinnegawlu l-eżistenza tiegħu.

Yes, I am the depressed poet
the caged bird with broken wings
the one caught in barbed wire and concrete
helpless and disconsolate.
But no one comes to my song,
I sing to hear my own aching
to console my shelled heart
over what cannot be restored.

**(*The depressed poet*. p.46)**

Imma minkejja dawn it-tbatijiet kollha, il-poplu Palestinjan se jibqa' jiġġieled sal-aħħar qatra demm, isostni l-Miqdad, filwaqt li l-John-Peter jiftakar f'Gaża u kif hu jista' jibgħat 'garża' biex biha jkun jista' jinfaxxa l-ġrieħi ta' din l-istess belt.

U s-seħib djaloġistiku bejn il-Miqdad u l-John-Portelli jibqgħu għaddejjin jirrakkuntaw u jirrakkmaw f'xulxin din l-istorja mdemmija ta' tbatijiet li minnhom għaddej poplu, li minħabba deċiżjonijiet storiċi safa' vittma ta' attakk f'attakk f'attakk sa mill-1948.

Versi ta' dan it-tip miktuba minn żewġ ilħna li jinfilsu f'xulxin għandhom jgħinuna biex aħna ma nibqgħux bierda quddiem it-tbatijiet ta' poplu sħiħ, u kull wieħed u waħda minna, bil-mod tiegħu jagħmel li jista' biex titnaqqas din it-tbatija.

Il-lirika li nsibu f'dan il-ktieb, mgħammed *The Shadow* li fih

Kill us all
or let us live like humans,
shrieked the wife of the deaf man
lost in the streets of Gaza,
makeshift cemeteries reeking of blood
where children ceaselessly count the countless
in the school of life without walls
without books without teachers
under a flapping plastic roof.
Kill us all!

**(*Kill us all* p. 41)**
**(Portelli)**

insibu poeżiji ddedikati lit-tfal ta' Gaża hija miktuba b'lingwaġġ mimli ħsus u emozzjonijiet li jwasslu sewwa sew il-qagħda fflaġellata li jinsab għaddej minnha l-poplu Palestinjan.

I shudder as I remember the innocent smile
of your son in the picture you sent me last year
now torn apart for ever.

**(*Dear Ahmed* p. 47)**

Il-poeżiji huma miktuba b'mod li jinftiehmu minn kulħadd.

Il-ktieb jista' jinkiseb minn www.horizons.com.mt info@horizons.com.mt

Il-qliegħ mill-bejgħ tal-ktieb se jingħata lil Gaza.


INTRODUCCIO

# il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

## NANNIET

**minn mistoqsija ta' Martina**

"Tista' tkellimni n-Nanna?"
Le, qalbi, ma tistax.
Issa m'għadhiex magħna
u lilha ma tismax.

"Jekk nitkellem tismagħni?"
Tisimgħek jekk tkellimha,
titbissem xħin lejk tħares
kulmeta ssemmi isimha.

"Minn fejn tkun qed tarani?"
Mill-ġenna, mal-Bambin,
ferħana f'ħajja ġdida
ma' anġli qaddisin.

"X'nagħmel biex lilha nara?"
Agħlaq daqsxejn għajnejk
u stħajjel wiċċha sbejjaħ
u xofftejha fuq ħaddejk.

"Biex tbusni, Nann, u tbusni?"
Iva, tbusek kuljum,
bewsa kbira qabel torqod
u filgħodu malli tqum.

"Nannu, għaliex qed tibki?"

**ALFRED CARUANA RUGGIER**

## L-ABBISS

dak il-baħar misħut għalik
jgħidu li hu s-serenità
issa bla sabar ukoll

u int erġajt mitluf fl-abbiss
li ħloqt għalik innifsek
mill-bidu nett
titqatel ma' mewġu
tal-gidba toħloq gidba
dipressiva
tax-xejn li għarbilt
bla tmiem
ma ssibb l-ebda serħan
imkien

tittama biss fit-tluq
li ġie u mar
bix-xemx
bħal qatra nida
ta' filgħodu

**JOHN P. PORTELLI**

## MILIED GAŻA

milied gaża mhux bambin tax-xama'
jew presepju gagazzan
u pasturi wiċċhom roża
biz-zkuk u l-fanali......

milied gaża, milied id-demm,
jinxef maż-żrar,

u dmugħ simentuż
mal-ħajt bla sentimenti.

milied gaża d-dagħa kontra ż-żijonisti,
u l-garar ġebli mdagħdagħ.
milied gaża, riħa ta' kadavri,
u omm iddisprata.
milied gaża raġel immankat,
u ras tarbija vjola.
milied gaża mqartas fl-isfortuni,
ta' identitajiet minsija.

**MARIO GRISCTI**

## ASSENZA

X'inhu dal-lejl mudlam
bi kwiekeb mingħajr dija?

Ma nafx!
Naf biss li llejla
erġajt ma kellimtnix.
Sejjaħtlek, ma smajtnix;
ħabbattlek, ma ftaħtlix.

Xtaqt miegħek ngħid kelmtejn
u nserraħ ftit il-menti;
iżd'inti, madankollu,
erġajt ma kontx preżenti.

'Mma t-tama tiżgurani
li għada jerġa' jikbes
in-nar minn ġol-ġamriet
li jikwu taħt l-irmied

u jerġgħu jiddu l-kwiekeb
fis-smewwiet.

**CARMEL G. CAUCHI**

## L-ART TAL-ORAKLI

U tkellmu l-orakli jitbissmu
bi kliem mixtarr sew miksi ħlewwa
f'wegħdiet ta' ġenna fl-art
lejn min lilhom jafdalhom is-setgħa.
Il-kliem intiseġ għasli fil-widnejn
ta' dawk li jemmnu kollox
għax iħossuhom se jgħixu f'utopja
li xxettel il-ward mingħajr xewk ...

U nkisbet ix-xewqa mixtieqa.

L-orakli mill-ġdid reġgħu tkellmu;
imma issa leħinhom jistona
instema' mill-kotra miblugħa
hekk kif kollox inbidel f'tebqa t'għajn;
kif il-ġenna tal-art għalihom għosfrot
u l-wegħdiet ġew imsarrfa f'purgatorju
għax dak imwiegħed
ma nstabx kif maħsub.
Imbagħad bi ħsieb
magħġun u maħsub sewwa
tgħajru w xlew lil xulxin dawn l-orakli
b'inkompetenza w korruzzjoni
quddiem il-fidili pupazzi
jiżżeffnu fin-nofs, imħawdin,
ġewwa dik l-art tal-politka u l-klikek
imlefilfa f'illużjoni.

**SALV SAMMUT**

## L-IMTAĦLEB

Taħt sema kaħlani, imtektek,
fi ftuħ ir-rebbiegħa
sibt l-hena tal-wied.
Ix-xemx taħraq għasel
imfettla b'żiffiet bellusin
mexxietni fi triqti ġeblija
qalb għoljiet taflija
impittra ħuġġieġa bis-silla,
imbajda bl-għollieq u l-ġarġir.
Is-sikta madwari mifruxa
inkisret bil-għanja miġnuna
tan-naħal ħabrieki w ferrieħi
li tħalltet mal-għajta ta' bilbla
msaħħra b'dal-ġmiel tal-ħolqien.
Imtaħleb! Imtaħleb!
Bellahtni bi ġmielek!
Ħajjartni nintilef fi ħdanek
u noħlom is-sebħ tal-Ħallieq.

**JOHN MALLIA**

## IL-ĦAJJA

Il-ħajja ħġieġa -
daqqa tara ċar
u daqqa bi żlieġa...

Ħġieġa żebbieġa
ġieli tgħum fix-xaba'
ġieli mgħerrqa fil-ħtieġa...

Il-ħajja ħġieġa
kultant imreżżħa
kultant ħuġġieġa...

Ħġieġa ġeġwieġa
filli sħiħa
filli elf żġieġa...

Priżma tiġieġa -
id-dawl tbidu f'qawsalla.
Il-ħajja ħġieġa.

**JESMOND SHARPLES**

## MA NIFHIMX

Maż-żerniq
il-qtar tan-nida jqattru mal-art
u jħallu weraq xotti
sakemm
in-nida tispiċċa fix-xejn

U jiena nirrabja
kif nara l-weraq kannella jaqa'
u kif ir-riħ jiġġieled mal-friegħi tas-siġar
u joħroġ rebbieħ.

Inħares
u nara siġar imneżżgħa mill-weraq
u l-friegħi imqaċċtin.
U jien ma nifhimx
kif tħalli siġar
mingħajr weraq,
friegħi imqaċċtin,
jew ward nixfin.

**OMAR SEGUNA**

## DAN MADMAD ĠDID

M'hemm xejn sabiħ u għażiż fil-ġrajja tiegħek,
int ċkejkna kont u ċkejkna bqajt: dak sehemek.
Il-barranin li ġew saffewlek demmek,
u xħin għasruk irmewk bħal frotta mqadda.

M'hemm xejn li lili jista' jagħmel kburi
f'għemilek, fil-ħiliet, f'li tista' toffri;
għalkemm imkabbra 'l barra mix-xtut tiegħek
tintebaħ kemm int ċkejkna, O Malta tiegħi.

Għamilna passi kbar xħin sirna ħielsa
mill-madmad tal-barrani u mbagħad irqadna,
biex żmien bi żmien ħallejna lill-ħajjiena
jixtruna jew bi flushom ijassruna.

Mhux tal-Qawwiet il-Kbar jew tal-furbani:
dan madmad ġdid tal-ispekulaturi.

**ALFRED GRECH**

## INT GĦADEK ĠEJJA?

Rajtek ġejja lejja
b'awra bajda dwarek
tarmi d-dawl u d-dija;
bħal qlugħ iżiġġ il-mewġ
u l-baħar jofroq bla tbatija.

Rajtek ġejja lejja
bla qatt ma tasal ħdejja.
Nixfu bir-raxx tal-mewġ
għeruq għajnejja
u l-bewsa mietet fuq xofftejja.

U int?
Int għadek ġejja?
Għadek ġejja?

**ALFRED AGIUS**

## ŻAŻEN

ħajbura
ħsibijiet
titħarrek mar-riħ
f'moħħ infinit
ikħal
smewwiet

nixxiegħa t'ilmijiet
tmellisni
kif jien
wieqaf
b'għeruqi
fil-qigħan
mgħerrqin

tvenvin
l-irwiefen
ipespes
fis-smigħ
tal-kewn
li mehdi
qiegħed
Mistrieħ

**CHARLÒ CAMILLERI**
(Minn *Numina*, Horizons, 2024)

## DIN L-ART ĦELWA

Din l-art ħelwa
debba sfrattata bil-ħarqa
biċ-ċelloli ta' demmha
mlaqqta
b'għajnejha mgħammda
bit-trieħi ta' żewġ tribujiet
imqammta
ddur iddur mal-korsa
wiċċ il-qamar imfattar
bil-lagħba jilagħbu l-ewro
ma' liema skoll spuntat
se tinkalja u tisparpalja.

U jien bħall-Iben il-Ħali
xkora tal-faxx imlibbes
f'maqjel immaxtar il-ġandar
niftakar deluż fit-tifkira
tar-ritratt sfukat
ta' missieri skurdat
xadin arbulat.

**ANDREW SCIBERRAS**
(Minn *Il-Poeżiji u l-Esejs Kritiċi miġbura*, 2024)

## EGOĊENTRIŻMU

taħt sema suffett għaddejjin sriep ta' toroq
mimlija miraturi b'għajnejhom bunċijiet
lesti ħa jċaqqmu pari sokkjużi
ta' għajnejn adulti u minuri
iċċassati superstizzjużi għall-moti
ta' qniepen ġewwa l-kampnari
b'toqol ta' stonku jġorr id-dnub tal-gula
li ma jmorrux iċedu t-travi
u taħt il-kapptelli mkaħħla
jispiċċaw huma l-iddisgrazzjati.

**MARIO ATTARD**

## ULIED RAĦAL TWELIDI

Inħares f'wiċċkom
ulied raħal twelidi
ma nafkomx
imma nagħrafkom
ulied ulied ħbiebi u niesi
li ħallejt nofs seklu ilu;
illum l-art torba
miksija bil-qatran
jidfnu l-passi ta' nies bħali
li telqu jterrqu bla serħan
u għalkemm ma tafunix
jekk tħarsu f'wiċċi
tagħrfu li bħalkom
jien wild raħal twelidkom
anke jekk "Min int?"
ma tistaqsunix.

**JOE AXIAQ**
**(L-Awstralja)**

## EJJA IŻFEN MIEGĦI

Ejja iżfen miegħi –
qasira l-ħajja biex
diż-żifna titlesta sal-aħħar pass.

Għannaqni b'rasek ma' sidri.
Għannaqni hekk, hekk, iva, bla ma titlaqni
u isma' leħni qabel ma biss jasal sa fommi.

Żommli jdejja f'idejk.
Tħalli xejn jidħol bejnna –
il-ħajja qasira wisq biex nifhem sa mill-qiegħ
x'qiegħed ibaqbaq
fl-għeruq ta' ħsibijietna.

Sabiħa wisq il-ħajja biex titlifha
bħal werqa mar-riħ.
Ħudni, għożżni, għannaqni,
u nagħtik lili bla dellijiet
fuq art watja għaż-żfin.

**JOSEPH BONELLO**

## IR-ROTTA U L-KARROTTA

Dendluli dil-karrotta f'tarf ta' qasba -
għidtilhom jien nikolha, x'għandi x'nitlef!
'Mma mbagħad la tistennewx li nibqa' sejjer
bħal ħmar inlebbet fl-istess direzzjoni.
Jekk b'dil-karrotta riedu li jbegħduni
mir-rwejjaħ bil-lampik li jridu jaħdmu,
għalxejn jitħabtu sabiex jaljenawni -
jekk tibqa' n-nixfa mewwitija taħt dell il-qasba tal-karrotta
malajr indabbar rasi u nibdel ir-rotta!

**FRANK ZAMMIT**
*L-Awstralja*
**(Minn: *Mill-Bir ta' Qalbi*, 2023)**

## MILIED IEĦOR

Ftit ftit qed jerġa' joqrob Milied ieħor.
Ġa qed inħoss is-seħer tiegħu fija;
u għad li hi mitfija l-kewkba tiegħi,
se terġa' tixgħelhieli l-Fantasija:

u fid-dawl tagħha jien se nerġa' nemmen
il-kliem sabiħ maħżuż fil-kartolini;
se nerġa' nsib mill-ġdid il-ferħ ta' dari,
u nerġa' nemmen li mhux se' jħallini.

Se nerġa' nħossha ħelwa l-fewġa kiesħa
ta' nifs Diċembru jonfoħ fuq ħaddejja;
u r-riħa mingħajr fwieħa tal-ġulbiena
se nerġa' nxommha tfewwaħ f'imnifsejja.

Se nerġa' nara par idejn maħbuba
jixegħlu xemgħat ħomor fuq il-friegħi;
nar'hom mill-ġdid iqarstu ir-rigali,
u nerġa' nemmen illi għadhom tiegħi!

Se nerġa' nagħmel wegħda lili nnifsi
li s-seħer ma nitfihx mad-dwal milwiena;
se nerġa' għal sena oħra ngħix bit-tama
li qalbi tħoss dak li ngħidilha jiena!

**ALFRED PALMA**
**(Minn: *Preludji*, 1993)**

## L-EGOIŻMU

Minn rajna nġebbdu lkoll għalina nfusna:
il-qalb tal-bniedem tieħu trid, mhux tagħti;
għal kull wieħed, kull wieħed ieħor ħati
ta' nuqqas lejh! Arana w le ma tmissna!

Li kien għal qalbna ngħidu lkoll: "Ħarisna
mit-tiġrif tal-proxxmu tagħna!
Ibati kemm irid. Agħtina pasti w ġelati
u mhux fid-dwejjaq tiegħu l-inqas ishma!"

It-tagħlim tiegħu mhux ta' din id-dinja:
b'daqshekk iżda m'għandux ifixkilna
nogħlew minn trab l-art kull ħin jistedinna.

Qalilna nħobbu l-proxxmu w tana l-qies:
biex mhux aħna tal-formla nagħmlu l-binja
biex le tintrabat ma' li jaħsbu n-nies.

**WALLACE GULIA**
**(Minn: *Alla Deher lill-Bniedem*, KKM, 1990)**



## ĦALLINI NAĦDEM ĦIELES

Ħallini naħdem ħieles
ir-raba' tal-Miżieb,
fejn la xxekkilni l-għejja
u la jħeddilni l-ħsieb.

Fejn id-dehra tad-deru,
tas-sagħtar, tal-ħarrub
taf kif tgħolli l-ispirtu.
Taf kif tferraħ il-qlub!

U l-ħmura tal-pepprina
mal-abjad tal-ġarġir,
u l-isfar tal-ingliża
jinsġulek tapit kbir.

Tal-qrempuċ żgħira l-frotta
bilkemm tmiss max-xufftejn,
u tal-isfarġel qarsa.
Imma koll'huma b'xejn!

U għalkemm l-ispraġa tniggżek
u ż-żiju wkoll, mhux ftit,
u l-ħatba s-sewda tweġġgħek
u xewk issib kemm trid,

u l-ferla u l-bużbieża
bl-arblu tagħhom sabiħ,
jiżfnulek mal-ħafura,
meta jonfoħ ir-riħ.

Fejn l-għansar ma' Settembru
itellagħlek il-boll
iħabbar illi x-xita,
daqt tibda nieżla wkoll.

U t-te Sqalli jikbirlek
jgħaddilek minn ġol-ħajt
tengħud tax-xagħri, bħalu
mhux l-ewwel darba rajt!

Fej' l-pittma kemm hi pittma,
teħel ma' kulma ssib.
L-istess jagħmel il-leblieb.
Għalhekk għandu t-tleblib.

Araha l-ħarira kaħla,
jew roża kollha ward,
arah beżżul il-baqra,
jitmiegħek ċatt mal-art.

Likeni, suwed, sofor
ipittrulek il-blat
hemm griżi u hemm roża,
iħalluk issummat!

Frott iż-żebbuġ għasartha,
u anke kiltha din,
b'tadama u xi basla
fil-ħobża bis-sardin!

Bajtar tax-xewk imlewna,
bajdana, safranin,
jgħidulek, "L-aħmar aqwa!"
Nemmen li lkoll tajbin!

Lewż morr ġieli laqqamtu,
biex tani ħawħ tant bnin
għajnbaqar, nuċipriska,
fit-togħma tant ħelwin.

Fejn bambinella kelli
tant kienet tagħti frott
però s-susa qerditha,
u fadal biss zokk xott!

U l-bajtar agunija
mat-tin hu qiegħed imut
diġà qabad il-via
li minnha għadda t-tut!

U issa ż-żmien qiegħed joqrob
li jsejħilna l-Mulej,
'ma dan ftit jinkwetani
daqs dak li nara għaddej.

Għax bini dejjem tiela',
penthouses, flettijiet,
u ix-Xagħra tal-Għansar,
daqt ngħidu sparixxiet!

Madonna tal-Mellieħa,
Isma' talb l-imbikkmin!
Ara li jibqa' r-raba'.
Ħallina ferħanin!

Ħallina naħdmu r-raba'
kif in-nanniet sabuh
u jekk iridu wliedna,
huma ukoll jaħdmuh!

**JOSEPH FELIX CACHIA**
**(1944-2024)**




Deyan Sudjic
Język rzeczy
Dizajn i luksus, moda i sztuka.
sposób przedmioty nas uwodzą?
Karakter

# Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

## EXCAVATOR

That is a wasteland
of ruins, unseen
the entombed spirits, struggling
for nearly six hundred thousand years
still
cling to a glimmer of life

Beneath the relentless licking of the sun
finally
shrouded in rust
the excavator
on March 10, 2024
awakens
commencing
its symphony upon the ruins
with a clang, a clang...

**ZHANG ZHI**
*Iċ-Ċina*
*Translated into English by Prof. Yuqun Fu*

## LOOKING FOR YOU ENDLESSLY

I would not miss any picture exhibition,
I would go to studios,
I would peer behind easels
and look for your picture
for identity papers
under palette
which they use for your portrait when you are absent.
I would go to the museums
and swear in front of  women figures
from the Bronze Age
that I was the greatest fan of archaeology in the world,
even greater than the late doctor Jon Nestor
who was looking for the Past with a paintbrush
and he found all those things he had dug up also with a spade.
I would not miss any market
to observe  women's faces of those selling
and those with string bags
somewhere at the exit
I would stay till the end of the morning
until washmen  would come  with hoses
among the counters to sweep away all around
and wash their faces and legs.
I would stay for hours
in front of shop windows just arranged
and stare at them as at a distant past
trying
in radiant smiles of the plastic dolls
to see something I had not seen before
and to begin to talk to those
who cannot give me the answer.
Always I think up something new about you
and some new features I add to your face,
perhaps I will never find you
but I am sure you exist like that somewhere.

**NEDELJKO TERZIC**
*Is-Serbja*

## FROM ONE ITHACA TO ANOTHER

That strip of native land on which
I took my last steps
to board "The Shuttle" ship,
was left behind
and foggily was disappearing into the sea.

The white waves were foaming
angry with the separation.
Who is that person who does not shed a tear,
when losing something beloved?
Ulysses once took the long roads of despair in the seas,
sailed in every land, but never
did forget the place he was born
the ancient homeland that made him a king.
My Ithaca looked calm, but sad her soul
by the endless farewells.
Don't ask me how many Ithacas I have
in my heart,
I don't know, never counted them.
Every place that awaits for me is an Ithaca,
the same as others I haven't visited yet.
Memory can never find peace,
memories like Sisyphus are on the move and eternal
and when the present takes its own place
at the end of the line,
it turns its head back as being chased by shadows.
The blue sea in between the two shores
wakes me up from my dream and tells me:
don't turn your head back in remorse,
the cradle you grew up will always be there, now
look straight ahead, another Ithaca
is awaiting me.

**ARJAN KALLÇO**
*L-Albanija*

## GEORGE

there is a ghost that lives with us
in our apartment

his name is George
and he loves moving grapes

he is into dancing
and into making weird sounds in the middle of the night

George loves Christmas
so do we (flatmates)

we listen to Christmas music together
while he sways the curtains
the candle stays lit
a soft reminder that it's okay
for him to share this space with us

**ELIZABETE BIRGELE**
*Il-Latvja*

## VERSO "LE TRE STRADE" PER LA FORESTA

Sorriso semplice
hanno le casupole bianche
sperdute nella verde campagna.
A volte è solenne,
in eterno cangiare di luci
sui colli, puntinati d'antiche torri.
Fronde di salici,
sciolte ai venti,
mormorano pianto ai torrenti,
come sirene su mari di spighe.
Sosta un gregge,
tintinna lieve una campana
dalla solitaria chiesetta de "La Foresta"
e la risata d'un bimbo
è belato di candido agnello,
lontano dai lupi della terra...

**DANILO TERZAROLI**
*L-Italja*
**(Minn: *Briciole di pensieri*, Liriche Vincitrici di Premi Internazionali e Italiani, 1975)**

## UMANITÀ

Neppure ti accorgi
di vivere.
Inganni il tempo
attendendo la morte,
che ti trarrà
da questo quotidiano
affannarti,
tormentarti,
illuderti.

**LUIGI LOMBARDO**
*L-Italja*
**(Minn: *il sentiero della solitudine*, Lussostampa, 1974)**

## STONES AND BONES

here is a country where old men
gather in the capital and
speak their language filled with
stones
their syllables are chips of bone
they speak of lifting up a creed
while cold and still there under
their tongue is somebody else's child
or mine
bones and stones
our ears bleed
red and white and blue

**LUCILLE CLIFTON**
*L-Istati Uniti*
**(Minn: *Poets Against the War*, Ed. Sam Hamill, Thunder's Mouth Press/ Nation Books, 2003)**

## UNTITLED

Snow so fluffy and soft.
I like to run and jump into it.
It leads to peace and love.
Snow stops war and fights that lead to killing.
So snow come today.

**ALEXANDRA INDIRA SANYAL**
*L-Istati Uniti*
**(Minn: *Poets Against the War*, Ed. Sam Hamill, Thunder's Mouth Press/ Nation Books, 2003)**

# Minn Fuq

## 1– Ixkaffa






### *THE SHADOW: POEMS FOR THE CHILDREN OF GAZA*, Horizons, 2024

Din hija ġabra ta' 42 poeżija oriġinali ta' Ahmed Miqdad u John P. Portelli li juru dak li l-kittieba għaddew minnu mis-7 ta' Ottubru lil hawn. Il-poeżiji nkitbu fi żmien ta' taqtigħa: Miqdad minħabba l-oppressjoni inġusta u bla heda tal-Iżrael sa mill-1948; Portelli minħabba l-kanċer. Il-poeti jaqsmu magħna djalogu poetiku li juri sewwa dak li kienu għaddejin minnu, u fl-istess ħin juru s-sapport li taw lil xulxin. Skont Ghassan Zaqtan, kittieb Palestinjan magħruf internazzjonalment u rebbieħ ta' ħafna premjijiet letterarji: "These poems are an extension of personal destiny in an imagined and real geography. The two poet's intuition reveals a side path that leads to friendship. The poems exhibit an anxiety that grows parallel to the scenes provided so that they have a shadow. Anxiety is the charm of these poems, and it brings together the imagination of poetry with the imagination of place." Il-ġabra tinkludi wkoll daħla qasira imma profonda mill-Professur Jamil Khader li kien Professur tal-Ingliż u Dekan tar-Riċerka fl-Università ta' Betlehem. Khader kiteb hekk: "In a world where both personal and collective histories are threatened, this collection serves as a testament to the power of poetry to preserve life in the face of death and to give us hope, purpose, and the strength to endure. These poems embody acts of defiance against the forces that seek to erase life." Hawn għandna eżempju ħaj ta' kif il-poeżija tista' tagħti daqqa t'id lil min qed ibati. Il-ktieb jinsab għall-bejgħ mingħand Horizons Malta and l-ħwienet tal-Agenda. Il-qligħ mill-bejgħ ta' dan il-ktieb se jingħata lil Gaza.




### *DISA' OPRI* ta' Albert Marshall, Horizons, 2024

F'dan il-ktieb ta' 471 paġna Albert Marshall jaqleb għall-ilsien Malti disa' xogħlijiet magħrufa tal-opra klassika. Dawn huma *La Bohème*, *Carmen*, *Rigoletto*, *Tosca*, *La Traviata*, *Cavalleria Rusticana*, *Paljaċċi*, *Norma* u *Il-Barbier ta' Sivilja*. Għal min iħobb l-opra jew għal min dejjem xtaq isir jaf l-istejjer wara dawn l-opri daqstant magħrufin mad-dinja kollha imma ma kellux għarfien tal-ilsna li nkitbu fihom (it-Taljan u l-Franċiż), Marshall issa qed jagħtina l-opportunità naqrawhom f'ilsien art twelidna, il-Malti. It-traduzzjoni hija waħda mill-aqwa, l-istil mexxej, b'ilsien li jpaxxi lill-qarrej. Għalhekk bis-saħħa ta' Albert Marshall daħal f'qasam ġdid: l-opra. Kif jikteb Tony Cassar Darien, "U jekk forsi għad hemm min jaħseb illi l-Malti m'għandux wisq skop barra l-konfini tal-kċina, permezz ta' din il-pubblikazzjoni se jkun jista' jagħraf kif, meta mħaddem sewwa, ilsienna hu kapaċi jitħabbeb sew mal-Majjistra teatrali." Nicola Said ifakkar ukoll li dan il-ktieb se jkompli jsaħħaħ ir-rabta li dejjem kien hemm bejn il-poplu Malti u l-ġeneru tal-opra. Said jgħid ukoll li l-opra hija multidixxiplinari u aċċessibbli għal kulħadd u għalhekk tisfida l-idea li l-opra hija biss immirata għall-elite. Permezz ta' dan il-ktieb Marshall għalhekk qed jagħmel l-opra aċċessibbli għal kulħadd. Nifhmu wkoll kif kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom missirijietna fl-imgħoddi meta la kien hawn televiżjoni, la internet, u lanqas servizzi speċjalizzati bħal Netflix u l-bqija, mela fi żmien meta parti sostanzjali minn ħinhom kienu jqattgħuh igawdu spettakli bħall-opra fil-bosta teatri li kien hawn imxerrdin matul il-gżejjer Maltin. Marshall jintroduċi kull opra permezz ta' taqsira ta' kull att.




## *NUMINA* ta' Charlò Camilleri, Horizons, 2024

Dan hu ktieb li jiġbor fih mad-39 kompożizzjoni poetika. Fost dawn insibu xogħlijiet miktubin fi stili differenti: tradizzjonali, il-vers ħieles u anki l-vers projettiv. F'dawn tal-aħħar il-kelma titferrex b'mod liberu fuq il-paġna biex b'hekk twassal anki viżwalment dak li għaddej minn moħħ il-poeta. Fid-Daħla għal din il-ġabra intitolata "Bejnet il-Kewn li Jitħaddet", John Baldacchino jikteb hekk: "L-isem ta' dan il-ktieb, *Numina*, jagħtina ħjiel ta' kif is-sens tad-divin fin-*numen* ma ssibux f'xi figura primordjali li torbotna ma' sens ta' bidu mitluf. In-*numen* (singular) huwa ħafna, mhux wieħed jew waħda. F'din il-pluralità, hemm eternità ta' kulma jsir possibbli. B'hekk in-*numina* (plural) issibhom fid-divin li huwa preżent, u l-preżent huwa sew bikri u kif ukoll ġejjieni." Michael Zammit imbagħad fl-istudju inkluż fi tmiem il-ktieb intitolat "Stħa... Hjiel" iżid: "Inħoss li f'dil-ġabra, il-poeta qed ifittex li jsib wens fil-kenn mill-ħamba tal-kliem kollu, li fl-aħħar mill-aħħar mhux għajr kliem fieragħ. Kliem li fil-milja tat-tmejjil tiegħu, imma saħansitra fis-sewwa li jlissen, iqarraq bil-ħalq stess li jleħħnu u li fl-aħħar nett, dejjem ma jkunx għajr kliem li jostor u jaqfel f'għoqda l-illimiti numinali tal-għarfien sħiħ u sieket; u sieket u tqil, mimli u jfur, b'hena liema bħalha." Dawn ta' Charlò huma essenzjalment versi ta' spiritwalità u riflessjoni, miktubin b'Malti mill-isbaħ.




## *IL-POEŻIJI U L-ESEJS KRITIĊI MIĠBURA* ta' Andrew Sciberras, 2024

F'dan il-volum massiċċ ta' 534 paġna Andrew Sciberras jinkludi għażla tal-aqwa poeżiji li kiteb fuq firxa ta' snin, meħudin minn ġabriet poetiċi bħal *Il-Vjaġġ Poetiku* u *L-Aħħar Battuti*. Jolqtu mill-ewwel poeżiji ddedikati jew lil poeti oħra Maltin, kemm ħajjin kif ukoll li m'għadhomx magħna, kif ukoll personaġġi magħrufin mad-dinja kollha bħal Platun, Arthur Schopenhauer, Lou Von Salomè, Gabriel Garcia Marquez, Kleopatra, Elisabeth Förster-Nietszche, u oħrajn; versi dwar kwistjonijiet attwali bħall-Palestina, il-bomba atomika, il-pandemija, il-mass medja, u simili; u l-versi eżistenzjali u spiritwali. Jinkludi wkoll studji dwar il-poeżiji tiegħu miktubin minn studjużi differenti bħal Oliver Friggieri, Achille Mizzi, Tarċisju Zarb, Charles Briffa, Alfred Palma, Anton Sammut, u Patrick Sammut. Inklużi huma wkoll numru mdaqqas ta' esejs kritiċi li kiteb Andrew Sciberras stess u li jittrattaw kemm poeti li bdew jiktbu fis-snin sittin u anki dawk kontemporanji. Fost dawn Sciberras jikteb dwar il-poeżiji ta' poeti bħal Carmel Attard, Achille Mizzi, Mario Azzopardi, Daniel Massa, Charles Briffa, Raymond C. Grech, Michael Zammit, Gioele Galea, Louis Briffa, Jonathan Balzan, Carmel Scicluna, Tarċisju Zarb, Melanie Camilleri, Amanda Busuttil, Walid Nabhan, John Buttigieg, Patrick Sammut, Karl Schembri, Emmanuel Attard Cassar, Adrian Grima, Immanuel Mifsud, Norbert Bugeja, Victor Mifsud, Alfred Grech, Charles Bezzina, Jesmond Sharples, Antoine Cassar, Salv Sammut, u John P. Portelli. Andrew Sciberras isostni li b'dan il-volum qed jagħlaq żewġ ġeneri ta' kitba, mela l-poeżija u l-kritika letterarja. Dan il-volum jagħlaq il-kullana ta' ġabriet iddedikati lil kritiċi letterarji oħra bħal Oliver Friggieri, Tarċisju Zarb, Charles Briffa u Patrick Sammut.




## *IT-TIFLA LI MA KELLHIEX PET* ta' Emmanuel Attard Cassar, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2024

Din hija storja ħelwa għat-tfal li tieħu l-forma ta' poeżija magħmula minn 21 kwartina, mela strofi ta' erba' versi, b'versi ottonarji jalternaw bejn pjani u tronki. Apparti r-ritmu mexxej u ħelu tal-ottonarju hemm ir-rima mqabbża - mela t-tieni u r-raba' vers f'kull strofa jaqblu - biex jagħmlu dan ir-rakkont iktar idoqq għall-widna. Attard Cassar jaqbad okkażjoni sempliċi u li t-tfal tal-Primarja mdorrijin għaliha - Jum il-Pet - u minn hemm joħloq l-istorja tiegħu. Il-protagonista hija tifla, Silvana, li minħabba ċirkustanzi partikolari ma jistax ikollha pet id-dar, imma ewlenin huma anki l-bosta annimali li jissemmew matul ir-rakkont. Bħal fil-ħrejjef l-annimali jingħataw xi karatteristiċi umani. Din ta' Attard Cassar hija storja-poeżija li tħeġġeġ lit-tfal mhux biss jaqrawha u jieħdu gost biha, imma anki jagħrfu ċerti valuri importanti bħalma huma l-imħabba lejn l-annimali u l-pjanti, ir-rispett lejn id-deċiżjonijiet tal-ġenituri, imma anki l-apprezzament anki tal-iċken ħlejqa li teżisti fin-natura. Karatteristiċi ewlenin ta' kotba kbar bħal dan huma t-test miktub kbir u fl-istess ħin limitat, imma anki l-illustrazzjonijiet ikkuluriti u mill-isbaħ - hawnhekk ta' Stefania Farrugia - li żgur jappellaw għat-tfal li jixtiequ joqorbu dejjem iktar lejn il-ktieb u l-qari. Ta' min ifakkar li l-għan tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu huwa dak li ttejjeb il-ħajja tal-persuni u l-komunitajiet billi ssaħħaħ il-ħiliet fil-litteriżmu u b'hekk tgħin biex jitnaqqas il-faqar, tippromwovi l-inklużjoni soċjali, u trawwem il-benesseri personali. Verament, il-qari huwa għodda perfetta kemm biex nieħdu gost kif ukoll biex ninvestu f'ġejjieni aħjar għalina.




## *STORJA U KULTURA ĦAŻ-ŻABBAR* 2024, Ħarġa numru 14

Għal darb'oħra din hija pubblikazzjoni mimlija materjal interessanti li tgħaqqad flimkien komunità sħiħa, dik ta' Ħaż-Żabbar. L-editur, Malcolm Schembri, b'tant dedikazzjoni u sabar jirnexxilu jgħaqqad flimkien tant kitbiet ta' natura differenti: l-Editorjal, reċensjonijiet ta' kotba varji, riflessjonijiet mill-pinna ta' kontributuri differenti, apprezzamenti ta' personalitajiet Żabbarin ewlenin li ħallew din id-dinja, studji dwar suġġetti varji, fosthom storja u mużika, tifkiriet tal-Gwerra, intervisti ma' Żabbarin ewlenin, poeżiji, rakkonti, u ħafna iktar. Ma jonqsux jakkumpanjaw dan kollu għadd sabiħ ta' ritratti monokromi u bil-kulur, xi wħud minnhom li qed jidhru għall-ewwel darba. Naqbel ma' min darba qalli li *Storja u Kultura Ħaż-Żabbar* bil-mod il-mod qed issir tixbah sewwa lil enċiklopedija li tgħin lil dak li jkun jifhem iktar din il-belt li għandha l-identità partikolari tagħha imma dejjem parti minn spazju ikbar, Malta. U enċiklopedija bħal din żgur tgħin sabiex jinxteħet iktar dawl fuq l-għeruq Żabbarin biex fl-aħħar mill-aħħar dak li jkun jifhem iktar l-identità Żabbarija - komunità kulturalment ħajja tassew - imma anki Maltija, fil-preżent. Apparti l-editur, fost il-kontributuri nsibu lil Alfred Palma, Dr Karmenu Mallia, Alfred Ellul Galea, Mary Grace Bellia, Joseph Gafà, Amy Delicata, Vincent Zammit, Isabel Mallia, Mro. Manoel Pirotta, Charles Casha, Dr Dominic Garcia, Manuel Abdilla, Tarċisju Zarb, Rev. Prof. Mons. Hector Scerri, Vincent Caruana-Gauci, Rennie Abela, Dr Lawrence J.M. Galea, Emanuel Bonnici, Grazio V. Ellul, Mario Fenech u Patrick J. Sammut. Ħajr ukoll imur lill-kontributuri finanzjarji li jgħinu permezz tar-riklami biex pubblikazzjoni bħal din issir realtà.




## *MELA...* ta' Antoinette Borg, Merlin Publishers, 2024

L-isem sħiħ ta' dan il-ktieb ta' iktar minn 280 paġna huwa *Mela... L-storja stramba, straordinarja (u sigrieta) tal-ilsien Malti kif ma jgħiduhilekx fil-klassi*. Antoinette Borg, bl-istil divertenti, viżiv u riċerkat tagħha, toħodna fuq mixja-vjaġġ fl-istorja tal-ilsien Malti. Kif naqraw fil-ħarsetta, dan mhux ktieb "tedjanti u mimli studjużi serji, strambi u nnerdjati... mhux ktieb tal-iskola", imma "iħares lejn l-istorja tal-lingwa tagħna minn nuċċali differenti (u divertenti), u fiha jara nies bħali u bħalek, li jgħixu, iħobbu, iqumu, jorqdu u jitkellmu bil-Malti." Fih insibu illustrazzjonijiet ikkuluriti ta' Mark Scicluna, fosthom ta' personaġġi ewlenin fl-istorja ta' lsienna bħal Patri Fsadni u l-Prof. Wettinger, Dun Ignazio Saverio Mifsud, Ġ.F. Agius De Soldanis, M.A. Vassalli, Dun Karm Psaila, Ninu Cremona, Mons. P.P. Saydon, Doreen Micallef, u Michael Spagnol. Il-preżentazzjoni ta' dan il-ktieb hija sabiħa tassew, b'fonts u sottotitli ta' daqsijiet, kuluri, u stili differenti, taqsimiet jew tabelli b'tagħrif varjat bħal Fatt Kurjuż, Puntinteress, Kelmabonus, Taf Xiex?, Ħaġa Moħġaġa, Kwiżż Kif Imiss, Solvi l-Każ, Waqfa Gost, u tant oħrajn. Jinkludi fih noti kkuluriti fil-ġenb tal-paġni, fatti interessanti dwar personalitajiet magħrufin f'rabta mal-ilsien Malti, listi u tagħrif dwar qwiel antiki, tagħrif dwar xogħlijiet letterarji - proża u poeżija - varji. Il-ktieb jinqasam fi 12-il taqsima differenti. Fost dawn taqsimiet dwar il-Kitba bil-Malti, il-Grammatika, l-Alfabett, il-Battalja tal-Lingwi, il-Libertà tal-Istampa, l-Innu Nazzjonali, il-Malti bħala Ilsien Uffiċjali, Ilsien Nazzjonali, u Ilsien Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. *Mela...* huwa ktieb li ħareġ fiż-żmien adatt: veru li l-Malti qed inwarrbuh? Hu ktieb li jappella mhux biss għall-istudenti imma fuq kollox għal kull min għandu l-ilsien Malti għal qalbu u jixtieq jifhem aħjar u b'mod li jagħtik pjaċir, kif beda, żviluppa, min kienu l-protagonisti, u minn xiex għadda matul is-sekli.




## *SHADOW WOODS* ta' Roberta Bajada, Merlin Publishers, 2024

Dan hu ktieb li jikkonsisti minn 216 paġna u hu miktub primarjament għal udjenza żagħżugħa. Ħadt pjaċir naqrah għal bosta raġunijiet, però l-iżjed ħaġa li laqtitni kienet il-fatt li miktub f'kuntest ta' kultura Amerikana. Il-ġeneru jaqa' taħt il-klassifika ta' avventura, azzjoni, u fantasija, u l-kitba hi waħda ta' stil mexxej ferm. L-istorja tittratta l-ħajja ta' Daniel, il-persunaġġ prinċipali li jżur lil zijuh l-Amerka ma' familtu u frekwentement imur lura għall-passat meta żar Shadow Woods ma' sħabu u kważi spiċċa pparalizzat. Minkejja li l-kapitli - 14 b'kollox - huma pjuttost twal, il-qarrej jaf ma jagħtix kas minħabba li Daniel ta' spiss jalterna bejn il-preżent u l-passat u naraw kemm hi differenti s-sitwazzjoni madwar 30 sena wara. Daniel għandu karattru xettiku u ta' spiss jistaqsi jekk il-memorji tiegħu humiex affidabbli jew le, u għalhekk il-qarrej jiġi espost għal narratur inaffidabbli, mela li mhux ta' min temmen kompletament fih. L-istorja hi miktuba fl-ewwel persuna singular u minħabba f'hekk Daniel għandu ħafna awtorità fejn għandha x'taqsam in-narrattiva, mela l-irrakkontar tal-ġrajja. Jirrakkonta wkoll dwar kif ħajtu nqalbet ta' taħt fuq wara li mitulu xi membri familjari. Naħseb li dawn id-dettalji huma importanti għax iwasslu lil Daniel sabiex jirrakkonta b'mod iżjed immaġinattiv dak li jseħħ ġewwa Shadow Woods. Mhux soltu li naqra rumanz bil-Malti li hu ssettjat f'pajjiż differenti - eżattament fl-istat Amerikan ta' Texas - u miktub b'mod li jista' jinftiehem minn kull qarrej. *Shadow Woods* hu eżempju ieħor ta' rumanz bil-Malti li żgur għandu jogħġob tassew anki lill-ġenerazzjoni żagħżugħa. Għalhekk hu ideali bħala rigal xieraq għall-Milied.

**[Ħajr lil Andrew Sammut għal dan il-kumment kritiku]**


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont